# FRA GRAZZJA GAUCI AGOSTINJAN

*Il-Bniedem Tajjeb u Twajjeb ma' Kulħadd*

*Qaddej fidil tal-Evanġelju*

**Eman Bonnici**

Ippubblikat għall-ewwel darba fl-2017

© Drittijiet tal-kitba: L-awtur
© Drittijiet tal-edizzjoni: Provinċja Agostinjana ta' San Mark Malta

Qoxra: Dettall mill-pittura ta' Manwel Farrugia

Issettjat u stampat fil-Best Print, il-Qrendi, Malta.

ISBN 978-99957-1-083-5

# Werrej


Kelmtejn mill-Provinċjal ....................................................................5

Daħla mill-Kardinal Loris Francesco Capovilla....................................9

Kelmtejn mill-Awtur ...........................................................................11

Taqsima I ............................................................................................15

Taqsima II............................................................................................41

Biblijografija .................................................................................... 135

Kronoloġija ta' Fra Grazzja Gauci O.S.A. .......................................... 139

Ringrazzjamenti................................................................................. 141

Addenda ........................................................................................... 145

# Kelmtejn mill-Provinċjal

## Nimxu wara l-Ħaruf

San Ġwann, il-profeta kontemplattiv, fil-ktieb tal-Apokalissi (kap. 4 u 5) jiddeskrivi liturġija kbira li qiegħda tiġi ċċelebrata fis-sema. L-għassiesa tat-tnax-il tribù ta' Iżrael u t-tnax-il Appostlu li mxew wara Ġesù, qegħdin madwar it-tron ta' Alla li qed jilqa' l-Innu tal-Ħolqien: "Qaddis, Qaddis, Qaddis il-Mulej, Alla li jista' kollox, li kien u li hu, u li ġej." Imbagħad, ikompli Ġwanni, fuq it-tron ta' Alla deher ħaruf, bħallikieku kien maqtul. U l-ħolqien kollu, Iżrael, u l-Knisja nxteħtu quddiem il-ħaruf jadurawh u jkantawlu l-għanja tal-ħelsien. Din il-liturġija tkompli bid-dehra tal-maħturin li kienu għaddejja minn quddiem it-tron u li dwarhom wieħed mix-Xjuħ jistaqsi: "Dawn li għandhom l-ilbies twal u bojod fuqhom min huma, u minn fejn ġejjin?" U t-tweġiba: "Dawn huma dawk li ġejjin mit-taħbit il-kbir, u l-ilbiesi tagħhom ħasluhom u bajduhom fid-demm tal-ħaruf."

Nistqarr magħkom li din is-silta mill-Iskrittura minn dejjem serqet l-immaġinazzjoni tiegħi. Ili snin issa nġorrha f'qalbi u fil-memorja tiegħi. Tant tagħmilli ġid u kuraġġ! Hi silta li tkellimna fuq l-aħħar żminijiet, meta l-bniedem jersaq biex jiltaqa' mal-maħbub. Imma hi silta wkoll li tkellimna fuq l-'illum', għax fiha nindunaw li dak li ngħixu hawn, kif ngħixu u nġibu ruħna, għal min ngħixu u naħdmu...dan kollu għandu valur kbir quddiem Alla. Daqshekk hi sabiħa din ix-xena... għax tkellimna fuq is-sejħa li lkoll għandna biex hawn f'din il-ħajja

nimxu wara l-Ħaruf, sakemm jum wieħed niltaqgħu miegħu wiċċ imb wiċċ u hemm ingawduh għall-eternità. Hi għalhekk silta proverbjali li tmiss il-ġewwieni tagħna b'mod profond ħafna u tħeġġiġna biex ngħixu għalih dejjem! Dan biss hu l-meħtieġ!

Fil-preżentazzjoni tal-ħajja siekta ta' Fra Grazzja Gauci OSA (9 ta' Frar 1911 - 8 ta' Frar 2005), nixtiequ nwasslu mudell ta' persuna li bl-iktar mod ordinarju għex is-sejħa tiegħu. Mill-bogħod illum ninduna kemm kien bniedem iffukat biss fuq Alla...kont tħossha fih li kien qed jgħix għalih. Kont tħoss dan anke fid-dell tiegħu biss! Kien bniedem ħieles għal kollox mill-ħafna narċissiżmu u protagoniżmu li ġieli ssib fil-ħajja llum! Meta ntgħażilt Provinċjal, ħassejt li issa kien wasal iż-żmien, biex dan is-sentiment u fama ta' qdusija dwar Fra Grazzja li kien ilu jinħass diversi snin fil-qalb ta' diversi persuni, nista' nipproponiha lil ħuti. Ftit xhur wara tkellimtha mal-Kunsill Provinċjali u mbagħad infurmajt dwarha lill-Provinċja. Niftakar ċar li dakinhar kont ktibt li "Jien għandi tama kbira fija li jekk ilkoll kemm aħna, qabelxejn l-ewwel aħna bħala Provinċja, nitolbu b'passjoni lill-Imgħallem tal-imprevedibbli u nintelqu f'idejh b'fidi, Fra Grazzja jaf iqanqal lilna u magħna tant oħrajn biex bħalu, bis-sempliċità niggustaw il-Bxara it-Tajba u nkunu wkoll iktar xhud fit-tenerezza u l-ħniena."

Il-mod kif tul ħajtu kollha Fra Grazzja ntelaq totalment f'Alla, lili jfakkarni ħafna f'dak li darba semma l-Papa Franġisku: "Nistaqsikom: qegħdin inħallu lil Alla jikteb l-istorja ta' ħajjitna jew qegħdin infittxu li niktbuha aħna?" In-nies il-qaddisa huma kollha hekk... ħallew lil Alla jidħol f'kull fibra ta' ħajjithom tant li fihom wieħed jista' jesperjenza lil Alla nnifsu. Huma jgħallmuna li meta ma nfittxu xejn għalina nfusna, Alla jagħtina kollox; li meta nintelqu f'abbundun totali, imbagħad Alla jagħtina lilu nnifsu; li meta nitilfu ħajjitna, insibuha; li meta nersqu lejh bħala qaddejja battala, hu jilqagħna bħala wliedu. Lil Fra Grazzja li jien inħobb niddiskrevih bħala 'Qaddej fidil tal-Evanġelju'; nemmen li dan għexu kollu. Hu kien jaf li meta l-ħabba tal-qamħ taqa' fil-ħamrija u tmut, imbagħad tagħmel ħafna frott.

Fil-bidu ta' din il-mixja, jien ma nafx jekk din it-triq għadx tkun għat-telgħa jew le - għalkemm fil-verità diġà rajna barkiet sbieħ f'dawn is-sentejn - imma nemmen fiż-żerriegħa li qed niżirgħu, nemmen li dak li għex Fra Grazzja ma ntemmx miegħu. L-istess kif nemmen ukoll li x-xhieda tiegħu għadha tista' tkellem lilna u lil dawk kollha li f'dawn il-paġni għad jiltaqgħu ma' ruħ mill-isbaħ, ma' ħajja li ntfiet għal ħaddiehor u ma' qalb mimlija kollha mħabba għal Alla. Nafda f'idejn il-Qaddisin kollha tal-Ordni tagħna - ħutna l-iktar għeżież - din ix-xewqa tal-Provinċja tagħna, f'talba biex huma wkoll iħarsuna u jberkuna. U jalla jien u intom nibqgħu kuljum miexja b'tama kbira wara l-Ħaruf.

Rev. Dr. Raymond Francalanza OSA., S.Th.D.
Pirjol Provinċjali

24 ta' Ottubru 2016

# Daħla mill-Kardinal Loris Francesco Capovilla

*Lil Eman Bonnici*

Għażiż ħija,

Wara l-attestazzjoni sabiħa tan-Nunzju Roncalli, mistieden l-Alġerija fl-1950, fir-rigward tal-preżenza evanġelika ta' Fra Grazzja Gauci, iben elett tal-gżira ta' San Pawl, ningħaqad bi pjaċir miegħek u ma' persuni oħra devoti mill-gżira ta' Malta dwar il-kustodja u l-imitazzjoni tal-virtujiet li dan l-Agostinjan ħalla fl-art itturmentata u maħbuba tal-Afrika b'xhieda daqstant edifikanti. Nixtieq nista' nikteb madwar l-urna funerarja tiegħu, l-eloġju mogħti lil Ġwanni XXIII fil-funeral tiegħu fis-17 ta' Ġunju 1963 fil-Bażilika ta' San Pietru: tjubija magħmula persuna - ħabb b'tenerezza inkredibbli - lill-bnedmin kollha, bħala wlied - u fil-ħajja tiegħu, fl-agunija tiegħu, wara mewtu - kien minnhom maħbub mill-ġdid b'mod meraviljuż.

Affezzjonatament u bil-barka tiegħi,
+ Loris Francesco Capovilla

# Kelmtejn mill-Awtur

Darba waqt laqgħa li kelli ma' patri Malti fi ħdan Ordni 'l barra minn xtutna, hu u jgħaddili santa ta' membru ta' waħda mill-komunitajiet tagħhom li miet ftit tax-xhur qabel qalli, "Ħa, ħu din is-santa ta' dan il-patri b'tifkira u itolbu. Dan magħdud bħala qaddis; faċli n-nies tasal għall-konklużjoni li xi ħadd f'kunvent kien qaddis, imma meta din tingħad ukoll minn ġewwa, allura xi ħaġa jkun hemm veru, għax din ikunu qed jixduha dawk li għexu miegħu taħt l-istess saqaf minn jum għal ieħor." U propju dan tniżżel minn P. Luċjan Borg OSA., fin-nekroloġija ta' Fra Grazzja Gauci: "Unanimu kien il-ġudizzju tar-residenti tad-Dar tal-Kleru: Fra Grazzja kien raġel qaddis!"[1] Meta wieħed iħaddan il-ħajja reliġjuża, awtomatikament in-nies tħares lejh b'ċerta qima u rispett u minnu xi drabi tistenna l-impossibbli; tinsa li taħt it-tonka hemm l-istess bniedem tad-demm u l-laħam li kien hemm fid-dinja sekulari qabel is-sħubija fl-Ordni rispettiv; u tiskandalizza bil-kbir meta tisma' b'xi nuqqas min-naħa ta' xi ħadd minnhom. Forsi, għandha raġun, għax tistenna li persuna li qiegħda hemm biex suppost tagħti l-eżempju, ċertu affarijiet mhux biss m'għandhiex twettaqhom, imma lanqas biss taħsibhom. Tibda għalhekk tiġġudika u tqiegħed lil kulħadd fl-istess keffa u tgħid "dawk kollha hekk" u "dawk imisshom kollha..." U ngħaġġlu. Naqgħu fl-istess żball li nixħtu t-tajn, li t-tebgħa tiegħu ma tmur qatt. Biex naraw l-affarijiet minn kull naħa, l-aġir ta' rabja min-nies nifhmuh ukoll, għax huma fdaw minn ġenerazzjoni għal oħra, minn seklu għal ieħor, 'l uliedhom f'idejn il-kleru għall-

istruzzjoni kateketika u akkademika tagħhom; fetħet qalbha mas-saċerdot fil-mumenti diffiċli tal-problemi li jaf toffri bla mistenni l-ħajja, u għalhekk meta tisma' li tifel jew tifla taħt l-età sfat vittma ta' abbuż minn dik li l-istess persuna li fdat dejjem b'għajnejha magħluqa; meta tisma' u tara lil dak is-saċerdot li miegħu fdat il-problemi u n-niket tagħha, iħalli l-istat saċerdotali u jgħix ma' mara jew raġel bħalu, in-nies titnikket, u dan nifhmuh sew. Iżda rridu nifhmu wkoll li n-nies ukoll ħafna drabi tistenna wisq, forsi żżejjed mis-saċerdot; għalkemm tħobbu u tirrispettah, tistagħġeb u tiskanta meta tarah iħoss is-sħana, jitnerveż, jgħolli leħnu jew isabbat saqajh. Tinsa li huwa wkoll mhuwiex għajr bniedem, bħal kulħadd. Tinsa, tinsa forsi wkoll sforz tal-idea sabiħa li tħaddan tas-saċerdot u tar-reliġjuż. Jien ukoll ta' tifel kont nintilef nimmaġina l-ħajja fil-kunventi jien u naqra l-ħajjiet ta' San Franġisk ta' Assisi, Sant'Antnin ta' Padova u San Piju ta' Pietrelcina; kont nimmaġina ħajja perfetta ta' ġabra, skiet u talb, bil-membri li jifformaw il-komunità jħobbu lil xulxin fuq l-ispirtu tal-Vanġelu u jgħaddu ħajjithom iqassmu l-karità, jgħixu fis-sempliċità u l-faqar u jassistu l-proxxmu. Imma ta' tifel, jien ukoll insejt li dawn huma nies bħalna. Maż-żmien irrealizzajt li xi ftit jew wisq mort imqarraq, mhux għax fil-kunventi sibt xi ħajja diskla jew bla valuri, imma għax fhimt: fhimt li dawn huma nies bħalna, li kull wieħed minnhom ġej minn tfulija differenti, minn raħal differenti, minn ġenituri differenti, li jħaddan allura ideat u gosti differenti minn kull wieħed minna. Fhimt li anki l-aħwa, l-istess demm, imnisslin mill-istess ġenituri u mrobbija fl-istess dar, xi drabi wkoll ma jaqblux, aħseb u ara grupp ta' rġiel jew nisa jgħixu lkoll flimkien taħt l-istess saqaf. F'kull kunvent issib l-istess għamla ta' gruppi: il-patri li jqum tard, il-patri li jħobb jiekol, il-patri li ma jikolx il-kunvent, il-patri li ma jattendix għat-talb tal-Uffiċċju Divin, imma ma nistax ninsa, il-patri jew il-fra ta' eżempju, ta' ħajja paċifika, bit-tbissima dejjem fuq fommu. Huma dawn forsi s-sigriet tal-kontinwità tal-Knisja fit-tħaddin tal-ħajja reliġjuża fi ħdanha: dak il-patri, dak il-fra, li jaħdem fis-skiet mingħajr daqq ta' pompi, wara

l-ħitan għoljin tal-kunvent, u li minkejja l-problemi li jaf ikun ġarrab xi drabi mill-istess sħabu l-patrijiet, jissokta ħidmietu bi tbissima dejjem lesta lejn min isejjaħlu jew jgħaddi minn ħdejh. Propju wieħed minn dawn kien Fra Grazzja Gauci. Il-Fra ma kienx jinqata' mill-art bħal San Ġużepp ta' Copertino; lanqas ma kien jaqra l-qlub jew jgħaddi mill-bilokazzjoni bħal San Piju ta' Pietrelcina; ma kellux dehriet ċelesti jew safa l-mira ta' attakki dijaboliċi, lanqas ma nstab inkorrott fl-eżumazzjoni kanonika tiegħu. Kien sempliċi ajk. Sempliċi f'persuntu, fi kliemu, f'għemilu. B'sempliċi ma rridux nifhmu li moħħu ma kienx itih, imma li kien bniedem li minkejja li ħajtu aktarx kienet waħda servili fi ħdan l-Ordni, għaraf dejjem jaffrontaha u jgħixha bi tbissima u b'eżempju għall-istess membri tiegħu, li minkejja li ħafna minnhom studjaw u waslu għal gradi għoljin, fi Fra Grazzja sabu mera ta' xempju għall-ħajja reliġjuża, għax filwaqt li xi wħud minn dawk li studjaw insew xi ftit il-lat spiritwali fl-istat ta' ħajja li fittxew, Fra Grazzja minkejja l-bosta faċendi li kien marbut bihom, kont issibu dejjem minn ta' quddiem, imħeġġeġ għat-talb. Illum ngħid li kienet xorti għalija li ltqajt ma' dan il-bniedem għadd ta' drabi fl-aħħar snin tiegħu fid-Dar tal-Kleru, u li mwieżen miegħi, akkumpanjajt mill-kamra tiegħu għall-kappella u bil-maqlub meta kont ninzertah f'dawn il-waqtiet. Xorti akbar inħoss li kienet għalija l-laqgħa għal għarrieda mal-Postulatur Ġenerali tal-Ordni waqt passiġġata l-Birgu, li minnha tnisslet mixja sħiħa li wasslet għar-rikonjizzjoni tal-fdal u l-kumpilazzjoni ta' dan il-ktejjeb dwar Fra Grazzja, li illum li qed jitnieda formalment il-proċess għall-beatifikazzjoni tiegħu, bil-għan li min qed jaqra jieħu idea ta' min kien dan l-ajk, iben dehen ta' Santu Wistin ta' Ippona, u jirrikorri lejh fit-talb, bit-tama li għad narawh meqjum fuq l-artali tal-Gżejjer Maltin.

Eman Bonnici

# Taqsima I

## Introduzzjoni

Lil Fra Grazzja Gauci n-nies f'pajjiżna ftit li xejn semgħet bih. Dan għaliex għadda tnejn u erbgħin mill-erbgħa u disgħin sena tiegħu fl-Alġerija u dawk li għadda f'Malta u Għawdex, kienu snin ta' ħidma fis-silenzju fil-kunventi tal-Ordni tiegħu, fid-dar ta' niesu fl-Għarb u eventwalment id-Dar tal-Kleru fis-snin tal-irtirar. F'kelma oħra, ma wettaqx xi ħaġa li naqqxet ismu fil-memorja tal-poplu; ma kitibx opri kbar bħall-missier tiegħu fl-Ordni, Santu Wistin, jew bl-oratura tiegħu ġibed sal-attenzjoni tal-ħut bħal Sant'Antnin ta' Padova. Wettaq biss il-ħidmiet sempliċi, imma importanti fil-ħajja ta' kuljum, ta' purtinar, kok u l-faċendi mistennija jew marbuta mar-rwol tiegħu ta' kunvers. Għaliex allura, dan is-sempliċi ajk qiegħed ikun ippreżentat lill-qarrej permezz ta' din il-bijografija? It-tweġiba hija sempliċi: għax għex il-virtujiet erojċi proprju b'mod erojku, bi mħabba u b'eżempju għal dawk ta' madwaru. Propju għalhekk sempliċi ajk qed ikun magħżul minn fost il-membri kollha li ħaddnu l-Provinċja Agostinjana Maltija fl-istorja tagħha biex iservi ta' figura ta' min jimita għall-perfezzjoni tal-ħajja li twassal għall-qdusija. Għax il-qaddisin mhumiex nies ta' sekli qodma. Huma nies li għexu madwarna. U jekk kulħadd huwa msejjaħ għal din il-milja, figuri bħal Fra Grazzja jservuna ta' eżempju. Meta niftakar f'kemm persuni li kelli x-xorti niltaqa' magħhom illum huma kandidati għat-triq tal-qdusija, niftakar fi kliem P. Venanzio

Renier OFM. Cap. (1909 - 2008) f'intervista li saritlu ftit qabel miet: "Għaddejt ħajti kollha mal-qaddisin. Mindu kont tifel xtaqt insir qaddis. Kont naqra l-ħajjiet ta' nies li mietu mewta qaddisa fil-fwieħa tal-qdusija. Imma minkejja li wasalt fid-disgħinijiet tiegħi, għadni ma sirtx qaddis." Sarx jew le, inħallu f'idejn is-Sinjur. F'dan il-ktieb qiegħda tiġi pprezentata l-bijografija ta' Fra Grazzja mill-materjal kollu possibbli li seta' jinsab u mit-tifkiriet ta' dawk li għexu miegħu. Mhijiex bijografija ddettaljata minn dawk li ħallielna l-istoriku benemeritu P. Alessandru Bonnici OFM. Conv. (1936 - 2006), dwar persuni oħra Maltin fit-triq għall-qdusija. Fra Grazzja ma ħalliex kitbiet u lanqas ma waqqaf fundazzjonijiet, allura sew il-materjal skritt u sew dak tal-memorji xi drabi huwa limitat. B'danakollu it-triq għall-qdusija hija miftuħa għall-Insara kollha, saċerdoti u lajċi, miżżewġin u professi, li m'għandhomx għalfejn ikunu la saċerdoti, la Papiet u lanqas martri, imma nies li matul ħajjithom iħaddnu l-valuri Kristjani b'tant dehen li nsejħulhom qaddisin. U mħasseb mill-fatt li materjal dwar Fra Grazzja ma tantx għandna, il-Postulatur Ġenerali dlonk fakkarni f'ajk Agostinjan ieħor li jinsab miexi fit-triq għall-qdusija, Sebastián Elorza Arizmendi, li għadda ħajtu jservi bħala purtinar, u l-*Positio* tiegħu hija wkoll waħda qasira, madankollu dan ma jbiddel xejn mill-proċess li għalih hemm imħejji. Biex naslu nifhmu aħjar ħajjet Fra Grazzja u ħidmietu fl-Alġerija iżda, jeħtieġ li nagħtu ħarsa lejn dan il-pajjiż, lejn il-Maltin li emigraw lejh fl-aħħar tas-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin u l-Bażilika ta' Santu Wistin ta' Annaba, fejn Fra Grazzja għadda l-parti l-kbira mill-ubbidjenza tiegħu.

## L-Alġerija

Pajjiż li jkopri total ta' 2,381,741 kilometru kwadru, l-Alġerija hija l-għaxar l-ikbar pajjiż fid-dinja u l-akbar wieħed fl-Afrika u fil-Mediterran.[2] Bil-konfini tiegħu jmissu mat-Tuneżija, il-Libja, il-

Marokk, is-Saħara tal-Punent, il-Mauritania, Mali u n-Niġer, tgħodd popolazzjoni ta' madwar 38,700,000 ruħ. Pajjiż li ospita kulturi preistoriċi, imperi u dinastiji diversi, fosthom il-Proto-Berberi, in-Numidjani, il-Feniċi, il-Kartaġiniżi, ir-Rumani, il-Vandali, il-Biżantini, l-Ottomani u l-Franċiżi, illum disgħa u disgħin fil-mija tan-nies tal-pajjiż huma Għarab-Berberi[3] u l-persentaġġ l-ieħor, Ewropej, li jagħmilha l-ħamsa u tletin l-aktar pajjiż abitat fid-dinja.

Isem il-pajjiż ġej minn isem l-istess belt kapitali tiegħu, li bl-Għarbi, *al-Jazā'ir*, tfisser "Il-Gżejjer." L-eqdem evidenza ta' preżenza umana fil-pajjiż tmur lura 1.8 miljun sena ilu, bl-evidenza tkun biċċa għodda tal-ġebel misjuba fl-1992. Wara li l-indiġeni, imsejħa "Berberi" mir-Rumani, twarrbu lil hinn mill-kosta tal-pajjiż mill-invażuri li ħakmuhom, il-Feniċi waqqfu l-belt ta' Kartaġni madwar is-sena 800 q.K., illum Tuneż, kapitali tat-Tuneżija, u dan wassal għal tnedija ta' kummerċ bejnhom u bejn il-Berberi fil-qalba tal-Alġerija. Kartaġni eventwalment tilfet l-importanza tagħha kawża tal-Gwerer Puniċi u fis-sena 146 q.K., sfat meqruda. Intant il-Berberi sabu rwieħhom taħt il-ħakma Rumana, u ma damitx ma nħolqot oppożizzjoni kważi kostanti lejhom. Fit-tieni seklu w.K., daħal imbagħad għall-ewwel darba l-Kristjaneżmu, bi tribujiet tal-Berberi jikkonvertu bil-massa.

Bejn is-sekli tmienja u ħdax w.K., wasal imbagħad l-Iżlam u miegħu daħlet il-lingwa Għarbija. L-introduzzjoni tar-reliġjon u l-lingwa ġodda kellhom impatt qawwi fir-relazzjonijiet soċjali u ekonomiċi tal-pajjiż. Mar-"*Reconquista*" bil-waqgħa ta' Granada fl-1492, Spanja imponiet l-influwenza tagħha fuq il-kosta tal-Magreb u sal-1510 okkupat l-ibliet Alġerini ta' Mers El Kébir, Oran, l-Alġier u Bugia. L-Ispanjoli ħallew l-Alġier fl-1529, Bugia fl-1554, u Mers El Kébir u Oran fl-1708, iżda fl-1732 reġgħet okkupat dawn l-aħħar żewġt ibliet wara l-battalja ta' Aïn-el-Turk. Il-bliet baqgħu okkupati minnhom sal-1792, meta ġew mibjugħa mir-Re Karlu IV lill-Bej tal-Alġiers.

Għal tliet mitt sena mbagħad, l-Alġerija kienet provinċja tal-Imperu Ottoman. Fl-1815, il-pajjiż sab ruħu fi gwerra ma' Spanja, l-Olanda, il-

Prussja, id-Danimarka, ir-Russja u r-Renju ta' Napli, sforz tal-piraterija li tiegħu kien responsabbli fil-baħar Mediterran u t-traffikar tal-iskjavi Nsara fil-kosta tal-Barberija. Franza żammet l-Alġier taħt blokk għal tliet snin u fl-1830 invadiet u okkupat l-inħawi ta' madwar il-kosta tal-pajjiż. Eventwalment, il-kolonizzazzjoni Franċiża tal-Alġerija segwiet fil-pajjiż kollu, bl-Alġerini Lhud u Misilmin ikkunsidrati bħala suġġetti Franċiżi, imma mhux ċittadini. Fl-1865 iżda Napuljun III ikkonċeda l-permess li wieħed japplika għal ċittadinanza Franċiża, iżda ftit kienu dawk li applikaw għaliha, peress li min kien iħaddan fidi Iżlamika kien jitlef id-dritt tax-Xarija fi ħwejjeġ personali, pass li kien meqjus bħala wieħed apostata. Il-Lhud mill-1870 'il quddiem bdew jiġu kkunsidrati madankollu ċittadini Franċiżi b'mod awtomatiku.

Bil-preżenza Franċiża fl-Alġerija ttul mill-1830 sal-1962, matul dan il-perjodu, ir-reġjun tal-pajjiż li jmiss mal-Mediterran kien amministrat bħala parti integrali minn Franza nnifisha, bħal Korsika u Réunion illum, waqt li l-interjur vast tal-pajjiż qatt ma tqies bħala parti mir-Repubblika Franċiża. Intant l-Alġerija sfat fil-mira ta' eluf ta' immigranti Ewropej, b'mod speċjali minn Franza, Spanja, l-Italja u Malta, imsejħa "*colons*" u aktar tard "*pieds-noirs*" min-nies tal-post. Iżda peress li l-maġġoranza tal-popolazzjoni fil-pajjiż baqgħet dik Alġerina, il-popolazzjoni Musulmana ma damitx ma sejħet għal aktar awtonomija politika u eventwalment għall-indipendenza. Iżda dwar din tal-aħħar nitkellmu aktar 'il quddiem.

## Il-Maltin fl-Alġerija

L-Ewropej bdew jaslu l-Alġerija sa mill-1830, meta Franza invadiet il-Magreb Alġerin. Bl-ewwel okkupanti jkunu naturalment il-membri tal-militar, l-emigranti ma damux ma segwew u sal-1843 kienu diġà jissuperviżjonaw 'l hekk imsejħa *Bureaux Arabes* b'awtorità fuq ċerti dominji. Sas-seklu għoxrin, l-Ewropej kellhom 1,700,000 ettaru

tagħhom; sal-1940, 2,700,000 ettaru u sal-1962, 2,726,700[4], f'kelma oħra sebgħa u għoxrin fil-mija tal-art li kapaċi tinħarat u għaldaqstant toffri l-uċuħ. Bl-emigranti ġejjin minn Franza, Spanja, l-Italja u Malta, dawk minnhom li eventwalment imxew lejn Franza sforz tal-Gwerra tal-Indipendenza (1954 - 1962), kienu akkużati bl-isfruttament tan-nies tal-post mill-membri ta' ideal xellugi, li skont huma, it-taqlib politiku li tqajjem kawża tal-gwerra msemmija, wasslet għall-kollass tar-Raba' Repubblika Franċiża. It-terminu "*pied-noir*" b'referenza għall-barrani fl-Alġerija ma nafux b'ċertezza mnejn hu ġej, għaldaqstant huwa suġġett diskuss. Filwaqt li d-dizzjunarju ta' Oxford jispjega dan it-terminu bħala "persuna mill-Ewropa residenti l-Alġerija matul il-ħakma Franċiża, b'mod speċjali, persuna Franċiża espatrijata wara li l-Alġerija kisbet l-indipendenza fl-1962"[5], id-dizzjunjarju *Le Robert* jgħid madankollu li l-frażi tirreferi għal baħri jaħdem ħafi qalb il-faħam fl-istiva ta' bastiment, li kien allura jġemmed saqajh bin-nugrufun.[6] Fi Franza madankollu, dan it-terminu kellu sens ieħor, aktar negattiv, b'referenza għall-Franċiżi mwelldin l-Alġerija, nies ta' grad inqas mill-Franċiżi proprja fl-għajnejn ta' ħafna minn dawn tal-aħħar.

Sa mill-waqgħa tal-Alġier fl-1830, l-Ewropej fittxew li jixtru kull tip ta' proprjetà preżenti fil-belt, inklużi djar, ħwienet, u 'l barra mill-ħitan tagħha, għelieqi u mħażen. B'Napuljun III innifsu joħlom bit-twaqqif ta' "*royaume arabe*", jiġifieri Renju tal-Għarab, bih innifsu bħala Re, tant li waqqaf il-politika tal-"*grand chefs*" għan-negozjati mal-Għarab permezz tal-mexxejja tagħhom, huwa vviżjona tliet distinzjonijiet Alġerini: il-kolonja Franċiża, il-pajjiż Għarbi u kamp militari, iżda meta nqabad priġunier fil-Battalja ta' Sedan fl-1870 mill-Prussjani, liema pass wassal għall-kapitulazzjoni u t-tmien tat-Tieni Imperu Franċiż, l-idea tal-imperu Għarbi ta' Napuljun III baqgħet ma seħħitx. L-epidemiji u l-ġuħ li laqtu l-poplu Alġerin bejn l-1866 u l-1870 baxxew dik il-ħabta t-total tal-popolazzjoni tagħhom. Fl-1847 it-total ta' Maltin emigranti fl-Alġerija kien ilaħħaq it-total ta' 4,610 ruħ li sal-1900 tela' għal ħmistax-il elf ruħ waqt li f'Tuneż sal-1842 kien hemm diġà tlett

elef, liema numru ma damx ma rdoppja ruħu. Preżenza akbar ta' Maltin kienet imbagħad fl-Eġittu, li mal-ftuħ tal-Kanal ta' Swejz kienet tammonta għal għoxrin elf. Wara l-indipendenza tal-1962, 800,000 *pied-noir* ħallew l-Alġerija għal Franza waqt li 200,000 elf iddeċidew li jibqgħu fil-pajjiż, imma l-frażi "*la valise ou le cercueil*" - il-bagalja jew it-tebut - beżżgħet lil bosta u sal-aħħar tas-snin sittin ma kienx fadal għajr ħamsin elf minnhom, waqt li sas-snin tmenin ma kinux jammontaw ħlief għal ftit eluf. Minkejja li aktar minn nofs l-emigranti Maltin f'nofs is-seklu dsatax fittxew l-Alġerija bħala d-destinazzjoni tagħhom[7], il-Maltin kienu l-ifqar u isfel nett fil-ġerarkija tal-emigranti. Mal-wasla tagħhom fil-pajjiż, il-Maltin, bħall-kumplament tal-emigranti l-oħra, l-aktar dawk ġejjin mill-gżejjer, bħall-Isqallin, li bħalhom kienu fil-parti l-kbira nies illitterati u foqra, spiss waqgħu fil-mira ta' sentimenti ostili min-naħa tal-Franċiżi, li kienu jqiegħdu fi skala baxxa saħansitra lil dawk il-Franċiżi li eventwalment bdew jitwieldu fl-Alġerija, aħseb u ara lejn dawn l-emigranti, li minkejja kollox, żammew dejjem rapporti tajbin mal-Franċiżi.[8] Għalkemm il-qagħda soċjali tiegħu, il-Malti żammitu lura meta kkumparat ma' emigranti oħra, ħadmu bla heda kif għamlu f'pajjiżi oħra, waqt li raw li uliedhom, ikollhom edukazzjoni tajba li bħalha huma qatt ma kellhom ċans jirċievu f'Malta.

L-ewwel preżenza Maltija f'Bona, illum Annaba, jidher li tippreċedi saħansitra dik Franċiża nfisha, għax fl-1830 kien hemm diġà xi Maltin jgħixu madwar il-belt ta' Konstantina.[9] Bil-Konslu Franċiż f'Malta favur l-emigrazzjoni tal-Maltin fl-Alġerija, il-Franċiżi ma kellhomx biża' ta' xi tip ta' insurrezzjoni min-naħa tagħhom lejhom, li politikament ma kinux attivi lanqas f'Malta. Persuna oħra li kellha sehem fl-emigrazzjoni tal-Maltin fl-Afrika ta' Fuq kien Mons. Charles Martial Allemand Lavigerie[10], li maħtur Arċisqof tal-Alġier fl-1867, kellu sehem importanti fl-assistenza umanitarja matul il-ġuħ u l-imxiji li laqtu l-pajjiż, tant li seħħlu jwaqqaf is-Soċjetà tal-Missjunarji tal-Afrika[11], magħrufa aħjar bħala l-*Pères Blancs* jew il-Patrijiet il-Bojod, segwiti mis-Sorijiet il-Bojod, bil-għan li jassistu u possibilment

jikkonvertu l-poplu Afrikan. Mons. Lavigerie ra fil-Maltin nies leali lejn Franza pajjiżu u lejn il-Knisja, waqt li ħass li setgħu jservuh ta' għajnuna sabiex bil-għajnuna tagħhom jibni mezz ta' komunikazzjoni tajjeb man-nies tal-poplu. Minħabba l-preżenza dejjem tikber tal-Maltin fl-Alġerija, fl-1847 inħasset il-ħtieġa li jintbagħtu fosthom żewġ saċerdoti minn Malta mill-awtoritajiet ekkleżjastiċi sabiex jippritkaw l-eżerċizzi tar-Randan lill-emigranti bil-lingwa tagħhom.[12]

Intant il-Maltin ma stabilixxewx irwieħhom f'Bona biss, iżda tferrxu skont l-impjiegi li sabu fl-Alġier, Philippeville (illum Skikda), Konstantina u Joanonville (illum Seybouse). Xi wħud seħħilhom jistagħnu matul is-snin, imma bosta kienu dawk li għaddew ħajjithom fit-tbatija, jaħdmu mis-sebħ tad-dlam, u ma' mewthom ma kellhomx ħabel art jew saqaf fuq rashom li setgħu isejħulu "tagħhom" u li għexu u mietu f'miżerja tal-waħx, episodji li sfaw immortalizzati fil-letteratura grazzi għall-pinna ta' kittieba u poeti benemeriti, bħal Laurent Ropa (1891 - 1967), "il-Poeta tal-Allélik" li imwieled ix-Xagħra, Għawdex, kien meħud l-Alġerija ta' sentejn u qatt ma rifes art twelidu, madankollu ħabbha u sfalha ta' ġid kbir permezz tal-ħiliet letterarji tiegħu.[13] Il-versi tal-poeta u d-damma tal-kliem tar-rumanzier, inisslu fil-qarrej sensazzjoni ta' dispjaċir u apprezzement lejn dak li l-Maltin ta' qalbu kellhom iġarrbu f'din l-art barranija li lejha resqu b'fiduċja li jkollhom futur aħjar minn dak li ħallew fl-art proprja tagħhom. U hekk il-kittieb ipinġilna l-arja, l-ilwien, l-irwejjaħ, is-sħanat imma fuq kollox it-tbatija ta' tfulitu fil-ġnien tal-Allélik, ftit 'il barra minn Bona, għall-ħoss melankoniku tas-sienja, "*la noria*." Kien l-istess Ropa[14] li kiteb f'artiklu ppubblikat fl-20 ta' Awwissu 1937, li "l-Maltin li jridu jippreservaw l-identità tagħhom iridu wkoll jissalvagwardjaw ir-rabtiet tagħhom mal-pajjiż. Iridu jibqgħu Maltin." U dan kien li fittxew bosta minnhom, għax minkejja s-snin twal li ħafna seħħilhom jgħaddu fl-Alġerija, xi drabi mingħajr l-ebda ħjiel ta' kuntatt mal-art li nisslithom, żammew dejjem bi kburija l-oriġini Maltija tagħhom, waqt li fl-istess ħin kienu dejjem rispettabbli lejn l-awtoritajiet Franċiżi, minkejja li

fl-ewwel ħmistax-il sena tal-preżenza ta' dawn l-aħħar fil-pajjiż, in-numru tagħhom f'Bona kien ekwivalenti daqs dak tal-Franċiżi.[15]

## Il-Bażilika ta' Santu Wistin f'Bona, illum Annaba

*Fuq l-għolja miksija bis-siġar taż-żebbuġ, Dora qagħdet titgħaxxaq imgħaġġba bil-Bażilika ta' Santu Wistin, donnha ġilju tal-għaġeb mitfugħ għall-għoli lejn is-sema, frisk daqs talba ta' filgħodu*

Laurent Ropa, "L-Għanja tas-Sienja", p. 12.

Wieħed mill-erba' Santi Padri ewlenin tal-Knisja flimkien ma' Sant'Ambroġ, San Ġlormu u l-Papa San Girgor il-Kbir, Santu Wistin twieled fit-13 ta' Novembru 354 f'Tagaste, illum Souk Ahras, fl-Alġerija, daqs mitt kilometru lejn in-nofsinhar ta' Bona, illum



**Il-Bażilika ta' Santu Wistin ta' Annaba, "donnha ġilju tal-għaġeb mitfugħ għall-għoli lejn is-sema, frisk daqs talba ta' filgħodu" – Laurent Ropa, 'L-Għanja tas-Sienja'.**

Annaba, ta' liema belt Wistin seħħlu 'l quddiem ikun isqof. Iben Patrizju, kunsillier muniċipali pagan u Monika, Nisranija ta' nisel Berber, Wistin attenda l-iskola elementari ta' belt twelidu u aktar tard studja l-grammatika u l-letteratura f'Madawra. Wara li waqaf għal xi żmien mill-istudju minħabba nuqqas finanzjarju min-naħa ta' missieru, issoktah f'Kartaġni wara li ċertu Romanjanu, sinjur minn Tagaste, koprielu l-ispejjeż meħtieġa. Għalliem f'Tagaste u f'Kartaġni, Wistin kien jgħix ma' mara li isimha ma waslilniex waqt li ngħaqad mas-setta tal-Manikej[16], li wara disa' snin magħhom ma sabx tweġiba għat-tfittxija tiegħu.[17] Missier ta' tifel li semma Adeodat, tifel mogħni b'intelliġenza partikolari, Wistin ittanta jmur jgħix m'ommu flimkien mas-sieħba tiegħu u binhom wara l-mewt ta' missieru fis-sena 373, iżda Monika ma laqgħethomx. Ta' tmienja u għoxrin sena, ħalla Kartaġni lejn Ruma mnejn eventwalment mexa Milan, fejn milqut mit-tagħlim ta' Sant'Ambroġ, tgħammed f'idejh flimkien ma' ibnu Adeodat fil-vġili tal-Għid tas-sena 387, il-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' April. Deċiż li jirritorna l-Afrika, akkumpanjat minn ibnu u ommu Monika, f'waqfa tagħhom fil-port ta' Ostia, Monika mardet u mietet, kuntenta li wara tant snin ta' talb u sagrifiċċju, rat lil binha jaqbad it-triq tas-sewwa wara snin ta' ħajja ħedonista. Lura Tagaste, akkumpanjat minn ibnu u mhux aktar mill-kumpanja tiegħu, li kien ħalla sentejn qabel, wara t-telfa bikrija ta' ibnu Adeodat, Wistin kien ordnat saċerdot f'Bona wara li biegħ il-patrimonju tiegħu u qassam ġidu lill-fqar. Afdat b'parti mit-tmexxija tal-Knisja tal-post mill-Isqof Valerju li kien imdaħħal fiż-żmien, ma damitx ma nibtet fih l-idea li jwaqqaf ħajja komunitarja, tant li biddel id-dar tal-isqof f'monasteru. Bil-fama tiegħu tinxtered malajr bħala predikatur ta' ħila, Wistin kien maħtur isqof koadjatur ta' Ippona (jew Bona, illum Annaba, dik il-ħabta magħrufa bħala Hippo Regius), u kien ikkonsagrat xi mkien lejn is-snin 395/396. Wara li ma damx ma ssuċċieda għall-ordinarjat tad-djoċesi, Wistin ħa sehem f'diversi konċilji Afrikani u f'disputi pubbliċi mal-eretiċi, tant li kellu sehem importanti fis-soluzzjoni tax-xiżma Donatista

u tal-kontroversja Pelaġjana. Ragħaj awtentiku mill-aktar qrib tal-poplu tiegħu, magħruf għall-karità li kien iwettaq, Wistin iddistingwa ruħu permezz tal-ħafna ittri, kotba u diskorsi li ħalla miktubin, li sal-lum għadhom meqjusa bħala wirt fundamentali fejn jidħlu t-twemmin, il-filosofija, it-teoloġija u n-nisġa tal-ħsieb. Minbarra kitbietu - minjiera ta' tagħlim profond li minn seklu għal ieħor sal-ġurnata tal-lum sfaw suġġett ta' studju kbir madwar il-globu, bl-aqwa xogħlijiet tiegħu jkunu "Il-Belt ta' Alla" (*De Civitate Dei*), "L-Istqarrijiet" (*Confessiones*), u "It-Trinità" (*De Trinitate*) - Wistin ħalla b'wirt il-ħajja monastika, li



**"Tini dak li tikkmandani u ikkmandani dak li trid" (Santu Wistin, 'Stqarrijiet', kap. 29, v. 40). Pittura ta' Antoine de Lonhy.**

ssokta jgħix ukoll wara l-ħatra episkopali tiegħu. Din l-idea ma damitx ma nxterdet fl-Afrika ta' Fuq kif ukoll fl-Ewropa, u għalkemm fl-Oċċident eventwalment daħlet ir-Regola ta' San Benedittu fis-sitt seklu w.K., bħala sisien għall-monasteri u l-istil tal-ħajja li kellhom jaddottaw, Santu Wistin kien il-fundatur tal-monakiżmu fl-Afrika, li wara mewtu li ġrat fit-28 ta' Awwissu 430, waqt li l-belt ta' Ippona kienet qiegħda taffaċċja assedju kiefer li kien ilu diġà għaddej tliet xhur, il-Vandali keċċew u eżiljaw mill-monasteri u mill-pajjiżi rispettivi tagħhom, għaldaqstant dawk li kienu jgħixu r-Regola ta' Santu Wistin tferrxu, b'Ordnijiet Mendikanti mwaqqfu fis-sekli li segwew jadottawha bħala dik tagħhom bħad-Dumnikani, it-Trinitari, il-Merċedarji, is-Servi ta' Marija u l-Fatebenefratelli. Bir-Regola ta' San Benedittu eventwalment

tegħleb Regoli oħra fl-Oċċident, tant li s-Sinodu ta' Aquisgrana (Aachen, fil-Ġermanja) tas-sena 816 ikkmanda lill-monasteri kollha sabiex jaddottawha[18], mat-tiġdid tal-monakiżmu bir-riforma Gregorjana, l-istituti kanonikali reġgħu iżda ħadu r-ruħ, tant li mal-kanonċi sekulari bdew jidhru wkoll dawk regolari, li ispirati mir-Regola ta' Santu Wistin, ma damux ma bdew jissejħu "Kanonċi ta' Santu Wistin" jew "Kanonċi Agostinjani."[19] Dawn il-Kanonċi fis-snin li segwew, bdew jingħaqdu f'kongregazzjonijiet miġbura f'monasteri diversi u waqt li jimxu fuq ir-Regola ta' Santu Wistin u mhux dik ta' San Benedittu, bdew jitqassmu f'ħafna frieghi. Dan wassal lill-Papa Innoċenz IV biex fis-16 ta' Diċembru 1243, permezz tal-Bolla "*Incumbit nobis*", waqqaf l-Ordni tal-Eremiti ta' Santu Wistin għal dawk li talbu li tingħatalhom ir-Regola fir-reġjun Tuscia, waqt li l-Papa Innoċenz IV bil-Bolla "*Pia desideria*" tal-31 ta' Marzu 1244, approva formalment it-twaqqif tal-Ordni. Il-Papa Alessandru IV fl-1256 imbagħad għaqqad id-diversi gruppi ta' eremiti mxerrda madwar bosta pajjiżi f'Ordni wieħed, li minnu eventwalment kellhom joħorġu 'l quddiem l-Agostinjani Skalzi fl-1588 u l-Agostinjani Rekolletti fl-1592. B'hekk, għalkemm Santu Wistin mhuwiex il-fundatur immedjat tal-Ordni bħalma huma San Franġisk ta' Assisi u San Duminku ta' Guzmán għall-Ordinijiet tagħhom, il-Knisja tat lill-Ordni Agostinjan lil Santu Wistin bħala missier u fundatur speċjali tiegħu.

Intant, mal-mewt tiegħu lura għas-sena 430, Santu Wistin indifen fil-Bażilika *Pacis* jew f'kappella annessa magħha fil-kappella ta' San Stiefnu, djaknu martri, ġewwa l-belt ta' Ippona wara li kien ibbalzmat ta' malajr.[20] Hemm dam ħamsa u sebgħin sena, meta San Fulġenzju ta' Ruspe, minħabba l-persekuzzjoni tal-Vandali, ħa ħsieb tat-trasferiment tal-fdal ta' Wistin minn Ippona għal Cagliari fil-gżira ta' Sardinja, ġo jew biswit il-knisja ta' San Saturninu[21], pass li aktarx sar mill-istess Fulġenzju mal-eżilju tiegħu mis-sede ta' Ruspe fl-Afrika ta' Fuq f'data inċerta lejn il-bidu tas-seklu ħamsa. Preservati f'kaxxa tal-injam b'kisja ċomb minn ġewwa, l-għadam kien mgħotti taħt velu minn lewn jgħajjat



**Dehra ta' dak li kien darba magħruf bħala l-"qabar ta' Santu Wistin" taħt il-bażilika tal-qaddis.**

skont l-użanza ta' dak iż-żmien, b'żewġ kunjetti bil-ħxejjex u l-fwejjaħ miegħu. Il-Venerabbli Beda fil-Martirjoloġju tiegħu jsemmi mbagħad li r-relikwi għeżież ta' Santu Wistin spiċċaw waqgħu f'idejn is-Saraċeni u mifdija minn kummissjoni ta' nies mibgħuta minn Ljutprandu, Re tal-Lombardija, għal somma kbira li jingħad kienet tlaħħaq is-sittin elf biċċa tad-deheb[22], ġew meħuda Pavia, fejn tqiegħdu fil-knisja ta' San Pietro in Ciel d'Oro madwar is-sena 720. Moħbija mill-għajnejn, kienu mħarsa minn Ordnijiet Reliġjużi diversi minn seklu għal ieħor. Il-Papa Ġwanni XXII permezz tal-Bolla "*Veneranda Sanctorum Patrum*" appunta lill-Agostinjani flimkien mal-Kanonċi Regolari ta' Santu Wistin li kienu diġà preżenti fil-bażilika, bħala gwardjani tal-fdal ta' Santu Wistin, li minkejja li kienet mibnija għalih arka artistika b'basso-riljevi li juru episodji minn ħajjet il-qaddis, il-fdal dam mistur sal-1 ta' Ottubru 1695, meta xi ħaddiema skoprew fil-kripta tal-knisja kaxxa tar-rħam li fiha kien hemm magħluqa żewġ kaxxi oħra,



Dehra aktar mill-qrib tal-"qabar ta' Santu Wistin".

bl-aħħar waħda - tal-injam - miżgħuda għadam, liema skoperta kienet suġġett ta' kontroversja sħiħa u mqanqla bejn l-Eremiti Agostinjani u l-Kanonċi Regolari ta' Santu Wistin. Mal-espulsjoni tagħhom mill-belt ta' Pavia fl-1700, l-Agostinjani ħadu magħhom lejn Milan il-fdal ta' Santu Wistin flimkien mal-arka, li tqiegħdu fil-katidral tal-belt. Eventwalment reġgħu lura Pavia matul l-episkopat ta' Mons. Agostino Gaetano Riboldi[23] li talabhom bil-ħerqa jerġgħu lura fid-djoċesi tiegħu. Wara li kienet restawrata, il-Bażilika kienet ikkonsagrata mill-ġdid fl-1896, bl-arka mqiegħda mill-ġdid fil-knisja fl-1900 wara l-artal maġġur u mhux fis-sagristija fejn oriġinarjament kienet armata.

Intant, Mons. Antoine-Adolphe-Dupuch, l-ewwel isqof tad-djoċesi tal-Alġier, wara li kiseb permess mingħand il-Papa Girgor XVI, ingħata fit-30 ta' Awwissu 1842 minn Mons. Luigi Tosi, isqof ta' Pavia, relikwa mid-driegħ lemini ta' Santu Wistin, li waslet l-Alġerija, pajjiż twelid il-qaddis, preċiżament f'Bona, akkumpanjata minn seba' isqfijiet abbord il-bastiment "*Gassendi*" segwit mit-"*Ténare*"[24] mimlija membri tal-kleru sew djoċesan u reliġjuż li salpaw minn Toulon fil-25 ta' Ottubru u waslu fid-destinazzjoni tagħhom tlett ijiem wara.[25] Qabel ħalliet Franza, ir-relikwa għaddiet minn Milan, Vercelli, Turin, Nizza u Fréjus. Il-wasla ta' din ir-relikwa milqugħa minn festi kbar u folla ta' għoxrin elf ruħ, wasslet għall-kostruzzjoni ta' dik li llum hija l-Bażilika ta' Santu Wistin, li mibnija fuq l-għolja ta' Bona, tħares lejn il-fdal tal-belt ta'

Ippona Regia fil-wied ta' taħtha, il-belt li Wistin mexxa bħala isqof u l-lok li fih indifen ma' mewtu fil-*Basilica Pacis*. Fit-30 ta' Ottubru, ir-relikwa ttieħdet solennement fuq l-għolja ta' Bona fejn tqiegħdet f'dak li ma damx ma beda jissejjaħ bħala l-"qabar ta' Santu Wistin." Fil-post twaqqaf artal tar-rħam mogħti mill-isqfijiet ta' Franza bi statwa ċkejkna tal-bronż fuqu ikkastjata mill-ewwel kanun meħud mill-għadu fil-battalja ta' Sidi Brahim tal-1845. Iżda dan il-monument modest, minkejja li kien dlonk imdawwar b'rixtellu solidu tal-ħadid, inħass li ma kienx biżżejjed sabiex jissalvagwardja din ir-relikwa tant prezzjuża. Għaldaqstant dik il-lejla stess kienet meħuda fil-katidral ta' Bona sakemm jinħadem relikwarju denju li jiġbor fih relikwa hekk għażiża u fejn allura kellha tibqa' sal-1900. Kien il-Kardinal Lavigerie li permezz ta' Paul Joannon wasal biex fis-sena 1880 jakkwista l-quċċata kollha tal-għolja li ma damitx ma bdiet tissejjaħ bħala "ta' Santu Wistin" sabiex fuqha ssorġi bażilika ddedikata lill-qaddis. Bl-ewwel ġebla titqiegħed fid-19 ta' Ottubru 1881 minn Mons. Barthélemy Clément Combes - li kien ikkonsagrat isqof tad-djoċesi ta' Konstantina-Ippona għaxart ijiem qabel - liema ġebla nġiebet mil-Lbiċ ta' Franza, parti sostanzjali mill-art miksuba kienet mgħoddija lis-Sorijiet iż-Żgħar tal-Foqra sabiex fuqha jibnu ospizju għax-xjuħ, bil-parti tal-Grigal li tħares lejn il-baħar riservata għall-bażilika nfisha. B'Dun Joseph Pougnet (1829 - 1892)[26], mill-kleru ta' Marsilja magħżul bħala l-arkitett tagħha, id-disinn tal-bażilika jinkludi varjetà ta' disinji u stili Għarab, Biżantini u Rumani, li jirrappreżentaw lil Santu Wistin bħala bniedem ta' djalogu f'salib it-toroq ta' ċiviltajiet differenti. L-*Abbé* Pougnet ma riedx li dan is-santwarju fl-art Afrikana jitla' fuq l-istili tradizzjonali Gotiċi jew Rumani mferrxa madwar l-Ewropa, imma pprefera dak Ruman-Biżantin, b'koppla kbira sserraħ fuq erba' marabuti u żewġ kampnari fuq stil Għarbi jixbħu l-minaretti tal-kultura Iżlamika. Kannizzata sħiħa ta' twieqi tondi u fuq l-istil tal-Mori jdawlu l-bażilika, bin-nava nfisha mdawra b'arkati Għarbin imserrħa fuq tmien kolonni ta' granit Korsikan. B'hekk l-arkitett tas-santwarju b'din l-arkitettura Rumana,




**Dik li darba kienet il-kripta tal-isqfijiet fis-sotterran tal-Bażilika ta' Santu Wistin li maż-żmien tneħħiet biex postha ħadu ċ-ċentru li hemm preżenti llum.**

Orjentali u Għarbija jseħħlu jqiegħed lil Santu Wistin, permezz ta' dan il-monument tal-ġebel, protagonist ewlieni tal-paċi u l-għaqda kif irnexxielu jkun matul ħajtu.

Bix-xogħol interrott minn żmien għal żmien minħabba nuqqas ta' riżorsi, taħt is-santwarju nqatgħet kripta li, indukrata bil-granit ta' Takouch u Herbillon, tlestiet fl-1886 u beda jsir fiha mill-15 ta' Mejju ta' din l-aħħar, il-quddies mill-Kanonku Barbier, kappillan tas-Sorijiet iż-Żgħar tal-Foqra. Wara għoxrin sena, is-santwarju ta' Santu Wistin kien ikkonsagrat minn Mons. Fédéric-Henri Oury, Arċisqof tal-Alġier. Sa dik il-ħabta iżda, sew il-Kardinal Lavigerie li kien il-ħsieb wara t-tlugħ tal-bażilika u sew l-*Abbé* Pougnet li ddisinjaha kienu laħqu mietu.




**Ix-xbieha li ġġorr ir-relikwa tad-driegħ ta' Santu Wistin, maħduma minn ġebla maqtugħa mill-barrieri ta' Barbentane u inawgurata fil-25 ta' April 1935 (Ħajr lil P. Raphael Abdilla OSA).**



Fl-apside tal-bażilika mbagħad, imżejna bl-ilwien tas-smewwiet taħt l-iskrizzjoni maestuża: "*Eximio Doctori Nostro Augustino*" hemm imbagħad konservata r-relikwa ta' Santu Wistin, imqiegħda f'tubu tal-ħġieġ fi statwa li tirrappreżenta lil Santu Wistin mejjet liebes l-abiti episkopali, u mpoġġija propju fil-

**Dettall tax-xbieha ta' Santu Wistin, li x-xebh tagħha jingħad li ttieħed minn fuq P. Mikiel Mizzi OSA., li dik il-ħabta kien għadu kif intbagħat l-Alġerija mill-Provinċjal Agius (Ħajr lil P. Raphael Abdilla OSA).**

pożizzjoni korretta ta' fejn kienet tinsab meta l-qaddis kien għadu fost il-ħajjin. Dan il-monument grandjuż, maħdum ġewwa l-belt ta' Toulouse fi Franza minn ġebla maqtugħa mill-barrieri ta' Barbentane, kien inawgurat fil-25 ta' April 1935 matul l-episkopat ta' Mons. Emile-Jean-François Thiénard fid-djoċesi ta' Konstantina-Ippona, liema prelat ħa ħsieb ukoll tal-kostruzzjoni tal-kripta tal-isqfijiet taħt il-bażilika, sabiex fiha jqiegħed il-fdal tal-predeċessur tiegħu, Mons. Amiel-François Bessière li miet fl-1923, u fejn eventwalment indifen hu ma' mewtu li ġrat fis-26 ta' Ottubru 1945 u Mons. Paul Pinier li oriġinarjament midfun fiċ-ċimiterju ta' Chanzeaux fejn twieled fi Franza, kien ittrasportat lejn l-Alġerija xi snin fuq mewtu. Il-Kanonku Joseph-Auguste Leroy imbagħad, l-ewwel kappillan tal-bażilika mill-1897 sa mewtu li ġrat fis-7 ta' Jannar 1927, kien midfun f'sarkofagu għalih f'parti oħra tal-kripta. Meta l-bażilika waslet biex tiġi rrestawrata u ġie deċiż li l-kripta tinbidel fi spazju miftuħ sabiex isservi bħala ċentru għal-laqgħat u ħtiġijiet oħra, il-fdal tagħhom ilkoll kien eżumat u ttrasferit fil-parti ta' fuq tal-bażilika nfisha, fejn tqiegħdu lkoll fil-parti warranija tal-artal preżenti wara l-maġġur, preċiż taħt l-istatwa ta' Santu Wistin li ġġorr ir-relikwa ta' driegħu.

Bis-saqaf minqux fuq l-istil tal-bażiliki Rumani, il-knisja hija mogħnija b'pulptu maestuż maħdum fl-1909 u artal b'kolonni tar-rħam aħmar ta' Filfila mdawwar b'balavostri tar-rħam ta' Numidja li tħallas minn Mons. Joseph-Jean-Louis Robert, Isqof ta' Marsilja, li lura fis-snin serva bħala Isqof tad-djoċesi ta' Konstantina-Ippona għal sitt snin. It-twieqi taż-żġieġ impitter għandhom raffigurati fuqhom ħajjet Santu Wistin flimkien mal-figuri tal-ewwel tliet isqfijiet ta' Ippona u l-ewwel martri tan-Numidja, illum l-Alġerija, u parti żgħira mit-Tuneżija. Il-ħitan tal-knisja u dawk tal-kripta huma miżgħuda plakek imwaħħla b'rikonixximent lejn Santu Wistin jew qaddisin oħra li għandhom artal iddedikat lilhom fil-knisja bħal dak ta' Santa Rita, li fosthom jispikkaw dawk Maltin, bil-kunjomijiet xi drabi spelluti la Franċiża: Camilleri, Spiteri, Falzon, Zammith, Cardona, Grima, Teuma, Bonici,



**Dehra tal-Bażilika ta' Santu Wistin minn ġewwa.**

Coutayar, Galea, Borg, Portelli, Grech, Curmi, Dingli, Cordina, Agius, Cachia, Attard, Gaffiero, Ellul, Farrugia, Azzopardi, Licari, Debono, Gauci, Cassar, Bugeja, Caruana, Gatt, Calleja, Bonnici, German, Saliba, Fenech, Pace, Soler, Tedesco, Zerafa, Brincat, Cini, Cauchi, Muscat, Barbara, Micallef, Bussutil, Bigeni, Xerri, Vella, Sultana, Mizzi, Butigieg, Briffa, Vassalo u Pisani.

Quddiem il-bażilika nsibu mbagħad monument tal-bronż li jikkommemora lil Santu Wistin iħares flimkien mal-bażilika nfisha lejn il-fdal tal-belt ta' Hippo Regius u lejn Annaba tal-preżent, liema monument sar bit-tħabrik tal-Kanonku Leroy, li mħallas mis-Sinjura Fanny Audureau, huwa twil żewġ metri u għaxar pulzieri u jiżen kważi



**Il-monument ta' Santu Wistin li jinsab quddiem il-bażilika li ġġib ismu u li sar bit-tħabrik tal-Kanonku Leroy.**

908 kilogrammi. Il-monument kien inawgurat fis-16 ta' April 1914 matul l-episkopat qasir ta' Mons. Jules-Alexandre-Léon Bouissière li miet wara tliet snin ta' tmexxija fis-seminarju ta' Carcassone fi Franza wara operazzjoni doloruża fl-età ta' 56 sena fl-10 ta' Settembru 1916.

Bi ħmistax-il elf ruħ stmati li jżuru l-bażilika ta' kull sena, il-bażilika "*Lela Bouna*" kif isibuha l-Alġerini, kienet inawgurata mill-ġdid wara restawr estensiv li dam għaddej sentejn u nofs, stmat li sewa mal-420 miljun dinar, jew 7 miljun Euro, bil-kontributuri jinkludu l-Papa Benedittu XVI mill-kont personali tiegħu, f'għeluq il-mitt sena mill-erezzjoni tas-santwarju f'bażilika minuri fl-24 ta' April 1914,



Il-Venerabbli P. Klement Fuhl OSA., (1874 - 1935), Ġeneral tal-Ordni Agostinjan li fi żmienu ġie ffirmat il-kuntratt uffiċjali bid-drittijiet u l-obbligazzjonijiet tal-Agostinjani f'Bona.

biċ-ċerimonja ssir fit-2 ta' Mejju 2014, immexxija mill-Kardinal Jean-Louis Tauran[27], President tal-Kunsill Pontifiċju għad-Djalogu Interreliġjuż, bħala rappreżentant tal-Papa Franġisku. Preżenti fost l-oħrajn kien hemm Abdelaziz Bouteflika, President tal-Alġerija; il-Kardinal Philippe Barbarin, Arċisqof ta' Lyon, Franza; Mons. Thomas Yeh Sheng-nan, Nunzju Appostoliku fl-Alġerija; Mons. Paul Desfarges SJ., Isqof ta' Konstantina-Ippona; u rappreżentanti tal-komunità Iżlamika tal-lokal. Dwar ir-rinnovazzjoni tal-bażilika, il-Kardinal Tauran qal: "Iva, dan il-ġebel jixhed aktar mill-kliem ix-xewqa li l-komunità Nisranija tibqa' leali lejn il-vokazzjoni interreliġjuża tagħha, li tissokta tgħix u taħdem mal-ħbieb tagħha għall-ġid komuni tas-soċjetà Alġerina. Il-knisja hija bħal moskea: bħala vokazzjoni għandha dik li tressaqna qrib ta' Alla."

## L-Agostinjani fl-Alġerija

*...L-Ordni li jġib l-isem ta' Santu Wistin se jerġa' jidħol fil-pajjiż fejn dan il-Qaddis mexxa hu stess tant erwieħ għall-perfezzjoni evanġelika*

Minn ittra tal-Ġeneral P. Fuhl mibgħuta lil Mons. Thiénard.

Ix-xewqa li l-Agostinjani jkunu preżenti u jaħdmu pastoralment fl-art li nisslet lil Santu Wistin missierhom tmur lura għall-ewwel nofs tas-

seklu dsatax. Mons. Dupuch li seħħlu jikseb u jieħu l-Alġerija r-relikwa għażiża tad-driegħ ta' Santu Wistin, kellu rapporti tajbin mal-Ġeneral tal-Ordni, P. Filippo Angelucci, b'dan tal-aħħar jordna lill-Provinċji kollha tal-Ordni sabiex jagħmlu ġabra speċjali għall-kostruzzjoni tal-bażilika li 'l quddiem kellha tilqagħha fiha.[28] Is-somma miġbura kienet mibgħuta mill-Ġeneral innifsu lill-Isqof Dupuch fit-23 ta' Jannar 1840.[29] Dan tal-aħħar, f'ittra mibgħuta lill-Ġeneral fis-16 ta' Marzu 1843 wera min-naħa tiegħu x-xewqa li jkunu l-Agostinjani li jħarsu l-monasteru li kellu l-ħsieb jibni fl-inħawi ta' fejn darba sorġiet il-bażilika *Pacis*. Erbat ijiem wara, f'ittra oħra indirizzata lil P. Angelucci, l-isqof esprima mill-ġdid ix-xewqa ta' preżenza ta' "xi reliġjuż tal-Ordni ta' Santu Wistin."[30] Iżda meta l-affarijiet dehru li kienu mexjin lejn konklużjoni pożittiva, Mons. Dupuch kellu jħalli d-djoċesi[31] waqt li s-suċċessur tiegħu, Mons. Louis-Antoine-Augustin Pavy bagħat jgħarraf lill-Ġeneral permezz ta' ittra datata 5 ta' Mejju 1854 li minħabba kawżi imprevisti in-negozjati kellhom jieqfu. L-Ordinarju li ġie warajh iżda, Mons. Lavigerie, il-futur Kardinal Primat tal-Afrika, fit-2 ta' Frar 1876 kiteb lill-Ġeneral, P. Giovanni Belluomini dwar ix-xewqa li jara l-Agostinjani jistabilixxu rwieħhom "f'din l-art tal-Afrika, immortalizzata mill-Missier tagħhom."[32] Fl-1885, il-Ġeneral P. Pacifico Antonio Neno bagħat fl-Alġerija lil P. Mikiel Anton Zammit, Provinċjal tal-Provinċja Agostinjana Maltija, sabiex jittratta s-suġġett mal-Kardinal Lavigerie, iżda ma ntlaħaq l-ebda ftehim, anki sentejn wara, meta P. Zammit irritorna mill-ġdid fl-Alġerija sabiex jipprietka lill-Maltin ta' Bona.

Iż-żmien kompla jgerbeb u l-preżenza tant mixtieqa tal-Agostinjani f'art missierhom kienet għadha ma feġġitx. Fl-1927, il-Baċillier P. Antonin Tonna Barthet waqt żjara f'Bona flimkien mas-*Società Filarmonica Nazionale La Valette* f'laqgħa li kellu mal-Ordinarju tal-post, Mons. Thiénard, ġedded ix-xewqa li l-Agostinjani jkunu preżenti ġewwa l-belt. Il-Ġeneral tal-Ordni, P. Eustasio Esteban, min-naħa tiegħu fit-28 ta' Frar 1931, kiteb lil Thiénard fl-okkażjoni tal-ħmistax

il-ċentinarju mill-mewt ta' Santu Wistin u fl-ittra li bagħatlu qajjem mill-ġdid ix-xewqa tal-preżenza Agostinjana f'Bona. F'April tas-sena ta' wara, il-Kapitlu Provinċjali tal-Provinċja Maltija, ippresjedut mill-Ġeneral tal-Ordni, P. Klement Fuhl[33], tella' bħala Provinċjal tiegħu lil P. Lawrenz M. Agius. Matul is-sezzjonijiet tal-Kapitlu, tqajjem b'qawwa s-suġġett tal-ftuħ ta' dar Agostinjana fl-Afrika ta' Fuq, iżda ftehim ma ntlaħaqx. Minħabba f'hekk, il-Ġeneral Fuhl iddikjara li t-tema kellha tiġi diskussa mal-Provinċjal u l-Kunsill tiegħu fi tmiem il-Kapitlu. Il-Provinċjal Agius min-naħa tiegħu, dlonk fetaħ korrispondenza bejn il-Ġeneral u Mons. Thiénard. Lura Ruma min-naħa tiegħu, P. Fuhl beda korrispondenza ma' P. Nicolas Merlin, li seħħlu jsir l-ewwel Pirjol tal-komunità Agostinjana f'Bona. Fis-17 ta' Mejju 1932, permezz ta' ittra, il-Ġeneral iddikjara li l-Provinċja Agostinjana Maltija kellha d-dover immedjat li tgħin f'dan il-kompitu ġdid. Sensiela ta' korrispondenza bejn il-Ġeneral, il-Provinċjal Agius, Mons. Thiénard u P. Merlin wasslet għar-realizzazzjoni ta' xewqa twila: lejn l-aħħar tal-1932, l-Ordinarju ta' Konstantina-Ippona awtorizza lill-Patrijiet Agostinjani Maltin bit-tmexxija tal-Bażilika ta' Santu Wistin f'Bona u t-twaqqif ta' kunvent għall-użu tagħhom biswitha. Hekk infetaħ għall-ewwel darba fl-istorja kunvent Agostinjan fl-art Alġerina. Il-kuntratt uffiċċjali bid-drittijiet u l-obbligazzjonijiet tal-Agostinjani f'Bona kien iffirmat fit-28 ta' Frar 1933 f'Malta minn P.



**Mons. Emile-Jean-François Thiénard (1873 - 1945), li matul l-episkopat tiegħu fid-Djoċesi ta' Konstantina-Ippona, għadda t-treġija tal-Bażilika ta' Santu Wistin lill-Provinċja Agostinjana Maltija.**



**Il-Majjistru P. Lawrenz Agius OSA., (1880 - 1971), li matul il-Provinċjalat tiegħu, l-Agostinjani Maltin seħħilhom jingħataw it-tmexxija tal-Bażilika ta' Santu Wistin f'Bona**

Agius u fil-25 tax-xahar ta' wara f'Bona mill-Isqof Thiénard. Tlett ijiem wara, P. Fuhl bagħat fl-Alġerija lil P. Nicolas Merlin bl-uffiċċju ta' Pirjol tal-kunvent ta' Bona taħt il-ġurisdizzjoni diretta tal-Provinċja ta' Malta. Il-Provinċjal ta' din l-aħħar mill-banda tiegħu bagħat lil P. Mikiel Mizzi sabiex dlonk jara li tkun iffurmata komunità fil-post. P. Mikiel, li kien diġà serva fost il-Maltin emigranti fl-Awstralja, kien appuntat kappillan tas-Sorijiet iż-Żgħar tal-Foqra, waqt li Fra Filippu Fenech kien mibgħut iwettaq l-uffiċċju ta' sagristan, iżda peress li s-sħana qawwija m'għamlitlu tajjeb xejn, reġa' lura Malta dik is-sena stess u minfloku mar Fra Nazzarenu Vella li sal-lum għadu l-uniku Agostinjan Malti li miet u ndifen ġewwa Bona.[34] B'P. Lawrenz Agius ibierek l-ewwel ġebla tal-kunvent fis-6 ta' Settembru 1934, bl-Agostinjani sat-tlestija tiegħu jgħammru f'dar mislufa lilhom minn xi nies tal-post, il-kunvent tela' fuq disinn tal-arkitett Joseph Buttigieg u kien solennement inawgurat minn Mons. Augustin-Fernand Leynaud, Arċisqof tal-Alġier, fl-24 ta' April 1935. Fis-snin li segwew, l-Agostinjani seħħilhom jagħtu servizz fil-katidral ta' Bona[35], fil-kliniċi ta' Moutte u Champ de Mars fl-istess belt, u fil-parroċċi ta' *Saint-Cyprien de La Calle* f'Philippeville u ta' Santa Monika f'Joanonville b'din tal-aħħar imtellgħa bit-tħabrik ta' P. Bonaventura Chetcuti, appuntat bħala l-ewwel kappillan tagħha mill-Kardinal Léon-Étienne Duval fil-15 ta' Frar 1953, li b'dispjaċir kellu eventwalment jara l-għeluq tagħha. Iżda dwar dan u l-avvenimenti marbuta mal-Gwerra Ċivili Alġerina nitkellmu aktar 'il quddiem.

## Noti

1. Arkivju Provinċja Agostinjana San Mark (APASM), Fajl Fra Grazzja Gauci: Ċirkulari Provinċjali 2005/2.
2. Mill-istatistika maħruġa mill-*United Nations Statistics Division*.
3. Terminu li jindika li l-abitanti fil-Magreb tal-Afrika ta' Fuq - dari l-Barberija - huma mnissla minn demm Għarbi u Berber li l-lingwa ta' dan l-aħħar hija djalett Għarbi li għandu wkoll l-identità etnika Għarbija. L-identità Għarbija-Berber daħlet fis-seħħ b'riżultat dirett tal-konkwista Għarbija tal-Afrika ta' Fuq, segwita mill-kolonizzazzjoni u t-taħlit biż-żwieġ bejn l-Għarab li emigraw lejn dawn ir-reġjuni u n-nies Berber tal-post.
4. Lapidus, Ira Marvin (2002), *A History of Islamic Societies*, pp. 585-600.
5. *Oxford English Dictionary* (1989), p. 799.
6. *Dictionnaire Historique de la langue française 2* (2000), pp. 2728-2729.
7. Attard, Lawrence E. (1989), "Algeria and Tunisia", *The Great Exodus*, p. 26.
8. *Ibid*.
9. *Ibid*.
10. Imwieled Bayonne fil-Lbiċ ta' Franza, Lavigerie studja fl-Università ta' Sorbona, li tagħha kien appuntat president tal-fakultà tal-Istorja tal-Knisja. Iddekorat bil-*Légion d'honneur*, kien appuntat awditur tas-Sagra Rota Rumana u aktar tard Isqof ta' Nancy u Toul. Il-konoxxenza tiegħu mad-dinja Iżlamika permezz tad-direzzjoni tal-iskejjel tal-Lvant afdata lilu, wasslet għan-nomina tiegħu fl-Alġerija, fejn baqa' minkejja li kienet offruta lilu s-sede prestiġjuża ta' Lyon f'pajjiż twelidu. Promutur kontra l-iskjavitù, fl-10 ta' Novembru 1884 kien maħtur Arċisqof ta' Kartaġni u Primat tal-Afrika mill-Papa Ljun XIII, li inqas minn sentejn qabel ħatru kardinal bit-titlu ta' *Sant'Agnese fuori le mura*. Miet l-Alġier fis-26 ta' Novembru 1892. Oriġinarjament midfun f'qabar meraviljuż fil-katidral ta' Kartaġni, fl-1964 il-fdal tiegħu kien ittrasportat Ruma u hemm imqiegħed fil-kappella tal-Kurja Ġeneralizja tas-Soċjetà tal-Missjunarji tal-Afrika f'*via Aurelia*.
11. Fl-ewwel żminijiet tat-twaqqif tagħhom, il-Patrijiet il-Bojod kellhom rabta partikolari ma' pajjiżna, bħalma kellu wkoll il-Kardinal Lavigerie, li kartolini stampati fl-epoka jsejħulu "*L'Amico dei Maltesi*." Fl-1881, tliet missjunarji flimkien ma' sittax-il żagħżugħ Afrikan waslu Malta mal-Kardinal Lavigerie. Wara li dan ħalla l-gżira, il-missjunarji qagħdu għal xi żmien fil-Palazz l-Aħmar f'Santa Venera, imnejn aktar tard imxew lejn Tas-Sliema u eventwalment Ħal Tarxien, fejn kienet offruta lilhom residenza minn Dun Franġisk Caruana, ex-kappillan ta' Ħal Balzan. Il-mewt ta' ħamsa miż-żgħażagħ miġjuba Malta flimkien ma' diffikultajiet lingwistiċi u ekonomiċi wasslu lill-Patrijiet il-Bojod sabiex iħallu pajjiżna wara ħmistax-il sena ta' preżenza, bid-dar eventwalment mixtrija minn Swor Marija Saverja Schembri għas-Sorijiet tal-Karità, li tagħhom għadha sal-ġurnata tal-lum.
12. Attard, Lawrence E. (1989), "Algeria and Tunisia", *The Great Exodus*.
13. Qaleb għall-Franċiż diversi poeżiji bil-Malti, fosthom il-poema ta' Dun Karm "Il-

Jien u Lil Hinn Minnu" li ppubblika fir-rivista *Melita* tal-5 ta' Frar 1939, f'Susa, it-Tuneżija. Kien hu li sejjaħ għall-ewwel darba lil Dun Karm "poeta nazzjonali" fl-artiklu tiegħu "*Malta et sa littérature*" fir-rivista *La Grande Revue* stampata f'Tuneż f'Novembru 1935. Ippubblika tliet rumanzi: *Le Chant de la Noria* (1932) li nqaleb għall-Malti minn Ġużè Aquilina bit-titlu "L-Għanja tas-Sienja"; *Kaline* (1936), u *Bou-Ras* (1960). *Le Chant de la Noria* rebaħ il-*Prix de la Societe Nationale d'Encouragement au Bien*. Il-poeżiji tiegħu jinsabu miġburin fil-kotba *Jardin de l'Allélik* (1950), *La Priere a Hippone* (1953), u *Notre-Dame-de-la Vie* (1968).

14. Dan il-kunjom inħoloq mill-awtoritajiet Franċiżi sforz ta' nuqqas minn missier Laurent, Ġużeppi, li mistoqsi mill-awtoritajiet imsemmija x'kien kunjomu mal-waslu tiegħu fil-pajjiż, inalfabeta wieġeb bid-djalett Għawdxi "Ropa" minflok Rapa u hekk kunjom il-familja baqa' mniżżel b'daqstant.
15. Prochaska, David (2004), *Making Algeria French: Colonialism in Bône, 1870-1920*, p. 87.
16. Reliġjon anjostika mwaqqfa mill-profeta Iranjan Mani, illum estinta.
17. Il-Manikej kienu jemmnu li jeżistu żewġ allat: wieħed ħallieq tad-dawl u t-tajjeb, l-ieħor ħakkiem tal-dlam u l-ħażin.
18. Galea, Eġidju (1995), *L-Ordni Agostinjan: L-Ewwel Seklu ta' Ħajja Agostinjana fiż-Żminijiet tan-Nofs, 1244-1356*, p. xiii.
19. *Ibid*., p. xv.
20. Merlin, Nicolas (1936), "*Les églises algériennes: La Basilique Saint-Augustin à Hippone*", *L'Algérie Catholique, Revue Mensuelle Illustrée*, ħarġa nru. 3, Lulju 1936, p. 7.
21. Stone, Harold Samuel (2002), *St. Augustine's Bones: A Microhistory*, pp. 32, 33.
22. *Ibid*., p. 33.
23. Isqof ta' Pavia bejn l-1877 u l-1901, meta nħatar Arċisqof ta' Ravenna mill-Papa Ljun XIII li elevah għall-Kulleġġ Kardinalizju fil-15 ta' April tal-aħħar sena msemmija. Miet fil-25 ta' April tas-sena ta' wara.
24. Merlin, Nicolas (1936), "Les églises algériennes: La Basilique Saint-Augustin à Hippone", *L'Algérie Catholique, Revue Mensuelle Illustrée*, ħarġa nru. 3, Lulju 1936, p. 7. L-isqfijiet kienu: Dupuch tal-Alġier; Michel ta' Fréjus; Donnet ta' Bordeaux; Monyer de Prilly ta' Châlons; de Mazenod ta' Marsilja; Sibour ta' Digne; Chatrousse ta' Valence; u Dufêtre ta' Nevers.
25. Bajot, Louis-Marie (1842), *Annales maritimes et coloniales*, tome ii, p. 1397.
26. Xogħlijiet oħra tiegħu jinkludu l-Katidral ta' *Saint-Louis* ta' Kartaġni fit-Tuneżija; l-*Église Saint-Vincent-de-Paul* magħrufa bħala *Les Réformés* ta' Marsilja; il-knisja tal-Abbazija ta' San Mikiel tal-Monaċi Premonstratensi ta' Frigolet li oriġinarjament kienet tappartjeni lill-Benedittini; u l-*Église Saint-Philippe* ta' Marsilja. Il-Bażilika ta' Santu Wistin ta' Annaba telgħet fuq l-għolja li tħares lejn din il-belt għall-fatt li Mons. Dupuch kien tal-idea li l-monasteru tar-rħieb imwaqqaf minn Santu Wistin kien tela' propju f'dan il-lok, imma skavi arkeoloġiċi taħtha kixfu l-pedamenti ta' bażilika vasta, li indikaw għaldaqstant preċiżament il-lok preċiż li fih darba sorġiet il-*Basilica Pacis*. Fuq l-għolja nstab li kien hemm

mill-banda l-oħra tempju Puniku ddedikat lil Baal-Hammon, meqjum bħala Saturnu fid-dinja Rumana.

27. Imwieled Bordeaux, Franza, kien elevat għall-Kulleġġ Kardinalizju mill-Papa Ġwanni Pawlu II fil-konċistorju tal-21 ta' Ottubru 2003. Protodjaknu tal-Kulleġġ, kien hu li fit-13 ta' Marzu 2013 ħabbar l-elezzjoni ta' Jorge Mario Bergoglio għall-Papat. Dan tal-aħħar ħatru Camerlengo tal-Kamra Appostolika fl-20 ta' Diċembru 2014.
28. Galea, Eġidju (1956), *Retour des Ermites de St. Augustin en Afrique du Nord: recueil de documents authentiques sur la rentrée des Ermites de Saint Augustin de la Province de Malte en Algérie et en Tunisie*, p. 6.
29. *Ibid*.
30. *Ibid*. p. 7.
31. Peress li dik il-ħabta s-sede tal-Alġier kienet l-unika djoċesi li kien hemm fl-Alġerija, Mons. Dupuch seħħlu jkun involut fi proġetti numerużi li sforz tagħhom kellu jaħrab mill-pajjiż wara li safa midjun bil-kbir mal-kredituri tiegħu. Miet mingħajr ma reġa' qatt rifes l-Alġerija f'Bordeaux, wara li terraq minn banda għal oħra fi Spanja u fl-Italja, assistit mill-Kardinal Ferdinand-François-Auguste Donnet, Arċisqof ta' Bordeaux. Għaxar snin fuq mewtu, il-fdal tiegħu kien ittrasferit mill-katidral ta' din l-aħħar belt għall-katidral tal-Alġier li fih xtaq jindifen, illum il-moskea Ketchaoua.
32. Galea, Eġidju (1956), *Retour des Ermites de St. Augustin en Afrique du Nord: recueil de documents authentiques sur la rentrée des Ermites de Saint Augustin de la Province de Malte en Algérie et en Tunisie*, p. 8.
33. Imwieled il-Bavarja fl-1874, mexxa l-Ordni sa mewtu li seħħet f'La Paz fil-Bolivja fl-1935 waqt żjara li kien qed jagħmel lill-missjunarji Agostinjani Olandiżi fil-post. Il-Papa Franġisku ddikjarah Venerabbli fid-9 ta' Diċembru 2013.
34. Fra Żaren miet fil-21 ta' Diċembru 1937 ta' 58 sena, 32 minnhom mgħoddija fil-ħajja reliġjuża, u jinsab midfun fiċ-ċimiterju ta' Bona fis-sezzjoni riservata għall-membri tal-kleru. Mar-ritorn tiegħu lejn Malta, Fra Filippu kien assenjat fil-kunvent t'Għawdex minflok Fra Piju Cutajar. (Ark. Kunv. Santu Wistin, Għawdex, *Libro delle Lettere Circolari* [20 ta' Lulju 1933], p. 58 u 60, (14/8/1937) No RIC 03).
35. Apparti wieħed f'Bona, id-Djoċesi ta' Konstantina-Ippona kellha wkoll katidral ieħor tagħha fil-belt ta' Konstantina. Filwaqt li dan tal-aħħar kien oriġinarjament moskea li ddawret f'katidral Kattoliku fl-1838, dak ta' Bona ġie mgħoddi lill-Gvern Alġerin mill-Isqof Jean Baptiste Scotto, dan għaliex skont it-Trattati ta' Evans, dak kollu li bniet Franza mal-Indipendenza kellu jsir proprjetà tal-Alġerija. Kellu ħafna ħsara u Mons. Scotto ma kellux flus biex isewwih. Il-Gvern ma riedx li jsir moskea, għalhekk ġie deċiż li jitwaqqa'. P. Luċjan Borg qaddes l-aħħar quddiesa fih fit-2 ta' Frar 1973. Meta wasal l-Alġerija, f'Settembru tas-sena ta' qabel, Mons. Scotto kien ħatru viċi tal-arċipriet tal-katedral u responsabbli mill-katekeżi tat-tfal. Dak li kien imbagħad katidral f'Konstantina, reġa' ddawwar mill-ġdid f'moskea.

# Taqsima II

## Fra Grazzja Gauci

### Ġenituri, żwieġ u ulied



Dun Salv Portelli, l-ewwel kappillan tal-Parroċċa ta' San Lawrenz, li mexxa għal 44 sena. Kien hu li tejjeġ lill-koppja Salvu Gauci u Paola Caruana u għammed l-ewwel ulied tagħhom.

Ir-raħal ċkejken ta' San Lawrenz fil-Punent tal-gżira Għawdxija, imdawwar mill-għoljiet Ta' Għammar, Ta' Gelmus u Ta' Dbieġi, twaqqaf f'parroċċa għalih mill-Isqof Giovanni Maria Camilleri OSA., fil-5 ta' Marzu 1893, b'Dun Salv Portelli appuntat bħala l-ewwel kappillan.[1] Bl-inħawi magħrufa bħala "Ta' Ċangura" qabel it-twaqqif ta' tali parroċċa ddedikata lill-Levita Spanjol li rċieva l-martirju taħt l-Imperatur Ruman Valerjanu fis-sena 258 w.K., il-kappillan Portelli, fid-9 ta' Ġunju 1895, iċċelebra il-ħdax-il rit ta' żwieġ f'din il-parroċċa ġdida bejn il-koppja Salvatore Gauci, imwieled f'dak li llum huwa appuntu San Lawrenz iżda mgħammed l-Għarb peress li dik il-ħabta l-parroċċa ta' raħal twelidu kienet għadha ma twaqqfitx, mill-familja mlaqqma "Ta' Picioru", iben Luigi u

Clementia xebba Mercieca u Paola Caruana mill-familja "Tar-Ramri" mill-Għarb, bint Michelangelo u Armae xebba Cauchi, quddiem ix-xhieda Francesco Mizzi, iben Ġużepp "Tat-Trilli" u Giuseppe Piscopo, iben Giovanni.[2]

L-ewwel wild tal-koppja twieled San Lawrenz fit-2 ta' Frar 1897 u mogħti l-ismijiet ta' Giuseppe, Aloisio u Francesco fil-magħmudija tiegħu, miet dakinhar stess li ra d-dawl u tgħammed.[3] It-tieni, twieled fit-9 ta' Diċembru 1897 u mogħti l-ismijiet ta' Giuseppe, Lorenzo u Aloisio miet ukoll fl-istess ġurnata.[4] It-tielet twieled fit-23 ta' Diċembru 1898 u miet ta' ħamest ijiem. L-ismijiet li ngħatawlu kienu dawk ta' Giuseppe, Paolo u Francesco. Ir-raba', tifel ieħor, ingħata l-ismijiet ta' Giuseppe, Michele u Lorenzo u mwieled San Lawrenz fil-21 ta' Jannar 1900, mewtu kienet ukoll waħda bikrija.[5] Il-ħames, li rċieva l-ismijiet ta' Aloisio, Carmelo u Giuseppe, twieled fil-15 ta' Frar 1902 u ta' għoxrin sena emigra lejn l-Awstralja.[6] Is-sitt tarbija, l-ewwel u l-unika tifla fost l-aħwa, rat id-dawl fil-21 ta' Settembru 1904 u ngħatat l-ismijiet ta' Marianna, Carmela u Maria. Hi seħħilha tgħix sal-15 ta' Ottubru 1978, jiġifieri sal-età ta' 74 sena.[7] Is-seba' wild, mgħammed bl-ismijiet ta' Giuseppe, Aloisio u Tarcisio twieled San Lawrenz fit-2 ta' April 1908 u huwa wkoll laħaq età adulta, tant li miet ukoll ta' 74 sena fid-9 ta' Frar 1983.[8]



**Id-dar numru 128 fi Triq il-Knisja ġewwa l-Għarb, li fiha, fid-9 ta' Frar 1911 twieled Nazzareno Gauci. (Ħajr lis-Sinjuri Scanlon).**

Ftit wara li twieled Ġużeppi, il-koppja Gauci marret toqgħod l-Għarb fid-dar numru 128

fi Triq il-Knisja li kienu jagħmlu minnha bħala sidien xi nies minn San Lawrenz. Din il-binja, illum meqjusa bħala waħda storika, kienet l-ewwel skola tar-raħal. Plakka mal-ħajt tagħha llum tfakkar dan ir-rwol li darba kellha.[9] Fiż-żmien li fiha ta' Gauci krew id-dar, din tal-aħħar kienet maqsuma fi tlieta biex tkun tista' tinkera lil familji oħra. Illum, is-sidien preżenti ħadu ħsieb jixtru dawn it-tliet binjiet u jgħaqqduhom mill-ġdid f'waħda. Propju hawnhekk, f'din id-dar bit-twieqi tagħha jagħtu għal fuq is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu, twieled lill-koppja Gauci l-aħħar wild tagħhom, Nazzarenu: il-personaġġ tagħna.


**Luigi Gauci, wieħed minn ħut Nazzareno, li fl-1922 emigra lejn l-Awstralja biex ifittex xogħol (Ħajr lill-Arkivju Nazzjonali ta' Malta).**

Kif rajna, minn tmint itfal, l-età adulta laħquha biss erbgħa: Luigi, li eventwalment emigra l-Awstralja; Marjanna li baqgħet xebba; Ġużeppi li baqa' għażeb u finalment Nazzareno, il-futur Fra Grazzja.

Il-personaġġ tagħna kien l-uniku wild mill-aħwa kollha li twieled fir-raħal tal-Għarb, li bħal dak ta' San Lawrenz, isorġi wkoll fil-Punent tal-gżira Għawdxija, propju bejn l-irħula ta' San Lawrenz u l-Għasri. Ir-raħal tal-Għarb, isem li ġej mill-kelma Għarbija "*herb*" li tfisser propju Punent, ilu parroċċa sa minn żmien l-episkopat ta' Mons. Michele Gerolamo Molina, imwaqqfa nhar id-29 ta' Awwissu 1679, bil-knisja parrokkjali tal-Viżitazzjoni tal-Verġni Marija mtellgħa għall-ġieħ ta' bażilika mill-Papa Klement XIV fid-19 ta' Mejju 1774. Bil-motto "*In extremo vigilat*" - "Għassies max-xifer" - immortalizzat mil-leġġenda ta' San Dimitri u l-kappella ddedikata lilu f'tarf l-irdum, l-Għarb nissel fost l-oħrajn lil Karmni Grima (1838 - 1922), li l-esperjenza mistika tagħha wasslet għall-kostruzzjoni tas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu; Franġisku Portelli, l-għażeb li miegħu

l-istess Karmni Grima fdat is-sejħa tal-Madonna Ta' Pinu, li msieħeb fit-Terz'Ordni Franġiskan Kapuċċin, miet ta' 75 sena fl-4 ta' Frar 1926; Franġisku Saverju Cauchi (1892 - 1967), popolarment magħruf bħala "Frenċ tal-Għarb", il-bidwi tant imfittex għad-duwa u l-pariri tiegħu, benefattur kbir tas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu, li l-fdal tiegħu jinsab mistrieħ f'din l-aħħar flimkien ma' dak tal-imsemmija Franġisku Portelli u Karmni Grima; u Mons. Nikol Ġ. Cauchi (1929 - 2010), is-seba' isqof tad-djoċesi ta' Għawdex. F'dan ir-raħal pittoresk, fil-jum tal-Ħamis, 9 ta' Frar 1911[10], twieled tifel li għalkemm ismu ma tniżżilx fil-listi tal-eroj, tal-iskulari, tal-episkopat, tal-poeti, tal-mexxejja u tal-għorrief, illum qiegħed jitniżżel f'waħda ferm aktar importanti minn dawn kollha: dik tal-qdusija. U jidher li l-Għarb ma kienx nieqes minn dawn l-ulied għax minnu ħarġu ismijiet ta' nies miżmuma b'daqstant mhux biss min-nies tal-lokal imma wkoll minn tant oħrajn madwar Malta u Għawdex, li isimhom għadna kemm semmejnieh hawn fuq.



**Il-knisja Bażilika u Kolleġġjata tal-Viżitazzjoni tal-Għarb, Għawdex, li fiha tgħammed Nazzareno Gauci dakinhar stess tat-twelid tiegħu.**



**Il-Kanonku Dun Ġużepp Grech, mill-Għasri, viċi parroku tal-Parroċċa tal-Għarb, li għammed liċ-ċkejken Żaren f'jum it-twelid tiegħu.**



**Ir-reġistrazzjoni tal-magħmudija ta' Nazzarenu Gauci, il-futur Fra Grazzja (Parroċċa tal-Għarb, *Liber Baptizatorum*, vol. 5 [1885-1914], p. 228).**

Żaren, il-futur Fra Grazzja, tgħammed dakinhar stess tat-twelid tiegħu bl-ismijiet Nazzareno, Paolo u Francesco fil-Kolleġġjata Matriċi tal-Viżitazzjoni tar-raħal mill-viċi parroku, il-Kanonku Dun Ġużepp Grech[11] bil-parrini tiegħu jkunu Salvu Portelli u Pia Concetta Frendo.[12]

## Ziju qassis

Iżda qabel nissuktaw nitkellmu fuq il-futur Fra Grazzja, nieqfu ftit sabiex nagħtu ħarsa lejn ziju patern tiegħu - ħu missieru - li kien membru tal-kleru djoċesan u li minsi mill-istorja, seħħilna niksbu għadd ta' tagħrif dwaru matul ir-riċerka li kienet għaddejja propju fuq neputih Fra Grazzja.

Iben Luigi u Clementia xebba Mercieca msemmija aktar 'il fuq, Lorenzo Gauci twieled San Lawrenz fl-10 ta' Novembru 1880 u ġie mgħammed dakinhar stess fil-Matriċi tal-Għarb, mill-Arċipriet tagħha, Dun Franġisk Saverju Debrincat, bl-ismijiet Laurentius, Carmelus u Michael Angelus, bil-parrini jkunu Michelangelo Cassar u Rosa Piscopo mart Giuseppe. Imsejjaħ għas-saċerdozju, il-kappillan tar-raħal, Dun Salv Portelli, kitiblu ittra ta' rakkomandazzjoni, li konservata fl-Arkivju tal-Kurja Djoċesana ta' Għawdex taqra:

> *"Per la verità ricercato, io infrascritto attesto, qualmente Lorenzo Gauci, mio parrocchiano, è dotato di buoni e religiosi costumi, assiste, in abiti clericali, a tutte le sacre funzioni che si fanno nella Chiesa di San Lorenzo, riceve i sacramenti nelle domeniche e nelle principali solennità, accompagna il SS° Viatico, ed insegna tutti i giorni il Catechismo ai ragazzi. In fede di che mi firmo, San Lorenzo, 14/11/1898, Par. Salv. Portelli."*[13]



**Dun Lawrenz Gauci (1880 - 1964), iz-ziju tal-Fra, li ordnat saċerdot fl-1907, wettaq il-qadi ministerjali tiegħu f'San Lawrenz, raħal twelidu, sakemm miet (Ħajr lil Dun Charles Sultana).**

Ordnat saċerdot minn Mons. Giovanni Maria Camilleri OSA., fil-21 ta' Diċembru 1907 fil-Katidral t'Għawdex, Dun Lawrenz għadda ħajtu fil-parroċċa li nisslitu, fejn serva taħt l-istess Dun Salv Portelli u taħt il-kappillani li segwewh, jiġifieri Dun Celestino Galea (1938-41); Dun Ġorġ Debrincat (1941-50); u Dun Girgor Vella, li matul il-parrokat tiegħu, ħa l-aħħar nifsijiet.

Dun Lawrenz kien joqgħod fir-residenza numru 4, Triq Wileġ f'San Lawrenz stess flimkien ma' oħtu Anna magħrufa bħala "Nozzi" († 19.01.1980). Għal xi żmien għex ukoll magħhom



**Dun Ġużepp Cauchi (1900 - 1955), minn San Lawrenz, li l-istorja llum issejjaħ bħala "l-qassis li bata", u li għal bosta snin kien midfun fl-istess qabar ma' Dun Lawrenz fiċ-Ċimiterju taż-Żejt ġewwa l-Għarb.**



**Dun Karm Mizzi (1891 - 1940), Kappillan tal-Isptar Ċentrali t'Għawdex, li kien u għadu midfun ma' Dun Lawrenz fl-istess qabar, sew fl-Għarb u llum f'San Lawrenz.**

ħuhom ieħor, li emigrant fl-Alġerija, l-art li fiha neputih Fra Grazzja kellu jaħdem għal tnejn u erbgħin sena, inġabar magħhom mar-ritorn tiegħu fil-gżira. Dun Lawrenz miet ta' 84 sena fid-19 ta' Marzu 1964 fis-siegħa u nofs ta' waranofsinhar. Id-difna tiegħu saret l-għada fil-Kappella taċ-Ċimiterju taż-Żejt fl-Għarb fil-qabar numru 5, Sezzjoni A, riservat għas-saċerdoti.[14] F'dan l-istess qabar, niżlu qablu għall-mistrieħ tagħhom, żewġ saċerdoti oħra kumpajżani mill-parroċċa ta' San Lawrenz: Dun Ġużepp Cauchi, li miet ta' 55 sena fit-13 ta' Awwissu 1955 u Dun Karm Mizzi, li miet fis-17 ta' Awwissu 1940, l-għada li għalaq 49 sena.[15] Dan kollu qed jingħad għall-fatt li s-saċerdot li l-fdal tiegħu kien jinsab taħt Dun Lawrenz, jiġifieri Dun Ġużepp Cauchi, ma kien ħadd ħlief dak li llum l-istorja tirreferi għalih bħala "s-saċerdot li bata." Id-devozzjoni lejn Dun Ġużepp, preżenti fost diversi, wasslet biex il-fdal tiegħu flimkien ma' dak ta' Dun Lawrenz u Dun Karm, jiġi eżumat fit-8 ta' Lulju tas-sena 2001 u ttrasportat lejn iċ-Ċimiteju ta' San Lawrenz. Filwaqt li l-fdal ta' Dun Ġużepp Cauchi tqiegħed f'qabar

għalih, dak ta' Dun Lawrenz Gauci u ta' Dun Ġużepp Mizzi tqiegħed f'qabar separat tnejn lil hinn minn dak ta' Dun Ġużepp, li jġib in-numru 3, fi Blokk A, bl-iskrizzjoni "Missier qaddis, ħarishom f'ismek" tkun il-monument tagħhom. Il-fdal tagħhom inġabar f'tebut separat b'isimhom u d-dati tal-mewt tagħhom jidentifikawhom fuq ġewwa tat-tebut li jiġborhom. Il-fdal ta' Dun Ġużepp, apparti f'tebut, jinsab preservat ukoll f'reċipjent tal-ħġieġ.[16]

Is-santi mqassma b'tifkira ta' Dun Lawrenz Gauci, jiddeskrivuh bħala bniedem li "qeda dejjem dmiru ta' veru saċeerdot, umli, moħbi u sieket, mehdi dejjem fit-talb."


Ġesu' Marija. Ġużeppi. (Ind. 7 snin).
Ġesu' ħanin, agħtih il-mistrieħ ta' dejjem. (Ind. 300 jum).

ITOLBU
GĦAR-RUĦ GĦAŻIŻA
TAS-SAĊ. LORENZO GAUCI
LI GĦAL 84 SENA
GĦEX FIR-RAĦAL TA'
SAN LAWRENZ, GĦAWDEX
JAQDI DEJJEM DMIRU TA'
VERU SAĊERDOT
UMLI, MOĦBI U SIEKET
U MEHDI DEJJEM FIT-TALB
ILLI FID-19 TA' MARZU, 1964
ALLA FEDDEJ
GĦOĠBU JSEJJAĦLU
BIEX JAGĦTIH
IL-MISTRIEĦ LI JISTĦOQQLU
FIL-GLORJA TA' DEJJEM.
R. I. P.

**Is-santa tal-mewt ta' Dun Lawrenz Gauci, li llum il-ġurnata jinsab midfun fiċ-Ċimiterju ta' San Lawrenz (Ħajr lil Dun Charles Sultana).**

## Tfulija u dħul fl-Ordni

Niġu issa għall-personaġġ tagħna, Żaren Gauci. Bin il-bdiewa, trabba fil-faqar u hu stess kien jirrakkonta li ta' tifel kien imur il-knisja tar-raħal kmieni filgħodu bil-qorq fuq spalltu u jxiddu f'riġlejh qabel ma jidħol għall-quddiesa sabiex ma jkagħbrux.[17] Il-ħtiġijiet tal-perjodu ma naqqsux milli t-tfajjel jiffrekwenta l-iskola primarja tal-lokal bejn l-1918 u l-1923[18] madankollu impedewh milli jissuktahom u din kellha tibqa' l-unika ħjiel ta' akkademika li rċieva matul ħajtu. Bit-tfajjel jirċievi s-sagrament tal-Griżma tal-Isqof minn idejn Mons. Giovanni Maria Camilleri OSA., b'ċertu Daniel Vella, iben Giuseppe jkun parrinuh, meħtieġ imidd idejh għax-xogħol, Żaren kellu jieqaf mill-istudji tiegħu wara ħames snin ta' skola elementari. Ta' tmintax-il sena, sewwasew fil-11 ta' Settembru 1929, issieħeb fl-Ordni Agostinjan bħala ajk u dlonk beda s-sena tan-novizzjat tiegħu fil-kunvent ta'



**Mons. Giovanni Maria Camilleri OSA, (1843 - 1924), ir-raba' Isqof tad-Djoċesi ta' Għawdex, li amministra s-sagrament tal-Griżma tal-Isqof lil Nazzareno Gauci.**



**P. Giovanni M. Genovese OSA., li bħala Provinċjal, akkumpanja liż-żagħżugħ Żaren sar-Rabat ta' Malta, sabiex hemm, fil-kunvent ta' San Mark, jibda n-novizzjat tiegħu.**

San Mark fir-Rabat ta' Malta akkumpanjat mill-Provinċjal, P. Giovanni Maria Genovese. Hekk niżżel dwar din l-okkażjoni P. Emanuele Letard:

> "*Rabato: 11 settembre 1929. Il M. R. P. Provinciale Genovese nel pomeriggio di oggi ha accompagnato in questo nostro convento il giovane Nazareno Gauci di anni 18 dal Garbo (Gozo) il quale chiede d'essere ammesso nell'Ordine come Religioso Converso. È stata appagata la sua domanda ed ammesso tra gli aspiranti Oblati.*"[19]



**Mons. Dun Karm Portelli, li għal 42 sena mexxa l-Parroċċa tal-Għarb, kiteb ittra ta' rakkomandazzjoni għaż-żagħżugħ Żaren Gauci meta ġie biex jidħol fl-Ordni Agostinjan.**

Għal tali ammissjoni, l-Arċipriet tal-Għarb, Dun Karm Portelli, kitiblu fis-17 ta' Awwissu tal-istess sena, kelmtejn ta' rakkomandazzjoni, li sal-lum għadhom konservati fl-Arkivju Djoċesan tal-Kurja Għawdxija: "*Attesto, io sottoscritto, che il mio parrocchiano, Nazareno Gauci, di Salvatore, attende scrupolosamente ai suoi doveri religiosi, riceve spesso i SS. Sacramenti, assiste quasi giornalmente al S. Sacrificio della Messa ed in generale è un giovane di conformi assai esemplari.*"[20]

Sadanittant, il-Kurja Veskovili tad-Djoċesi ta' Għawdex permezz tal-Kanċillier Dun Mikelanġ Xerri, bagħtet it-tnidijiet lill-Arċipriet tal-Għarb, Dun Karm Portelli, fit-3 ta' Jannar 1930, li għalihom, fit-22 tal-istess xahar, wieġeb pożittivament: "*Illmo. E Revmo. Mons. Camilleri: Mi prego parteciparLa che ho letto le chieste pubbl: nei giorni 5,12 e 19 del corr., a cui non mi è stato rivelato impedimento alcuno.*"[21] Żaren irċieva l-abitu Agostinjan flimkien



**Il-Beatu Fra Grazzja minn Cattaro OSA., (1438 - 1508), li warajh issemma ż-żagħżugħ Nazzareno mat-tixdid tal-abitu Agostinjan fl-1930.**



**L-urna li tħares il-fdal għażiż tal-Beatu Fra Grazzja minn Cattaro fil-knisja parrokkjali ta' Mulla, raħal twelidu, illum parti minn Montenegro.**

l-isem reliġjuż ta' Fra Grazzja - għall-Beatu Fra Grazzja minn Cattaro tal-istess Ordni ta' Santu Wistin - fis-sagristija tal-kunvent ta' San Mark tar-Rabat nhar il-Ħadd, 16 ta' Marzu 1930. Dwar din l-okkażjoni, l-istess P. Letard kiteb:

> *"Rabato: Domenica, 16 Marzo 1930. Questa mattina dopo la messa cantata e la recita di nona, ha avuto luogo nella Sacrestia della Chiesa nostra di S. Marco, la vestizione del Converso Fra Grazzia Gauci, Gozitano. Nacque costui da legittimo matrimonio, contratto dai Conjugi Salvatore e Paola Caruana, il dì 9 Febr. 1911. Nello stesso giorno ricevette il Battesimo nella Chiesa Parrocchiale e Collegiata di C. Garbo. Fu cresimato dal Diocesano, Mons. F. G. M. Camilleri O.S.A., il dì 12 Febr. 1911" [sic].*[22]

Żaren ma kienx l-ewwel żagħżugħ mill-Għarb li ħaddan l-Ordni ta' Santu Wistin.[23] Mibgħut il-kunvent tal-Belt ma' tmiem in-novizzjat fl-1931[24], is-sena ta' wara Fra Grazzja sab ruħu mill-ġdid fil-kunvent ta' Għawdex.[25] Il-*Libro delle Proposte* ta' dan l-aħħar jgħarrafna, fit-22 ta' Novembru 1933, bil-"*Capitolo di Fra Grazia: Novizio per la Professione*", li ffirmata minn P. Ġwann Battista Zerafa fil-kwalità Pirjol, imsieħeb mill-Patrijiet Naviġju Azzopardi, Salv Portelli, Klement Camilleri u Franġisk Spiteri taqra:

> *"Fra Grazia Gauci, nel secolo Nazareno, figlio legittimo di Salvatore e Paola Caruana, nato al Garbo, Gozo, il dì 10 febbraio 1912*[26] *e battezzato il dì dello stesso mese a anno nella Chiesa Collegiata della Visitazione di Maria Ssma.*
>
> *Entrò nel Noviziato come Converso il dì 22 gennaio 1933. Quindi trovandosi ormai per compiere il termine dell'anno del Noviziato, secondo le prescrizioni delle nostre Sac. Costituzioni e il nuovo Codice, e non trovandosi a sua cognizione alcun impedimento canonico che valga ad ostacolare la sua Professione Semplice, io sottoscritto P. Priore di questo convento, previo il consenso del P. Provinciale, propongo alle Loro paternità M. Revdi. perchè dichiarano ai voti secreti, se siano contenti di ammetterlo alla Professione Semplice.*
>
> *I Padri radunati in cinque, hanno dato il loro voto bianco favorevole."*[27]



**P. Ġwann Battista Zerafa OSA., li matul il-prijorat tiegħu f'Għawdex, ressaq flimkien mal-komunità liż-żagħżugħ Fra Grazzja għall-professjoni sempliċi tiegħu.**

Għaldaqstant, fl-24 ta' Jannar 1934, Fra Grazzja għamel il-professjoni sempliċi tiegħu f'idejn il-Pirjol P. Ġwann Battista Zerafa. Dakinhar huwa lissen dawn il-

preċiżi kelmiet, li konservati fl-Arkivji Provinċjali fil-Belt Valletta qegħdin jinġiebu b'mod sħiħ:

"Fl-isem tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu mbierek. Hekk ikun. Is-sena tat-twelid tal-istess Sidna Ġesù, elf disa' mija u erbgħa u tletin, 24 ta' Jannar.

Jiena Fra Grazzja Gauci, bin Salvatore Gauci u Paola Caruana, mgħammed fil-Knisja Kolleġġjata u Parroċċa tal-Viżitazzjoni ta' Marija Verġni tal-Għarb, Għawdex, nagħmel il-professjoni tiegħi tal-voti temporanji u nwiegħed ubbidjenza lill-Missier Alla li jista' kollox u lill-Beata Marija dejjem Verġni u lill-Beatu Missier Santu Wistin, u lilek, Wisq Reverendu Patri Giovanni Battista Zerafa, Pirjol ta' dan il-kunvent tal-Belt Vittorja ta' Għawdex, int li qiegħed tagħmilha f'isem u minflok ir-Reverendissimu Patri Majjistru Klement Fuhl, Ġeneral tal-Ordni Eremitan ta' Santu Wistin u ta' dawk li jiġu warajh magħżulin kif jitolbu l-liġijiet, u nwiegħed li ngħix bla ma jkolli xejn tiegħi fil-ħajja komuni perfetta u fil-kastità skont ma titlob din ir-Regola tal-istess Missier tagħna Santu Wistin, saż-żmien stabbilit mid-dritt għall-professjoni tal-voti solenni. Hekk ikun."[28]

## Professjoni Solenni fl-Alġerija

Sadanittant wara deċennji ta' attentati, l-Agostinjani fetħu l-ewwel kunvent tagħhom fl-Afrika, preċiżament fl-Alġerija, pajjiż Santu Wistin, u bl-affiljazzjoni afdata f'idejn l-Provinċja Maltija, b'P. Nicolas Merlin maħtur l-ewwel Pirjol mill-Provinċjal P. Lawrenz Agius fit-8 ta' Awwissu 1935[29], ma damx ma ngħaqad miegħu P. Mikiel Mizzi, mibgħut mill-Provinċjal Agius sabiex jiftaħ il-missjoni l-ġdida għall-Maltin fl-Afrika ta' Fuq, li tagħhom kellu eventwalment iservi ta'


THIS FORM MUST BE RETURNED TO THE PASSPORT OFFICE AT LEAST THREE CLEAR DAYS BEFORE THE PASSPORT IS REQUIRED.

* Surname of applicant to be written in Block Capitals and UNDERLINED.

No. 13883

Date 31 OCT. 1934

A

DECLARATION TO BE MADE BY APPLICANT FOR PASSPORT.

*I, the Undersigned, Brother Grazia Gauci

at present residing at St Augustine's Conv. Valletta hereby declare that I am

a British Subject by Birth having been born

at Casal Gharb Gozo on the 10th day of February 1911

and not having lost the status thus acquired, I hereby apply for a Passport for travelling to Bona UNITED KINGDOM AND ALL COUNTRIES IN EUROPE

for the purpose of Mission

I declare that I have not previously been granted any Passport whatever, and that I have made no other application for a Passport.

I declare that all previous Passports granted to me have been surrendered for cancellation to a British Passport or Consular Officer, other than Passport No. which is now attached for cancellation, and that I have made no other application for a Passport since the attached Passport was issued to me.

Signed Fra Grazia Gauci

*AND I, the Undersigned, Rev. Fr. Gundisalvo Micallef

at St Augustine's Conv. Valletta hereby declare that to the best of my personal knowledge and belief the above made Declaration and description of the said Mr. Brother Grazia Gauci is true, and that I am FROM MY PERSONAL KNOWLEDGE of him vouch him as a fit and proper person to receive a Passport.

Signed Rev. Fr. Gundisalvo Micallef O.S.A.

23 OCT 1934

Received at the Passport Office

Passport No. 13883

31 OCT 1934

Signature of Recipient Chetcuti John

For official use

Age 23 years

Profession Lay Brother

Place of birth Casal Gharb Gozo

Date of birth 10 February 1911

Height 6 feet 2 inches

Colour of eyes Black

Colour of hair Black

IMPORTANT.

L-applikazzjoni numru 13883 għall-ħruġ ta’ passaport f’isem Fra Grazzja Gauci OSA., biex ikun jista’ jivvjaġġa lejn l-Alġerija, datata 31 ta’ Ottubru 1934 (Ħajr lill-Arkivju Nazzjonali ta’ Malta).


NITOLBU GHAL MEJTIN TAGHNA.

B’għafsa ta’ kalb inhabbru il mewt ta
FRA NAŻŻARENU VELLA O.S.A.
li miet fil cunvent ta’ l’Agostinjani ta’ Bona fil 21 ta’ Dicembru 1937. Fra Nażżarenu chellu 58 sena 32 minnhom għaddihom fl’Ordni ta’ S. Wistin, fejn għall tjubitu u l-ħlewwa ta’ ghemilu chien maħbub mhux biss mir-Religiusi ħutu, imma wcoll mill Maltin collha ta’ Bona. Nitolbu lill kar-rejja tagħna jiftacru fir-ruħ tiegħu.

Marija Ghio minn l’Isla mietet fil 31 ta’ Dicembru 1937 ta’ 44 sena.

Nicolina Gauci minn l’Isla mietet fit-13 ta’ Ottubru 1937 ta’ 75 sena.

R. I. P.

Il-perjodiku reliġjuż “*Il-Purgatoriu*” (Sena VI, ħarġa nru 29, Jannar 1938), iħabbar il-mewt ta’ Fra Żaren Vella OSA., li ġrat f’Bona fl-1937.



**Fra Filippu Fenech OSA., (1902 - 1977), mir-Rabat, Għawdex, li mibgħut l-Alġerija, ma damx ma rritorna lejn Malta wara li t-temp sħun tal-Afrika ma qabel xejn miegħu.**



**Fra Nazzareno Vella OSA., l-ewwel u l-uniku Agostinjan Malti u li miet u ndifen l-Alġerija (Ħajr lill-Arkivju Nazzjonali ta' Malta).**

vigarju provinċjali.[30] Suċċessur ta' P. Merlin bħala rettur tal-Bażilika ta' Santu Wistin ta' Bona, illum Annaba, għal wieħed u tletin sena, sew Merlin kif ukoll Mizzi ħtiġilhom il-preżenza ta' ajk sabiex jassistihom sew fiż-żamma tal-bażilika nfisha u tal-kunvent biswitha, li mibni fuq żewġ sulari, b'ħames kmamar tas-sodda, kamra komuni, kappella, refettorju, kċina, librerija[31], u għadd ta' kmamar oħra, riedu bilfors par idejn sabiex jieħdu ħsieb ta' dan kollu, biex ma nsemmux imbagħad it-tisjir u l-ħtiġijiet l-oħra ta' kuljum. Mibgħut sabiex jingħaqad magħhom Fra Filippu Fenech fl-1935, peress li l-klima tal-post ma qablet xejn miegħu, tela' minfloku Fra Nazzarenu Vella. Par idejn ta' ajk wieħed madankollu nħass li ma kinux biżżejjed, tant li Fra Grazzja ngħata l-ubbidjenza li jmur huwa wkoll ġewwa l-Afrika, fejn mal-mewt ta' Fra Żaren, ma damx ma kellu jmidd għonqu għax-xogħol kollu meħtieġ u mitlub mis-superjuri tiegħu.[32] Ftit basar aktarx mar-riċeviment ta'

din l-ubbidjenza, li hemm, f'dan il-pajjiż sħun fl-art Afrikana li nissel lil Santu Wistin, fil-belt ta' Bona, propju fejn dan wettaq il-ħidmiet episkopali tiegħu, fil-bażilika li kellha tant issir għal qalbu ddedikata kif xieraq lil Missier l-Ordni, kellu jqatta' tnejn u erbgħin sena minn ħajtu: perjodu li matulu ħa ħsieb b'tant dedikazzjoni mhux biss tal-bażilika u ż-żewġ sagristiji tagħha - waħda għall-paramenti u l-oħra li fiha kien jieħu ħsieb ix-xemgħa - imma wkoll tal-kunvent. Sadanittant, il-Provinċjal Agius, permezz ta' delega maħruġa fl-10 ta' Lulju 1937, awtorizza lill-Pirjol P. Merlin sabiex jippresjedi l-professjoni solenni ta' Fra Grazzja, liema ċerimonja saret fil-15 ta' Awwissu ta' wara, nhar l-Assunta, fil-Bażilika ta' Santu Wistin ġewwa l-belt ta' Bona, li magħha kellu tant jibqa' marbut Fra Grazzja. Id-delega bil-Latin tgħid:



**P. Nicolas Merlin OSA., (1882 – 1949), mill-Belġju, Rettur tal-Bażilika ta' Santu Wistin ta' Bona, li f'idejh ipprofessa l-voti solenni tiegħu Fra Grazzja Gauci fil-15 ta' Awwissu 1937.**

> *"Tenore praesentium nostrique muneris auctoritate, Te, praedictum Priorem Fr. Nicolaum Merlin, delegamus quatenus opus sit, ad acceptandam professionem sollemnem Fr. Gratiae Gauci, laici Conversi, eiusdem domus Hipponensis, servatis servandis."*[33]

## Tjubija, umiltà, ħidma, apprezzament u nuqqas tiegħu

Stajna fridna kull wieħed minn dal-punti f'taqsima għaliha, iżda peress li ħaġa tmur mal-oħra u l-għan tagħna huwa dak li noffru lill-qarrej stampa kemm jista' jkun ċara tal-figura ta' dan l-ajk, ħsibna li aħjar inħarsu lejn dan kollu f'daqqa u niffurmaw hekk katina li torbothom ilkoll flimkien. Fit-tnejn u erbgħin sena li dam Bona, Fra Grazzja kellu bħala retturi tal-bażilika tant għal qalbu ta' Santu Wistin lil P. Nicolas Merlin, P. Mikiel Mizzi, P. Awrelju Ciantar, P. Bonaventura Chetcuti, P. Ġwann Xerri, P. Ugolin Gatt u P. Luċjan Borg. Tul dawn is-snin kollha, maż-żerniq għall-erbgħa u nofs ta' filgħodu, Fra Grazzja "kont tarah bis-skiet is-skiet ħiereġ mill-kunvent biex imur lejn il-bażilika li kienet l-għaxqa ta' qalbu u l-mimmi ta' għajnejh...Kont tarah tiela' fuq il-bejt tal-bażilika biex jara li kollox kien f'postu. L-imħabba li



**P. Mikiel Mizzi OSA., (1900 - 1980), mix-Xagħra, Rettur tal-Bażilika ta' Bona u Kanonku Onorarju tal-Kapitli tal-Alġier, Konstantina, Kartaġni u Għawdex.**



**P. Ġwann Xerri OSA., (1914 - 1981), mill-Belt Valletta, li taħtu wkoll serva Fra Grazzja bħala wieħed mir-Retturi tal-Bażilika.**

kellu lejn il-bażilika kien juriha wkoll lejn il-kunvent li lilu wkoll kien iżomm tant nadif. Matul il-ħakma Franċiża fl-Alġerija kien jieħu ħsieb il-bejgħ ta' oġġetti sagri u tax-xemgħa. F'dawk iż-żminijiet il-bażilika kienet tibqa' miftuħa[34] u n-nies Insara u Musulmani kienu jitilgħu ta' kuljum biex jitolbu lil Santu Wistin u jixtru xi medalja jew xi oġġett reliġjuż."[35] Lil P. Bonaventura Chetcuti ġieli qallu: "Dak li huma l-prietki u l-kotba għalik, għalija huma l-ixkupa, il-barmil, il-borom u l-imgħażqa"[36], sentenza li permezz tagħha seħħlu jiddeskrivi perfettament il-ħidma li wettaq tul il-ħajja twila tiegħu u x'kienet tfisser għalih, li tispjega il-għala kienet ġejja tant mill-qalb. Imma sabiex wieħed jifhem sew id-dedikazzjoni totali ta' dan l-ajk lejn ix-xogħol tiegħu, xogħol komuni f'għajnejn min qed jaqra, irridu qabel xejn nisiltu l-karattru tal-bniedem wara l-ixkupa, il-barmil, il-borom u l-imgħażqa, li fi kliem l-istess P. Bonaventura, "kienu għal Fra Grazzja, flimkien mat-talb u mal-qari ta' xi ktieb spiritwali, il-mezzi ta' qdusitu."


**P. Awrelju M. Ciantar OSA., (1894 - 1980), mill-Birgu, li għal xi żmien kien ukoll Rettur tal-Bażilika ta' Bona. Miet f'Dobbs Ferry, New York, fl-Istati Uniti, f'liema pajjiż issokta għaddej bil-ħidmiet missjunarji tiegħu wara li ħalla l-Alġerija.**

"Dejjem lest bi tbissima fuq wiċċu"..."Kien ta' ftit kliem, diskret, imma x'eżempju tajjeb ta u x'impressjoni ħalla."[37] Marbut bix-xogħol li kellu, "rari kien jinżel minn fuq l-għolja ta' Ippona biex imur il-belt ta' Annaba. Il-pjaċir u l-ferħ tiegħu kien li jehda bil-bażilika u d-dar."[38] "... *Con quanta dedicazione teneva la basilica pulita, pronta ad accogliere i visitatori*"..."*Era un uomo di grande statura ma quanta umiltà e discrezione si sprigionavano di quella statura snella e sempre allerta.*"[39] "*I soldi che riceveva dalla comunità per fare qualche capriccio li versava nelle mani di coloro che bussavano alla porta della nostra casa.*"[40] Reliġjuż



**P. Bonaventura Chetcuti OSA., (1918 - 2009), minn Bormla, li għal 23 sena għex ma' Fra Grazzja f'Bona, sebgħa minnhom bħala Rettur tal-Bażilika ta' Santu Wistin, u li r-rabta tagħhom flimkien kienet, bit-tajjeb u l-ħażin, waħda li kellha tibqa' mmarkata fl-istorja.**

"*dell'antico stampo*"[41], fi kliem P. Bonaventura Chetcuti, li għex miegħu għal tlieta u għoxrin sena sħaħ u għaldaqstant kien jafu fi kliemu stess "*in cutis et in cute*", Fra Grazzja kien "fidelissimu fil-prattika tat-tliet kunsilli evanġeliċi; fih kienu jirriflettu t-tmien beatitudnijiet ippritkati mill-Mulej fuq il-Muntanja, kummentati maġistralment minn Santu Wistin."[42] "Għex f'intimità mal-Mulej bit-talb u fis-servizz lil sħabu li tant kien jirrispetta u jħobb."[43] "Ta' ftit kliem, kien ħabib tal-ġabra, tal-ħajja moħbija fl-umiltà, tad-distakk minn kull għamla ta' frugħa, taċ-ċaħda tiegħu nnifsu, tal-bżulija tax-xogħol, tal-kunvent u tal-knisja li kien l-mimmi ta' għajnejh."[44] Inkomplu nisimgħu x'żied iniżżel dwaru f'apprezzament li ppubblika fil-ġurnal "*Leħen is-Sewwa*" fl-okkażjoni ta' mewtu: "Kien jippossjedi l-għerf tal-qaddisin. Id-dinjità fl-imġiba, it-tbissima naturali, il-ħlewwa fi kliemu dejjem meqjus ma' kulħadd kienu jiġbdu s-simpatija, l-ammirazzjoni u r-rispett ta' kull min kien jiġi fil-bażilika jżur ir-relikwija tad-Driegħ ta' Santu Wistin, saħansitra lill-Musulmani."[45] U din it-tbissima tiegħu ma marritx inosservata, tant fost dawk milquta minnha rridu ngħoddu lil Mons. Angelo Giuseppe Roncalli, Arċisqof tas-Sede Titulari ta' Aeropolis, dik il-ħabta Nunzju Appostoliku fi Franza, li żar il-Bażilika ta' Santu Wistin fl-1950[46] u li elevat għall-Kulleġġ Kardinalizju fl-1953, seħħlu



**Ritratt storiku li juri lill-Kanonku P. Mikiel Mizzi OSA, biswit Mons. Paul Pierre Pinier (1899 - 1992), Isqof ta' Konstantina-Ippona, Mons. Angelo Giuseppe Roncalli (1881 - 1963), dik il-ħabta Nunzju Appostoliku fi Franza, futur Papa San Ġwanni XXIII, u Mons. Augustin-Fernand Leynaud (1865 - 1953), Arċisqof tal-Alġier, f'ritratt meħud fis-sena 1950.**

jkun appuntat Patrijarka ta' Venezja u eventwalment elett suċċessur ta' Piju XII fil-Ministeru Petrin bħala Ġwanni XXIII fit-28 ta' Ottubru 1958 u li fil-Pontifikat qasir tiegħu nieda t-tiġdid fil-Knisja permezz tal-Konċilju Vatikan II. Ikkanonizzat mill-Papa Franġisku flimkien ma' Ġwanni Pawlu II nhar is-27 ta' April 1927, jekk il-qaddisin kapaċi jiddistingwu wieħed mill-ieħor, kif Sant'Albert il-Kbir għaraf lil San Tumas d'Akwinu, San Franġisk ta' Assisi lil Santa Kjara u lil San Duminku ta' Guzmán u San Filippu Neri lil Michele Ghislieri, 'il quddiem San Piju V, hekk ukoll Mons. Roncalli nnota xi ħaġa mhux tas-soltu f'dan is-sempliċi ajk, li injorata fl-għajnejn indifferenti ta' xi wħud propju għax Fra Grazzja ma kien xejn ħlief "sempliċi ajk", mhux hekk kienet



**F'ritratt li qed jidher għall-ewwel darba, naraw liż-żagħżugħ Fra Grazzja fl-età ta' 23 sena, f'ritratt meħmuż mal-applikazzjoni tiegħu għall-ħruġ ta' passaport biex ikun jista' jmur l-Alġerija (Ħajr lill-Arkivju Nazzjonali ta' Malta).**

għal dan il-futur Papa kkanonizzat li meta laqa' l-istedina li saritlu sabiex jippresiedi xi funzjonijiet fil-Bażilika ta' Bona qal stqarr "*Questo fratello ha la faccia d'un santo*"[47] waqt li żied jgħid lil P. Bonaventura: "*Ma, sul volto di questo confratello è dipinta la bontà*"[48], espressjoni kif stqarr snin wara fl-2005, P. Bonaventura, li fl-okkażjoni tal-viżta ta' Mons. Roncalli kien kappillan tal-parroċċa ta' Santa Monika f'Joanonville, u li kif stqarr huwa stess fl-apprezzament li kiteb fil-ġurnal imsemmi aktar 'il fuq, baqa' dejjem jiftakar. Ma' dan baqa' jiftakar ukoll żewġ aneddoti li seħħew fil-kunvent tal-Ordni biswit il-bażilika. Fil-mument tal-pranzu mħejji għall-okkażjoni, mal-wasla tan-Nunzju mal-mejda, mara liebsa xi ftit jew wisq skullat talbet skuża lill-Monsinjur li min-naħa tiegħu kien pront weġibha: "Tibża' xejn Sinjura. Imdorri mal-baqar ta' missieri!" Filwaqt li dan l-aneddotu jinstema' wkoll minn xi bnadi oħra u għaldaqstant ma nistgħux ngħidu jekk P. Bonaventura esperjenzax tassew dan il-fatt inkella semgħux u għamlu tiegħu, anedottu ieħor seħħ tassew. Ġara li n-Nunzju kellu bżonn jgħaddi sal-kamra tal-banju iżda meta ġie biex joħroġ, peress li minn figurtu kien, bħalma nafu sew, Alla jbierku, weħel u ma setax joħroġ mill-kamra. Filwaqt li Fra Grazzja direttament ma jissemmiex f'dan ir-rakkont għandna nifhmu li kien minn ta' quddiem biex jagħti palata lin-Nunzju ġaladarba kif qegħdin naqraw kien imidd tant idejh għax-xogħol kollu li kien jinqala', sew fil-bażilika u kif ukoll fil-kunvent!



**Il-Bażilika ta' San Wistin f'Bona, illum Annaba, fl-Alġerija, li għal 42 sena, rat is-servizz dedikat ta' Fra Grazzja (Ħajr lil P. Raphael Abdilla OSA).**

"Nadif xummiema, kien jilbes sempliċi: flokk abjad ta' taħt, qmis bajda jew ċelesti u qalziet skur. Meta kien jivvjaġġa kien jieħu miegħu sorra bajda b'xi ħaġa ġo fiha. It-tonka ma kinetx midħla tiegħu. Forsi minħabba li fiż-żmien twil li għamel l-Alġerija ma tantx kien jilbisha", xehed P. Peter Paul Cachia. Imma fil-ħajja xi drabi kliem is-Salmista "Kemm hi ħaġa sabiħa u ħelwa li l-aħwa jgħammru flimkien!" [Salm 133:1] għal xi raġuni jew oħra ma jkunux daqstant sbieħ u ħelwin u l-istess ġara lil Fra Grazzja fil-ħidma u l-preżenza tiegħu f'Bona. U dan in-nuqqas ta' apprezzament ma kienx ġej min-nies tal-lokal li magħhom peress li kien "jitkellem bid-djalett Għarbi tagħhom"[49] u kien "*molto amato*"[50] tant li "wara li telaq mill-Alġerija, għal bosta snin, il-ġirien u n-nies ta' Annaba kienu jistaqsu ta' spiss għalih"[51], iżda propju mill-istess aħwa f'Santu Wistin li magħhom kien jgħix fil-kunvent. Qabel ngħaddu biex naraw eżattament x'kien dak li wassal lil

xi patrijiet iħarsu lejh b'nuqqas ta' apprezzament, infakkru li mhuwiex l-għan tagħna li nagħtu ġudizzju, la fuq wieħed u lanqas fuq l-ieħor, għalhekk min qed jaqra jrid iżomm f'moħħu li lura għal żmien Fra Grazzja u d-deċennji ta' qablu, minn seklu għal ieħor l-ajkijiet kienu meqjusa mill-istess patrijiet bħala sefturi, li għalkemm bħalhom professi solenni fi ħdan l-istess Ordni, kienu qegħdin hemm biex iservuhom. Tant hu veru, li l-patri ma kienx imidd idu għall-ħidma tal-id. Dan kien jaqa' taħt il-ħarsien tal-ajk f'kull kunvent u f'kull Ordni. Tali distinzjoni kienet teżisti wkoll fost is-Sorijiet, bħal dawk ngħidu aħna tal-klawsura, bis-sorijiet maqsuma bejn id-"*Donne*" jew koristi u l-kunversi, b'dawn tal-aħħar jieħdu ħsieb il-faċendi tal-monasteru rispettiv tagħhom u ma jiħdux sehem fil-kor bħall-bqija tal-koristi, u waqt li dawn tal-aħħar kellhom ċella privata kull waħda, il-kunversi kienu jorqdu flimkien f'dormitorju wieħed. U meta l-futura Beata Swor Maria Adeodata Pisani OSB., biddlet ma' kunversa ċ-ċella tagħha u ħadet minflok sodditha fid-dormitorju tal-Monasteru ta' San Pietru fl-Imdina, sabiex il-kunversa li kienet marida jkollha aktar kumdità, ma naqsitx li dehret qiegħda tagħti skandlu f'għajnejn xi sorijiet koristi. U hekk meta Fra Grazzja nhar il-festa ta' Santu Wistin li tiġi ċċelebrata fit-28 ta' Awwissu, tqabbad mir-rettur tal-bażilika, dik il-ħabta P. Mikiel Mizzi, li kellu mistiedna fil-kunvent għadd ta' nies prominenti għall-pranzu, imur fil-kantina jġib flixkun inbid, Fra Grazzja fis-sempliċità tiegħu "meta ra li l-flixkun kien mimli bit-trab, qabel ma ppreżentah fuq il-mejda qagħad inaddfu. Imma meta ġabu, Patri Mikiel ma kienx kuntent li naddaflu mit-trab il-flixkun tal-inbid u għajru injorant"[52] quddiem kulħadd. Iżda "milli jidher Fra Grazzja ma kienx jagħti kas għal dak li kien jgħid P. Mikiel ukoll meta kien iwaqqgħu hekk fil-baxx quddiem il-mistednin."[53] Hawn irridu nżidu li għalkemm "il-frajiet ma kinux jiġu stmati kif suppost speċjalment għad-dedikazzjoni li kellhom lejn ix-xogħol tagħhom u għas-servizz li kienu jagħtu u għalkemm kienu nies li ma kellhomx studju, kellhom kwalitajiet nobbli għax kienu nies sempliċi, umli, qaddisa, ħabrieka, dedikati u bieżla. Fra

Grazzja, mill-ftit li nafu kellu dawn il-kwalitajiet nobbli kollha", kif xehed tajjeb ħafna P. Peter Paul Cachia li lil Fra Grazzja sar jafu meta kien diġà kbir fl-età fl-1985, fi żjara li l-Fra għamel fl-Alġerija fejn dik il-ħabta Cachia kien assenjat. Mill-banda l-oħra, lanqas ma jfisser li l-ajkijiet kienu xi qabda nies bla skola. Spiss huma proprju l-ajkijiet, bħal fil-każ tagħna, li ġew ikkunsidrati bħala kandidati fi proċessi ta' beatifikazzjoni, sforz tal-umiltà, is-sabar u l-qdusija li wrew. Filwaqt li għadd minnhom kienu tassew nies li ftit li xejn irċevew edukazzjoni, bħal Fra Grazzja, oħrajn anki jekk minn din kellhom ħafna, għażlu huma stess li ma jkunux ordnati saċerdoti iżda li jħaddnu minflok dan l-istil ta' ħajja fil-modesta eżemplari tagħhom. Fra Anton Borg minn Bormla kien kostruttur tad-dgħajjes li d-disinji u mudelli tal-injam li ħadem rebbħuh għadd ta' premjijiet u kienu mfaħħra minn bosta għad-dettall u l-oriġinalità tagħhom waqt li Fra Stiefnu Fenech minn Ħal Għargħur, li kien assenjat bħala kok għal bosta snin fil-kunvent tar-Rabat, kien jaqra l-Istorja tal-Knisja waqt il-qadi tiegħu, waqt li b'id waħda kien jieħu ħsieb il-borma, bl-oħra jżomm il-ktieb f'idu. U meta biż-żmien beda jirtogħod u kien iwaqqa' xi affarijiet, kien umilment jidħol fir-refettorju u jitlob maħfra quddiem kulħadd għal dan in-nuqqas tiegħu.[54] Fuq lenti ta' qdusija nsemmu mbagħad lill-Beatu Agostino Novella minn Tarano li minkejja l-oriġini nobbli u l-intelliġenza partikolari li kien iħaddan, għażel li jissieħeb fl-Ordni Agostinjan bħala sempliċi kunvers, sakemm rikonoxxuti t-talenti tiegħu, kien ordnat saċerdot, maħtur Penitenzier tal-Kurja Rumana u elett Ġeneral tal-Ordni. Qed jinġiebu dawn l-ismijiet minn fost tant oħrajn biex iservu ta' eżempju u konferma ta' dak li għedna dwar il-kunversi. P. Luċjan Borg isemmi punt dwar Fra Grazzja li jorbot ma' dan kollu: "Fra Grazzja kien ta' ftit skola u meta kien tifel u żagħżugħ bata l-għaks. Kien iħobb jirrakkontali li kien imur il-knisja bis-sandli fuq spallejh u jilbsu meta jkun dieħel il-knisja u dan biex ma jużahx ħafna u hekk is-sandli kien jista' jdum aktar. Minkejja li ma studjax kien bniedem intelliġenti. P. Ugolin irrakkontali li fil-bażilka kien

hemm ħawt tal-ilma mbierek u darba minnhom Fra Grazzja neħħieh. Meta daħal P. Mikiel, li kien ir-rettur, u ma rax il-ħawt staqsa lil Fra Grazzja x'sar minn dak il-ħawt. Fra Grazzja wieġbu li kien neħħieh hu għax ma kienx estetiku. Altru trid ikollok ċerta intelliġenza biex tasal għal konklużjoni bħal din! U hija din l-intelliġenzja marbuta ma' ħajja interjuri profonda li turi li għalkemm Fra Grazzja kien timidu kien bniedem umli. Nirrimarka wkoll li huwa minnu li kien ta' ftit kliem, imma x'pjaċir kien ikun għalija nisimgħu jirrakkonta kif kienet il-ħajja fl-Għarb u f'Għawdex meta kien żagħżugħ. Kellu memorja fenominali."[55]

Dwar il-mod li bih P. Mikiel kien jittratta lil Fra Grazzja jissokta jgħidilna aktar P. Luċjan Borg: "Bla dubju ta' xejn, waħda mill-isbaħ kwalitajiet li kellu kienet l-umiltà. Dejjem kien iżomm ruħu lura u sa fejn naf jien qatt ma kont tarah jiddefendi lilu nnifsu jew jipprova jiġbed l-attenzjoni. Ċert kien bniedem timidu imma meta ngħarbel



**Ritratt li juri l-komunità Agostinjana f'Bona fis-snin sittin. Mix-xellug għal lemin: P. Bonaventura Chetcuti, P. Federik Gibson, P. Mikiel Mizzi, (aktarx P. Nicolas Merlin), u Fra Grazzja Gauci.**

kollox ngħid li ma kinetx biss it-timidità li kienet iġġagħlu jaġixxi hekk. Speċjalment meta kien jinżamm fil-ġenb. Diżgrazzjament qabel il-Konċilju Vatikan II il-fra fil-kunventi tar-reliġjużi kien meqjus bħala fattiga, biex jiknes, inaddaf, isajjar. P. Ugolin Gatt kien qalli, meta konna flimkien f'Ippona, li P. Mikiel kien jagħti lil Fra Grazzja ż-żarbun biex inaddafhulu. Sintendi Fra Grazzja kien jagħtihulu lura jleqq. Skont P. Ugolin, Fra Grazzja kien iħobb jagħmel dan ix-xogħol u lejn P. Mikiel kellu venerazzjoni kbira. L-impressjoni tiegħi u ta' P. Ugolin kienet li għal P. Mikiel, Fra Grazzja kien aktar skjav milli wieħed mill-aħwa reliġjużi. Minkejja dan kollu Fra Grazzja qatt ma lmenta miegħi dwar l-umiljazzjonijiet li Alla biss jaf kemm kien irċieva meta l-Alġerija kienet għadha Franċiża. Insemmi waħda biss li qalli biha P. Ugolin Gatt. Dan kien Provinċjal bejn l-1961 u l-1966. P. Ugolin kien qalli li darba minnhom kien ġie Ippona bħala Provinċjal u ma nafx jekk kinetx il-festa ta' Santu Wistin li f'dawk iż-żminijiet kienet issir bl-akbar pompa. Kien hemm il-quddiesa solenni u kien hemm xi isqfijiet. Kif spiċċat il-quddiesa, Fra Grazzja niżel għarkupptejh ħdejn il-bieb tas-sagristija biex jirċievi l-barka tal-isqof jew isqfijiet hekk u huma deħlin fis-sagristija. X'aktarx li Fra Grazzja mingħajr ma nduna kien xi ftit fin-nofs. Malli wasal P. Mikiel, dan b'siequ warrab lil Fra Grazzja min-nofs. Dan il-ġest impressjona ħafna lil P. Gatt li bħala Provinċjal kien miexi wara P. Mikiel. Tant hu hekk, u dan qaluli P. Ugolin, li wara ċ-ċerimonja P. Ugolin għajjat lil P. Mikiel u qallu: 'P. Mikiel ara ma terġax tagħmel dak li għamilt lil Fra Grazzja għax tispiċċa ħażin.' Fra Grazzja qatt ma qalli xejn dwar dan ukoll jekk xi drabi kont nipprova nitkellem dwar P. Mikiel."[56] Anzi, jirrimarka li "Fra Grazzja kellu kwalità straordinarja u din hija li qatt ma smajtu jonqos mill-karità, qatt ma smajtu jtkellem ħażin fuq xi ħadd u meta forsi gerger xi ftit minn xi superjur jew minn xi patri - però ma niftakar xejn partikolari - la kien hemm rabja u lanqas is-sentiment ta' weġgħa fi kliemu."[57] Minkejja dawn l-atteġġjamenti miġjuba lejh, P. Luċjan jissokta jixhed li "kien timidu u meqjus bħala skjav, imma ma nistax ma narax fih

bniedem ta' umiltà kbira. U r-raġuni hija waħda ta' antropoloġija psikoloġika u filosofika: ikun kemm ikun timidu, il-bniedem qatt ma jabdika għad-dinjità tiegħu u jasal ħin fejn in-natura umana tħoss il-ħtieġa li tirribella. Qatt iżda ma stajt ngħid xejn dwar dan fuq Fra Grazzja u fiż-żmien li għext miegħu qatt ma rajtu jirribella."[58]

Meta rettur tal-Bażilika ta' Santu Wistin u Pirjol tal-kunvent anness magħha sar P. Bonaventura Chetcuti fl-1961, inqala' bejnu u bejn Fra Grazzja, xi nuqqas ta' ftehim fis-snin li segwew matul il-perjodu li dam iħaddan tali uffiċċji, jiġifieri sal-1970, meta kien appuntat kappillan tal-Monasteru ta' Santa Katarina tal-Belt Valletta, imnejn fl-1975 ħalla xtutna mil-ġdid sabiex iservi fil-gżira ta' Sqallija, f'Palermo u Katanja, fejn dam sal-2004 meta kien mitlub jirritorna Malta mill-Provinċjal P. Luċjan Borg minħabba saħħtu. Qabel nissuktaw, jeħtieġ




**Ritratt meħud għal għarrieda u għaldaqstant tassew naturali, li juri lill-Fra, liebes il-fardal fuq it-tonka hu u għaddej bil-faċendi tiegħu, jgħid kelma ma' P. Bonaventura Chetcuti.**

iżda għall-benefiċċju ta' min qed jaqra, niċċaraw xi ħaġa dwar il-figura ta' P. Bonaventura, li bl-ebda mod m'għandha tkun interpretata b'nuqqas ta' ftehim. Min qed jikteb, li lil P. Bonaventura jafu sew u kien qrib tiegħu ħafna mis-sena tal-irtirar imsemmija sa mewtu fl-2009 u min jafu bħalu u iżjed minnu jaf li P. Bonaventura kien bniedem perfezzjonist, dedikat lejn il-ħidmiet saċerdotali tiegħu b'passjoni, li għalkemm l-aħwa membri fl-istess Ordni ġaladarba ssieħbu kif wieħed għandu jimmaġina għall-istess għan, li jservu lis-Sinjur permezz tal-kapaċitajiet rispettivi tagħhom, u kif jgħid San Pawl: "Kulma tagħmlu, agħmluh minn qalbkom bħallikieku lill-Mulej u mhux lill-bnedmin" [Kol:3:23], dawn tal-aħħar xi minn daqqiet ma jiftehmux. P. Ġwann Xerri, Vigarju Provinċjali għall-Afrika ta' Fuq, fis-27 ta' Settembru 1964 bagħat ittra twila lill-Provinċjal li fiha tgħarraflu dak li ra fil-viżta mwettqa minnu fil-kunvent ta' Bona. Kellu kliem sabiħ sew għal wieħed sew għall-ieħor, għax niżżel li "*Padre Bonaventura è contento pure nel suo ambiente, e tutte le Suore sono sodisfatte molto del suo apostolato accompagnato di sacrificio e di abnegazione, come mi disse ieri la Superiora e la suora che l'accompagnava. Io stesso posso confermare e attestare queste, perché si interessa molto dei vecchi, che sono 80: si può dire la parrocchia più numerosa dopo quella della Cattedrale, sebbene un'altro genere di lavoro.*"[59] Dwar Fra Grazzja mbagħad niżżel: "*Oggi gli ho consegnato* [lil P. Bonaventura], *tutto il denaro come sacrestano e economo perché tutto era nelle mani di Fra Grazzia, compreso pure il denaro del Secretariato. Inquanto a Fra Grazia è un converso buono, umile e servizievole. Ci si tratta molto bene.*" U jekk kliem sabiħ kellu għat-tnejn żied iżda dan id-daqsxejn ta' punt: "*Soltanto gli ho fatto osservare con tutta la prudenza e la delicatezza di avere più fiducia in P. Bonaventura specialmente quando si tratta di denaro: il proverbio dice 'il demonio non è brutto quanto lo dipingono'. Lui mi ha capito, e si vede che avvicina il P. Bonaventura.*"[60]

Fil-"*Pro Memoria riguardo alla situazione degli Agostiniani in Algeria*",[61] P. Athanasius van der Weijden, Prokuratur Ġenerali tal-

Ordni Agostinjan, kiteb f'Ruma fis-17 ta' Mejju 1966, wara żjara uffiċċjali li wettaq fuq ordni tal-Ministru Ġeneral tal-Ordni, P. Agostino Trapè[62] bejn it-8 u t-12 tal-istess xahar, akkumpanjat mill-Provinċjal, P. Eġidju Galea: "*Al nostro arrivo alla Basilica di S. Agostino abbiamo trovato colà il Padre Bonaventura Chetcuti ed il Fratello Grazia Gauci, unici custodi stabili della stessa Basilica.*"[63] Dwar P. Bonaventura, P. van der Weijden niżżel li "*si dimostrava molto assiduo nel esercizio del sacro ministero presso i pazienti dell'asilo*" iżda "*veniva considerato dal Vescovo* [Mons. Pinier], *poco adatto a tenere insieme una comunità. Il Vescovo apprezzava certamente il lavoro svolto da questo Padre tra i vecchi dall'asilo.*" Fil-'*Giudizio alla situazione*' tiegħu fl-istess rapport niżżel imbagħad fost ħwejjeġ oħra: "*Il Padre Chetcuti lavora con zelo per la Basilica e per i suoi vecchi, ma non è un 'leader'. Anche le sue qualità per guidare in una maniera gradevole la vita familiare dei Confratelli non sembrano d'essere molto forti. Mi sono meravigliato che la presenza di Fra Grazia, che manifesta una cura così accurata per la Basilica, non gli era del tutto piacevole.*"[64]

Minn ittra datata 11 ta' Novembru 1966 miktuba bit-Taljan mill-Provinċjal P. Eġidju Galea u mibgħuta lill-Pirjol tal-kunvent ta' Santu Wistin ta' Bona, jiġifieri P. Bonaventura, naraw li n-nuqqas ta' qbil kien għadu għaddej, tant li bagħat jgħidlu: "*Su Fra Grazia ti mandai la mia opinione a voce con P. David. Quindi non ho bisogno di ripetere che come stanno le cose non posso ritirarlo. Per il mangiare potresti convenire con le Suore, se credi che Fra Grazia non può soddisfare le esigenze della casa.*"[65] Il-biċċa aktarx twalet tant li fl-14 ta' Frar 1968, Fra Grazzja nnifsu kiteb lill-Provinċjal, u fuq biċċa karta ta' pitazz bil-ftit skola tiegħu bagħat jgħarrfu dan li ġej. Peress li din l-ittra hija l-uniku ħjiel ta' korrispondenza li nstabet miktuba b'idejh, qiegħda tinġieb bl-istess mod li huwa kitibha:

"(Hippone).

Ghaziz Provincial

jena fra Grazzia li sejjer ngharfec illi ma nistax inkompli izjed ma P. Bonaventura ghaldakstant nitolboc tnehhini minn dal-post. issa ghara inti mela bil qalb inselli ghalic hafna u nispera li inti tajjeb kawwi u shieh u nitolboc il benedizioni tighec

(arrivederci) [sic].[66]



**P. Ugolin M. Gatt OSA., (1908 - 1987), mill-Birgu, li bħala Rettur tal-Bażilika ta' Bona u Pirjol tal-komunità Agostinjana f'Bona, kellu rispett kbir lejn il-Fra, kif jidher ċar f'bosta kitbiet tiegħu.**

P. Ugolin M. Gatt, inkwetat minn dak li kien għaddej bejn P. Bonaventura u Fra Grazzja, kiteb fis-16 ta' Ġunju 1970 minn Bona lill-Provinċjal P. Eġidju, li peress li kellu jinżel Malta għal xi xahar minħabba l-Kapitlu Provinċjali, ħass li kien ikun "*saggio e prudente*" - għaqli u prudenti - jekk jikteb lil P. Liberat Cini, dik il-ħabta assenjat La Goulette fit-Tuneżija, sabiex imur jissostitwixxieh sakemm idum Malta u kien tant deċiż fi kliemu li niżżel: "*Sono pronto a rinunziare di venire per il Capitolo anziché lasciare il povero Fr. Grazia solo con quella benedetta anima*."[67]

Dan in-nuqqas ta' qbil, li mal-ewwel daqqa t'għajn jinstema' tassew serju, tant li Fra Grazzja talab li jitneħħa mill-kunvent fejn kien assenjat u kien ser ikollu għaldaqstant jinfatam mill-bażilika li tant kien iħobb, jidher li wara kollox ma kien xejn ta' barra minn hawn, iżda nuqqas ta' ftehim bejn il-Pirjol u l-Fra dwar ħwejjeġ tal-ħajja ta' kuljum, b'mod speċjali dwar it-tisjir u l-ispejjeż meħtieġa

għalih u l-ġbir tal-flus fil-bażilika u min jieħu ħsiebhom, kif spjega fir-rapport tiegħu l-Viżitatur Provinċjali, P. Ġann Xerri. Bl-ewwel wieħed perfezzjonist u t-tieni dedikat bl-istess mod imma fis-sempliċità tiegħu, l-ideat ma qablux u l-irjus saħnu, mhux għax xi ħadd minnhom kien jagħmel għall-flus, għax it-tnejn ma nstabilhom xejn f'kamrithom ma' mewthom, imma għax waqt li wieħed kien attent sal-aħħar *punto e virgola* u ried ġenwinament jieħu ħsieb ta' ċertu affarijiet hu bħala pirjol u ekonomu, Fra Grazzja, li forsi fi żmien il-prijorati ta' qablu mmexxija mill-Patrijiet Merlin u Mizzi kien imdorri mod ieħor u bla dubju kien idu miftuħa mal-viżitaturi, ma ftehmux, għalkemm l-intenzjoni ta' P. Bonaventura żgur li ma kinitx in-nuqqas ta' karità imma l-eżattezzi fir-reġistri tal-kunvent u bil-għan li jkollu f'idu finanzi biżżejjed biex imantni l-komunità afdata lilu f'perjodu diffiċli bħalma kienet l-epoka tas-snin sittin tas-seklu għoxrin wara l-Gwerra Alġerina li kienet għadha kemm ġiet fi tmiemha fl-1962, wara tmien snin tixrid id-demm. Imma peress li "min jagħdab ħafna jġib l-inkwiet (u) min jimxi bis-sabar isikket il-ġlied" [Prov:15:18], il-biċċa ntemmet b'wiċċ il-ġid ma' tmiem il-Kapitlu Provinċjali tal-1971, b'P. Ugolin Gatt elett għall-provinċjalat, P. Bonaventura kien assenjat il-kunvent tal-Belt. Dan it-trasferiment tiegħu bl-ebda mod ma nissel f'qalb P. Bonaventura xi ħjiel ta' riżentiment lejn Fra Grazzja, anzi kif ser naraw dalwaqt, kien minn tal-ewwel li nkwetat għal saħħtu bagħat jikteb lill-Provinċjal P. Alberto Borg biex jistaqsih kif għadda, u kliem mill-aktar sabiħ kellu dejjem għalih, sew bil-fomm, kif ukoll bil-kitba, kif nistgħu faċilment naraw mill-apprezzament sabiħ li kiteb dwaru fl-okkażjoni ta' mewtu fil-ġurnal "*Leħen is-Sewwa*". L-emozzjoni mbagħad fil-funeral tiegħu wriet b'mod tassew ċar l-imħabba u r-rispett li kellu lejh.[68] Għax waqt li "tweġiba ħelwa ttaffi l-korla (u) kelma iebsa tqajjem l-għadab [Prov:15:1], iż-żewġ karattri tagħna żammew f'qalbhom kliem San Pawl: "Ħobbu lil xulxin bħal aħwa; fittxu li tistmaw lil xulxin" [Rum:12:10]. U ma' dan inżidu kliem l-istess Santu Wistin mill-Kapitlu VI tar-Regola: "Qisu li ma jkollkom l-ebda tilwim bejnietkom jew jekk

ikollkom jgħaddi malajr kemm jista' jkun, ħalli l-għadab ma jinbidilx f'mibegħda u minn tibna jsir travu li jagħmel ir-ruħ qattiela."

P. Peter Paul Cachia jissokta jixhed: "Mhux l-ewwel darba li Fra Grazzja ssogra ħajtu biex jitla' f'ċerti partijiet tal-bażilika fil-għoli biex isewwi, jirranġa jew jirtokkja. P. Luċjan Borg kien jgħidli li ta' sikwit kien jara lil Fra Grazzja bilqiegħda filgħaxija jħares lejn il-bażilika u jaħseb kif ser jagħmel biex jirranġa fejn isib li mhux qiegħed sewwa. Kellu għajn ta' seqer fuq il-bażilika. Barra x-xogħol fid-dar ta' tindif u tisjir kien jieħu ħsieb ukoll il-Bażilika ta' Santu Wistin. Kienet il-mimmi ta' għajnejh. Ħaqqu monument f'dik il-bażilika. Dan qed ngħidu biex nikkonferma dawk l-aġġettivi li semmejt: sempliċi, umli, qaddis, ħabrieki, dedikat u bieżel. F'kelma waħda kien bniedem responsabbli lejn ix-xogħol ta' Fra (ajk) li kellu. Imma kien ukoll bniedem matur fil-vokazzjoni tiegħu ta' reliġjuż Agostinjan. Kien bniedem ta' ġabra fis-sempliċità tiegħu. It-talba tiegħu kien ir-Rużarju. Ma ninsewx Fra Grazzja huwa mill-Għarb, minn ħdejn il-Madonna Ta' Pinu. Bniedem ta' ftit kliem. Il-kliem tiegħu kont tgħoddu fuq subgħajk, kważi jitqies qabel ma joħorġu minn fommu. Kien bniedem rispettuż, prudenti. Fil-ftit li kont nafu qatt ma smajtu jgħid xi ħaġa ħażina kontra xi ħadd."[69]

"Nassigura li Fra Grazzja kien bniedem ta' talb. Sa fejn naf jien dejjem kien ikun għall-meditazzjoni u għal-lawdi. Meta kien isajjar hu waqt il-vespri kien ikun fil-kċina jlesti ċ-ċena. Waqt li kien ikun jistenna n-nies biex idaħħalhom fil-bażilka kien miġbur u żgur li kien ikun jitlob. Kien bniedem ta' ġabra. Ftit li xejn kien jinżel il-belt ta' Annaba. Il-biċċa kbira ta' ħajtu għaddieha fuq il-kollina ta' Ippona."[70]

"Straordinarja kienet fih il-qima u l-imħabba għas-saċerdoti u b'kemm ħeġġa kien iservi l-quddies tal-ħafna li kienu jiġu jiċċelebraw, is-sena kollha, bħala pellegrini, sew mid-djoċesi kemm barranin, milqutin mit-tjubija u mis-sempliċità tiegħu. Mhux ftit kienu l-isqfijiet u xi kardinali li kienu jiġu jqaddsu fuq l-altar tar-relikwija u jirritornaw fis-sagristija jikkumplimentawh għad-devozzjoni u l-ġentilezza tiegħu."[71]

Dwar din l-imħabba partikolari tiegħu lejn is-saċerdoti jitkellem ukoll P. Luċjan Borg: "Kien bniedem iħobb is-saċerdozju. Meta kien ikun ġej l-isqof ta' Konstantina u Ippona fid-dar tagħna ta' Ippona kont tarah iħalli kollox minn idejh, imur ibiddel u jistennieh fid-daħla tad-dar. Kien ikun il-Pirjol li jiftaħ lill-isqof ir-rixtellu ta' barra. Malli l-isqof kien jidħol id-dar, Fra Grazzja kien jinżel għarrkupptejh u jitolbu l-barka filwaqt li jbuslu jdejh. Fl-ewwel snin li kont f'Ippona kien ilestilna l-kolazzjoni ta' filgħodu hu u matul xi żmien kien isajjar ukoll. Kellna t-tiġieġ u kien joffrilna l-isbaħ bajd moqli ... u mhux waħda iżda tnejn! Kellna l-ġnien u fix-xitwa kellna l-larinġ. Fuq il-mejda kien iqegħdilna l-isbaħ larinġ u mhux l-ewwel darba li qbadtu jiekol il-larinġ li kien ikun waqa' fl-art, xi ftit li xejn imħassar. Kont tarah jaqta' l-parti ħażina u jiekol dak li jkun fadal tajjeb. Mhux l-ewwel darba li jien għedtlu biex joqgħod attent u ma jikolx larinġ imħassar ukoll jekk kien inaddfu għax kien jista' jieħu xi mikrobu."[72]

P. Luċjan Borg jirrakkonta wkoll dwar l-ewwel laqgħa li kellu miegħu: "Sirt naf lil Fra Grazzja meta fis-sena 1972 ġejt mibgħut fil-missjoni tagħna ta' Ippona, ġewwa l-Alġerija. Sa dakinhar ma kont naf kważi xejn fuqu jekk mhux li kien mill-Għarb ta' Għawdex u li kien xi ftit stramb jew aħjar minn ta' wara l-muntanji. Ma niftakarx x'kienet l-ewwel reazzjoni tiegħi meta ltqajt miegħu għall-ewwel darba. Żgur li ma kinetx waħda negattiva għax kieku kont inżomm il-memorja tagħha. U llum nista' ngħid, wara li għext miegħu ħafna snin, li laqagħni bħalma dejjem għamel, jiġifieri bi tbissima. Din kienet waħda mill-karatteristiċi tiegħu: dejjem kien jilqa' lin-nies, speċjalment is-saċerdoti u l-popolin Alġerin, bi tbissima ħelwa fuq wiċċu."[73]

Henri Vella, Alġerin ta' nisel Malti li fil-preżent jgħix Franza, mitlub jagħti x-xhieda tiegħu dwar Fra Grazzja minn P. Luċjan Borg, ħabib tiegħu u tal-familja, kiteb: "Jiena sirt naf lil Fra Grazzja meta kont għadni daqsxejn ta' tifel fil-Bażilika ta' Santu Wistin f'Bona. Kien raġel qaddis, dejjem għas-servizz ta' Alla u tal-Knisja. Kien bniedem umli ħafna u dejjem lest li jgħin. Għallimna bosta ħwejjeġ u s-servizz

tiegħu kien dejjem pront. Konna nħobbu nitilgħu fuq il-kampnar tal-bażilika ndoqqu l-qniepen, u dan għal bosta snin. Irrid ngħid li jiena għext Bona mal-Agostinjani għal tnejn u għoxrin sena u għalija dan il-bniedem minn dejjem kien ta' sempliċità u ta' umiltà eżemplari. Ta ruħu għas-servizz bħall-bqija tal-komunità reliġjuża ta' Santu Wistin, jiġifieri P. [Mikiel] Mizzi, P. Bonaventura Chetcuti u P. [David] Gatt. Dan huwa dak kollu li nista' ngħid dwar dan ir-Raġel Qaddis. U dwar dan kollu jien nieħu ġurament fuq dak kollu għażiż għalija fid-dinja li huwa prezzjuż u minnu."[74]



**P. Luċjan Borg OSA, (1944 - ), minn Ħaż-Żebbuġ, li kellu jkun l-aħħar rettur li taħtu kellu jservi l-Fra f'Bona.**

P. Luċjan Borg jissokta jirrakkonta: "Meta wasalt jien ġewwa Ippona, Fra Grazzja kien jiekol fil-kċina u aħna fir-refettorju. Qatt ma smajtu jgerger dwar dan u jesiġi d-dritt li kellu li jiekol mal-komunità. Skont P. Ugolin Gatt li kien il-Pirjol, Fra Grazzja kien jippreferi jiekol fil-kċina għax kien aktar komdu għalih. Huwa veru li P. Ugolin kellu rispett kbir għall-Fra u f'qalbu xtaq li Fra Grazzja jiekol miegħu u ma' P. Cini. Naħseb li wisq probabbli Fra Grazzja kien jixtieq din il-libertà minħabba li ma kienx iħossu *at ease* magħhom. Meta sirt jien pirjol u konna jien, P. Peter Paul Cachia u P. Liberat Cini, f'kapitlu kunventwali fejn kien hemm ukoll Fra Grazzja, kont ipproponejt li nieklu fil-kċina u li Fra Grazzja jiekol magħna. Jien stennejt li Fra Grazzja ma kienx ħa jaċċetta, imma xejn minn dan. Bdejna nieklu flimkien mingħajr ebda diffikultà."[75]

Aneddotu ċkejken li jżid P. Luċjan isemmi li "P. Ugolin kellu l-ħabta li meta jkun nieżel għall-kolazzjon ta' filgħodu kien jinżel ikanta. Jien

kont inkun diġà fil-kċina ħdejn Fra Grazzja u dan kien jinfaqa' jidħaq u kien jgħidli b'aċċent Għawdxi: 'il-purjol illum ferħan'."[76]

Dwar ir-rabta partikolari li kellu mbagħad mal-Alġerini jgħidilna l-istess P. Luċjan: "U xi ngħidu għal kif kien jilqa' l-Alġerini, speċjalment lill-popolin? Meta l-Alġerija kienet Franċiża, Fra Grazzja kellu f'idejh il-ħanut fejn kien ibigħ xemgħa, domni, eċċ. Minn dak li qalli kien jiftaħ il-bażilka għad-9.00 am u din kienet prattikament tibqa' miftuħa sa xil-5.00 pm. Ma naħsibx li kien jieħu sjesta. F'dawk iż-żminijiet kienu jitilgħu ħafna Nsara *pieds-noirs*, speċjalment ta' nisel Malti. Meta xi wħud minnhom reġgħu lura, wara l-Indipendenza, mal-ewwel kienu jistaqsu għat-twajjeb Fra Grazzja. Meta l-Alġerija saret indipendenti, is-sitwazzjoni tbiddlet u ma' Mons. Scotto u P. Ugolin ġie deċiż li l-bażilka tinfetaħ għall-Alġerini. Mons. Scotto talabna nipprofittaw biex noħolqu djalogu Islamo-Kristjan. Meta wasalt jien, u mbagħad P. Peter Paul Cachia u P. Liberat Cini ħassejna li dan id-djalogu kellu jkun waħda mill-attivitajiet pastorali l-aktar importanti. L-Alġerini bdew jiġu jżuru l-bażilka u hekk stajna nkellmuhom fuq l-fidi tagħna u noħolqu ħbiberija u djalogu magħhom. Il-Malti kien jgħinna għax id-djalett Alġerin huwa qrib id-djalett Tuneżin u għalhekk qrib il-Malti. Dan kien jgħinna biex ma nidhrux ta' kolonjalisti Franċiżi. Barra minn hekk, fir-reġjun tagħna kienu għexu ħafna Maltin, speċjalment



**Dettall tal-Bażilika ta' Santu Wistin, ġawhra, wirt arkitettoniku, li l-Fra seħħlu jitwaħħad magħha f'tul ta' 42 sena ta' ħidma fiha u fil-kunvent Agostinjan anness magħha.**

bdiewa. Fra Grazzja kien jaf id-djalett Alġerin u waranofsinhar kien jieħu ħsieb xi ftit hu. Ċert ma kienx jaf ifisser imma kien ikun hemm, fil-kamra ta' ħdejn il-garaxx lest biex jiftaħ ir-rixtellu għall-Alġerini. Mhux l-ewwel darba li rajtu jagħmel dan u b'għaġeb kbir kont narah jitkellem mal-popolin. Ma ngħidu xejn dwar il-karità li kien jagħti, bl-ikbar diskrezzjoni, bħal-lariġ tal-ġnien lin-nies tal-kollina. Insomma kien il-fwieħa ta' Kristu u l-Alġerini li huma nies ferm intelliġenti mal-ewwel kienu jifhmu ma' min kienu qegħdin jitkellmu. Ma ninsewx li qegħdin nitkellmu minn għaxar snin wara l-Indipendenza. Il-Gwerra tal-Indipendenza ħalliet ħafna weġgħat li ħallew il-konsegwenzi tagħhom fihom."[77]



**Ritratt sabiħ li qed jara d-dawl għall-ewwel darba, li juri l-komunità Agostinjana f'Bona waqt żjara mwettqa lilhom mill-Provinċjal P. Bert Borg (fin-nofs). Mix-xellug għal-lemin jidhru: P. Ġann Scerri, P. Ugolin Gatt, Fra Grazzja Gauci u P. Luċjan Borg.**

## Il-Gwerra Alġerina għall-Indipendenza

Bit-tensjonijiet bejn iż-żewġ popolazzjonijiet, jiġifieri dawk Franċiżi u dawk etniċi dejjem jiżdiedu, il-Gwerra Alġerina għall-Indipendenza rat il-bidu tagħha fl-1 ta' Novembru 1954, liema ġurnata kellha titniżżel fl-istorja bħala t-"*Toussaint Rouge*" jiġifieri l-Jum l-Aħmar tal-Qaddisin Kollha, fi żmien ir-Raba' Repubblika Franċiża taħt il-presidenza ta' René Coty, permezz tal-Front għal-Libertà Nazzjonali (FLN) imwaqqaf minn Ahmed Ben Bella (1918 - 2012), li fl-1963 seħħlu jsir l-ewwel President tal-Alġerija. Bil-gwerra ddum sejra sad-19 ta' Marzu 1962, il-President Charles de Gaulle iddeċieda li jċedi l-Alġerija minkejja s-suċċessi militari miksuba fil-perjodu ta' snin li fihom damet sejra l-gwerra, bil-parti l-kbira tal-mexxija tal-Front għal-Libertà maqtula jew arrestati, iżda minkejja l-brutalità użata, in-nies tal-post żammew f'moħħhom u f'qalbhom l-idea ta' indipendenza, sostenuta wkoll mill-istess Franċiżi f'referendum li sar apposta f'pajjiżhom, liema pass wassal għal diversi attentati fuq ħajjet de Gaulle u diversi attenti sew fi Franza kif ukoll fl-Alġerija mill-*Organisation de l'Armée Secrète* (OAS). It-total tal-vittmi matul dan il-perjodu mdemmi ta' tmien snin ivarja minn 350,000 minn xi sorsi għal 960,000, waqt li oħrajn jindikaw iċ-ċifra bħala dik ta' miljun u nofs. Kienet kemm kienet, għax preċiżament aktarx ma jistax jintqal b'ċertezza assoluta, din il-gwerra ġabet magħha perjodu ta' terrur u tal-waħx, li wasslet għal eżodu tal-*pieds-noirs* li ngħatatilhom l-għażla ta' "*La valise ou le cercueil*" - il-bagalja jew it-tebut - mill-FLN, u l-imwiet ta' tant nies sew min-naħa u sew minn oħra, għalkemm għall-ewwel kienu mal-100,000 dawk li għażlu li jibqgħu fil-pajjiż wara li madwar 300,000 ħallew ix-xtut tiegħu, maż-żmien in-numru niżel għal dak ta' ftit eluf bit-total ta' Kattoliċi fil-pajjiż jammonta għal biss 1% tal-popolazzjoni Alġerina imqassma f'erba' djoċesijiet: l-Alġier, Konstantina-Ippona, Laghouat u Oran, liema ammont issokta jonqos bejn l-1991 u l-1993 meta ħafna minnhom ħallew il-pajjiż. Biżżejjed nisiltu siltiet mill-ġabra ta' tifkiriet

ta' P. Bonaventura Chetcuti ppubblikati fir-rivista "Santa Rita" bejn l-1963 u l-1967, li juru l-ħruxijiet u l-biża' li fiha l-poplu għex tul dan il-perjodu u liema terrur kellu 'l quddiem jerġa' jitnissel fost il-barrani fil-Gwerra Ċivili Alġerina, li mibdija fl-1991 bejn numru ta' gruppi Iżlamiċi ribelli ħalliet mejta bejn 44,000 u 150,000 ruħ, fosthom lill-Isqof ta' Oran, Mons. Pierre Claverie OP., żewġ sorijiet Agostinjani Spanjoli u lil seba' monaċi Trappisti mill-Monasteru ta' Sidtna Marija tal-Atlas f'Tibhirine wara li l-barranin li kienu jgħixu fl-Alġerija kienu kkundannati kollha għall-mewt mill-*Armed Islamic Group* (GIA) kemm-il darba ma jkunux ħallew il-pajjiż sal-1 ta' Diċembru 1993. Fid-"*Mid-Djarju Tiegħi Missjunarju*" infatti P. Bonaventura niżżel: "...minn moħħi bdew għaddejjin...l-avvenimenti tal-biża' li ġraw fl-Alġerija mill-ewwel ta' Novembu 1954 sal-ewwel ta' Lulju 1962. Ħruq, serq ta' kull għamla, demm, assedju ta' aktar minn belt jew raħal, twerżiq ta' nisa, xebbiet u tfal mal-biki wkoll ta' rġiel...Kemm kulleġġi, skejjel, *farms*, sptarijiet saru rmied taħt il-qawwa tan-nirien ta' bombi! L-aħħar li nqerdu, f'xahar wieħed u preċiżament lejlet Korpus 1962, kienu l-Klinika tas-Sorijiet tal-Miżerikordja f'Bona, u l-famuż Muniċipju li kien dam jaqbad sal-Ħamis filgħodu. U kemm serqu rġiel, missirijiet ta' familji? Trabi, taħt għajnejn ommijiethom stess, għamluhom bċejjeċ u tawhomlhom fil-*handbags* b'tifkira. Orruri! Darba, fost l-oħrajn, kelli fil-knisja, wieħed ħdejn l-ieħor, qabel id-difna, seba' twiebet ta' familja. Tifkiriet koroh; u bil-mod biex wieħed jinsiehom għalkollox."[78]

Matul dan il-perjodu mqalleb, il-Bażilika ta' Santu Wistin ma naqsitx li tisfa fil-mira tal-ħallelin. P. Bonaventura jirrakkonta: "Fil-lejla tat-13-14 ta' Lulju 1965, xi briganti ġew iżuru l-Bażilika ta' S. Wistin. Mhux l-ewwel darba illi din il-bażilika kellha briganti li jżuruha; imma f'dawn l-aħħar għaxar snin ebda jdejn ta' ħallelin ma ħabtu jmissu l-bibien tagħha. Konna b'moħħna kwiet dwar il-kwistjoni ta' ħallelin, għaliex waqt li l-biċċa l-kbira tal-knejjes tal-Alġerija ġarrbu, dan l-aħħar, serq u vandaliżmu, il-bażilika tagħna, avolja qiegħda f'għolja mwarrba u li twaħħxek ma' nżul ix-xemx, baqgħet rispettata mill-Għarab. Iżda

waslet tagħha wkoll, meta ma konniex biss noħolmu bl-istraġi li kellha ssir darbtejn, f'anqas minn ġimagħtejn, fl-iljieli bejn it-13 u l-14, u l-25 u s-26. Dawn id-dati niktibhom '*nigro lapillo*' - bl-iswed - kif kienu jniżżlu r-Rumani antiki xi siegħa kerha u xi xorti ħażina.

Liema emozzjoni ma ġarrabniex meta mas-sebħ, dħalna l-bażilika u sibna kollox ħerba, kollox ta' taħt fuq?! Armarji żvujtjati, kxaxen miftuħa u ta' ġo fihom mal-art, bibien sfrundati, oġġetti ta' valur misruqin, il-flus tal-kaxxi ta' quddiem l-istatwi meħudin...dan kollu ħalliena b'ħalqna miftuħ...u mnixxfin. Frattant, donna ma tajniex kas iżjed tax-xena li kienet tippreżenta l-bażilika f'dak il-baħħ, malli ndunajna li anki t-Tabernaklu kien skussat u s-Santissimu fil-pissidi ma kienx hemm. L-għaraq ixoqq għal moħħi u rogħda daret ma' ġisimna bla ma stajna ngħidu kelma waħda biss, għax id-demm tela' għoqla fi griżmejna. Ma ddispjaċiniex tant għall-pissidi tad-deheb li kien rigal mogħti lill-bażilika mill-Papa Ljun XIII, daqskemm għall-ostji ta' ġo fih li min jaf x'sar minnhom. Imnalla li l-istorja tas-serq tas-Sagrament saret biss, fl-ewwel lejla biss meta ġew il-briganti u ma rrepetietx ruħha fit-tieni fażi tad-dramm. Twajjeb Ġesù! li ħalla lill-briganti jagħmlu bih li xtaqu u jieħduh fejn dehrilhom. L-iskop tagħhom ma setax ikun ieħor għajr l-oġġett, bħala metall, biex jagħmluh flus u mhux li jipprofanaw is-Sagrament, la darba min mhux Nisrani ma jifhimx fil-preżenza reali Ewkaristika. Fiż-żewġ attakki msemmija, aħna li nafu l-post u d-drawwiet, osservajna li ma deher ebda sens ta' profanazzjoni lir-Reliġjon u ebda marka ta' vandaliżmu. L-għan ta' dawn il-viżitaturi kien biss li jisirqu. Madankollu, dan il-fatt frisk ta' Lulju ta' dan is-sena, ġedded f'moħħna l-ġrajjiet tal-biża' li l-Alġerija rreġistrat mill-ewwel ta' Novembru, 1954 sa Lulju, 1962, ġrajjiet li għas-serq, għan-nirien, għad-demm, iħabbtuha ma' dawk ta' żmien il-'*fletus*' u l-'*ululatus*' tal-Bibbja…"[79]

Dwar in-nuqqas tal-pissidi u ta' kalċi ieħor, fost l-affarijiet li naqsu f'dawn iż-żewġ ġrajjiet ta' serq, P. Ugolin Gatt, fil-25 ta' Novembru 1970, mibgħut Bona bħala Pirjol tal-komunità Agostinjana u Rettur

tal-Bażilika ta' Santu Wistin wara P. Bonaventura, bagħat itarraf lill-Provinċjal P. Eġidju Galea li "*Si ricordi anche quello che le riferii a voce, stando lei a Bona, che da qualche anno, ma dopo il 1967, qui mancano due calici appartenenti alla Basilica, uno di essi serviva per la reposizione del Ss.mo il Giovedì Santo. Fr. Grazia Gauci è testimone che c'erano il 1967 e che quando fui fatto Priore di questa casa di Bona a luglio scorso, ed io sono rientrato qui, a Bona, il 18 settembre corrente anno 1970, i due calici già mancavano. Non vorrei che più tardi fossi incolpato io. Grazie.*"[80]

Quddiem din il-krudeltà kollha, quddiem din il-biża' kollha, x'kien li wassal lil P. Bonaventura u lil Fra Grazzja jibqgħu għaddejjin bil-ħidma tagħhom u mhux jaħarbu ma' tant eluf oħra sabiex isalvaw ġildhom? L-aħjar risposta għal dawn id-domandi tagħna ma jagħtihielna ħadd ħlief Santu Wistin innifsu, l-isqof ta' Ippona Regia, li attakkata mill-Vandali, għażel li jibqa' fis-sede tiegħu minkejja l-periklu li kien jiċċirkondah. Naraw x'kiteb lill-Isqof ta' Tjaba, Onorat, "quddiem theddid bħal dak tal-għedewwa...li fiha staqsieh sabiex jgħidlu jekk filwaqt li l-għedewwa jkunu biswit il-knejjes, kienx sewwa li l-isqfijiet u l-ekkleżjastiċi jaħarbu," kif jispjegalna San Possidju.[81] "Hija ittra qasira imma ma jidhirli li ma ħallejt barra xejn minn dak li għandu jingħad minn min qiegħed iwieġbek, jew jaqra min irid jistaqsi. Jiena kont għedt li m'għandux jiġi miċħud lil min ikun irid jaħrab, jekk ikun jista', għal xi mkien ieħor iktar kenni, imma lanqas li, min-naħa l-oħra naqtgħu r-rabta tal-qadi tagħna ma' dawk li aħna ġejna marbutin magħhom bl-imħabba minn Kristu, u nitilqu għal rashom il-knejjes, li aħna rridu naqdu."[82] U jissokta: "Minn dak li ktibtli, milli jidher, dan il-parir mhux biżżejjed għalik, l-għaliex b'hekk inkunu qed nidhru li nkunu qegħdin neħduha kontra t-twissijiet tal-Mulej fejn jgħidilna li għandna naħarbu minn belt għal oħra; niftakru imma fi kliemu fejn jingħad: 'Meta tiġi mġarrba f'belt, aħarbu lejn oħra' [Mt:10:23]. Min minna imma sejjer ikollu l-ħila jemmen li l-Mulej b'dan il-kliem kien qiegħed jifhem li aħna għandna nċaħħdu lill-merħla tiegħu, dik li hu

feda bis-saħħa ta' demmu, mill-għajnuna meħtieġa?"[83] "Min quddiem l-għeltijiet tal-għadu ma jaħrabx, għalkemm seta' kieku ried, imma sabiex ma jħallix il-qadi ta' Kristu, li mingħajru l-bnedmin ma setgħux isiru Nsara jew jibqgħu jgħixu ta' Nsara, jirbaħ il-ġid ta' mħabba ħafna iktar minn dak li jaħrab u b'hekk ikun ħaseb iktar għal rasu milli għall-oħrajn; imma iktar u iktar jekk imbagħad jinqabad mill-għedewwa u ma jiċħadx lil Kristu u jieħu l-martirju."[84] "...Bosta nies għorrief u qaddisa hekk għamlu, jiġifieri ma ħallewx għal rashom il-knejjes tagħhom, qalgħu l-grazzja minn Alla li għarfu jridu u jilqgħu r-rieda tiegħU, u d-diskors ta' min iqassas fuqhom ma seħħlux iġagħalhom jerġgħu lura mill-fehma tagħhom."[85]

U għalkemm Bona sofriet mill-Gwerra Alġerina, P. Bonaventura u Fra Grazzja, bħala "ragħajja li jirgħuhom" [Ġer:23:4], ma ħallewx il-merħla fdata lilhom f'din il-belt, imma minkejja l-perikli u l-atroċitajiet li kienu għaddejjin minn jum għal ieħor, li kienu wkoll fil-qrib tagħhom kif rajna mill-istess kitbiet ta' P. Bonaventura, huma għażlu li jibqgħu fil-post, għall-kuntrarju ta' dak li għamlu eluf ta' nies oħra.

Wara l-Gwerra Alġerina ġie deċiż li l-aċċess għall-bażilika jinżamm magħluq u jinfetaħ kull darba li pellegrini u viżitaturi jippreżentaw irwieħhom mal-kanċell. Sal-lum il-pulizija tal-lokal għadha tgħasses kontinwament minn jum għal ieħor il-bażilika. "Meta l-Alġerija ħadet l-Indipendenza tagħha, Fra Grazzja kellu jadatta ruħu għas-sitwazzjoni l-ġdida. Imma wkoll fis-snin li għadda f'Ippona mill-Indipendenza 'l hawn kompla bil-ħidma tiegħu u kont tarah bil-qalb kollha jiftaħ ir-rixtellu ħalli jdaħħal in-nies jaraw il-bażilika"[86], li wara l-Indipendenza kienu fil-parti l-kbira tagħhom "*gli stessi Algerini*."[87]

Minkejja li issa kien qabeż is-sittin sena, Fra Grazzja baqa' jżomm l-istess stil ta' ħajja li dejjem għex u mistrieħ bħal donnu ftit li xejn kien jaf x'inhu. Mill-erbgħa u nofs ta' filgħodu kuljum, kont issibu kif semma P. Luċjan, "*sul tetto della Basilica o sul piazzale per pulire o per vedere se tutto fosse a suo posto*"[88] L-għan ta' tant ħidma u dedikazzjoni daħlet fl-imħuħ ta' tant novizzi Agostinjani meta s-surmast tagħhom,

P. Klement Camilleri, darba qalilhom: "Kristu ma għamel qatt opra tant kbira, daqs dakinhar li deher ma jagħmel xejn, b'dirgħajh marbuta fuq is-salib",[89] li istruwiti kif kienu kontra l-għażż li jxejjen it-tentazzjonijiet, kienu jgħinu ruħhom sabiex ma jintelqux, għax kif qal darba wieħed qaddis: "*Dalla polvere che cade dal soffitto dei conventi, il demonio sa fare calcina.*"[90]

P. Ugolin Gatt kellu kliem ta' tifħir u apprezzament lejn ħidmietu f'relazzjoni li kien mitlub jikteb mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta dwar il-qagħda attwali tal-Knisja u tal-Ordni Agostinjan fl-Alġerija fil-bidu tas-snin sebgħin. Fir-relazzjoni, li kienet eventwalment ippubblikata fir-rivista "*OSA Internazionalia*" f'Ottubru 1973 - rivista interna tal-Ordni Agostinjan imnedija mill-Kurja Ġeneralizja ta' dan l-aħħar is-sena ta' qabel - kiteb: "*Il Priore, P. Ugolino Gatt, è Rettore della basilica e ha cura dei visitatori. Questo secondo impegno non è meno importantante del primo: vengono da ogni parte, perfino gli arabi, che amano S. Agostino e i russi che si dimostratno interessati alla religione. Con tutti egli cerca di stabilire una sorta di dialogo partendo dalla storia di S. Agostino. La gioventù algerina - generalmente studenti - e anche gli adulti di ogni classe sociale, sono curiosi di sapere chi era S. Agostino e che cosa ha fatto per lo sviluppo del suo popolo. Fr. Grazia Gauci ha svolto un ruolo importante in questo campo per quasi 40 anni ed è rimasto ancora in contatto con molti visitatori. Per gli algerini, come per gli europei nati in questa città che si chiamava una volta Hippo, Fra. Grazia è il simbolo della basilica.*"[91]

P. Liberat Cini, li minn Tuneż, fejn serva għal bosta snin, kien eventwalment mibgħut jifforma parti mill-komunità ta' Bona fl-1986, fejn baqa' sa Lulju tas-sena 2001, f'liema perjodu allura Fra Grazzja kien diġà ħalla l-Alġerija, iżda mibgħut Bona għal perjodu qasir fl-1971, nibbet rispett kbir lejn il-Fra u kien jinkludih bosta drabi fil-korrispondenza regolari li kien iżomm mal-Ministru Provinċjal f'Malta. Fid-9 ta' Frar 1971 kitiblu: "Fra Grazzja jinsab tajjeb ħafna; il-bażilika jżommha nadifa kemm jista' jkun u mis-saħħa jidher tajjeb

ukoll."[92] Fil-21 ta' Marzu mbagħad bagħat jgħidlu: "Il-Fra jinsab tajjeb ukoll u llum nifhem wisq aħjar kemm huma imprezzabbli. Kont għand is-Sorijiet nitkellem mal-Provinċjali u staqsietni għalih. Qabżet is-Superjura u qaltilha: 'Mar jumejn Malta u l-bażilika ma kinitx iddum wieqfa. Fix-xitwa kuljum erbat ixjuħ bil-bramel iwaddbu l-ilma, il-bankijiet jgħumu. Ġie l-Fra, tela' fuq il-bejt, fetaħ il-kanali miżdudin u bħalma tara, qalet lili, ma niżlitx qatra ilma aktar u kollox nadif'... Flimkien mal-Fra nselli għalik u berikna ħalli bl-interċessjoni ta' S. Wistin dawn l-isforzi żgħar tagħna, ikunu ta' xi ġid."[93] Fit-8 ta' Lulju mbagħad bagħat iselli għalih "flimkien ma' Mons. Pinier, il-Pirjol u Fra Grazzja"[94] waqt li s-Segretarju Provinċjali fid-29 ta' Novembru, f'ittra mibgħuta lill-Pirjol P. Ugolin, bagħat iselli għal P. Liberat u "għal Fra Grazzja u agħtih il-festi t-tajba."[95]

Il-Gwerra Ċivili Alġerina ġiet fi tmiemha fis-sena 2002. Sa dak iż-żmien, Fra Grazzja kien ilu li ħalla l-pajjiż. Fil-ħdax-il sena li damet għaddejja ħalliet mal-200,000 ruħ mejta. Il-Knisja fl-Alġerija li għaliha Santu Wistin iddedika l-aktar parti importanti minn ħajtu, illum qiegħda tissielet biex issalva f'kuntest politiku li jekk fil-preżent mhuwiex ostili lejha, huwa indifferenti. Imma fi kliem l-imsemmi Mons. Claverie, "in-nies huma ħielsa sabiex jiddeċiedu, imma l-Knisja mhijiex sejra titlaq."[96] Għax kliem Tertulljanu jerġa' jidwi f'widnejna: "*Sanguis martyrum, est semen Christianorum.*"

## Lura Għawdex

Quddiem din il-ħidma tant sfiqa min-naħa ta' P. Bonaventura fejn tidħol il-ħidma pastorali u l-kura tal-erwieħ li kienet testendi sa El Tarf u El Qala, imbegħdin rispettivament mill-qalba tal-belt ta' Bona 72 u 96 kilometru[97], u dik ta' Fra Grazzja, li għal tnejn u erbgħin sena ħadem u għammar b'tant fervur b'risq il-bażilika li kellu tant għal qalbu u li tagħha kien "*il custode, il guardiano e il difensore geloso*"..."*difatti la*

*vita e la persona di Fra Grazia rimarranno per sempre legate ai luoghi santi di Ippona*"[98] wieħed aktarx jistaqsi, x'wassal lis-superjuri sabiex ineħħuhom minn Bona u jsejħulhom lura Malta, lil P. Bonaventura fl-1970 meta kien assenjat mal-komunità tal-Belt Valletta u kappillan tas-Sorijiet tal-Monasteru ta' Santa Katarina tal-istess belt, u lil Fra Grazzja fl-1977 bħala sagristan tal-knisja ta' Santu Wistin tar-Rabat, Għawdex, huma li kienu dedikatissimi f'ħidmiethom? Ir-risposta tmur lil hinn milli wieħed jaħseb dwar in-nuqqas ta' qbil li semmejna aktar 'il fuq. Għalkemm dan kien f'xi mumenti nnutat mis-superjuri jew infurmat lilhom minn membri oħra li kienu jiffurmaw jew żaru l-komunità tagħhom, it-tnejn li huma kellhom imħabba u rispett kbir lejn xulxin u minkejja xi nuqqas ta' ftehim li fil-ħajja jippreżenta ruħu bejnietna lkoll, ma xxettel xejn mill-bażi soda li kienet tgħaqqadhom u lanqas ma P. Bonaventura kiteb li kiteb dwaru fl-2005 fl-okkażjoni ta' mewtu għax kienet għadda bosta żmien u allura dan forsi jnessi, għax jekk immorru lura għall-1983, fl-okkażjoni tal-ħamsin sena mill-preżenza Agostinjana fl-Alġerija, f'sensiela ta' artikli miġbura apposta fir-rivista "Santa Rita" ta' Mejju-Ġunju tas-sena msemmija, fl-artiklu tiegħu P. Bonaventura kellu kliem mill-aktar sabiħ u ta' tifħir għalih: "B'dawn il-ftit paġni li ktibt irrid illi f'isem il-Provinċja rrodd il-ħajr lil dawk kollha li ħadmu f'din il-Missjoni, mindu bdiet sal-lum, iżda b'mod speċjali nfaħħar lil Fra Grazzju [sic] Gauci, li ebda ieħor minna ma għadda żmien hekk twil u dejjem fis-skiet u fil-ħabi."[99] Ir-raġuni għal dan it-trasferiment f'moħħ is-superjuri tagħhom kien lil hinn minn sempliċi nuqqas ta' ftehim li tmur fejn tmur fil-ħajja tiltaqa' ma' xi ntopp bħalu. Apparti li ċ-ċaqliq minn komunità għal oħra għal raġunijiet diversi hija prattika magħrufa f'kull Provinċja ta' kull Ordni sew matul il-Kapitli Ġenerali kif ukoll b'deċiżjoni tal-Provinċjal rispettiv skont il-ħtieġa li jara hemm bżonn, risposta aktar attwali għall-personalitajiet ta' P. Bonaventura u Fra Grazzja jagħtuhomlna P. Liberat Cini u P. Luċjan Borg permezz tal-kitbiet tagħhom fil-ħarġa msemmija aktar 'il fuq tal-perjodiku "Santa Rita" tal-1983. "Mal-Konċilju Vatikan II, il-ħidma pastorali tal-



**P. Liberat Cini (1922 - 2011), mill-Mellieħa, imsejjaħ "eroj" minn P. Ugolin M. Gatt għall-ħidmiet assidwi tiegħu fl-Afrika ta' Fuq, kien reliġjuż eżemplari u rett, li ġarr dejjem fost l-oħrajn, rispett kbir lejn il-Fra, kif naraw minn diversi ittri tiegħu.**

Knisja ħadet xejra oħra. Jekk qabel il-kleru kien ikkonċentrat fuq il-ħidma tiegħu qalb l-Insara, issa qed jinteressa aktar man-nies tal-post f'għajnuna soċjali f'diversi oqsma u fl-ekumeniżmu, fid-djalogu ma' dawk li ma jħaddnux it-twemmin tagħna."[100] Infatti, jissokta P. Liberat, "Minn xi snin 'l hawn, mhumiex ftit l-okkażjonijiet li fihom isir 'Djalogu fir-Reliġjon' maż-żgħażagħ tal-post. Kemm preġudizzji jitneħħew u kemm tissaħħaħ il-ħbiberija bejniethom wara djalogi bħal dawn!"[101] Quddiem mentalità hekk ġdida fl-imħuħ ta' patrijiet mill-klassi l-antika bħal P. Bonaventura, tali djalogu kienet xi ħaġa tant innovattiva li kienet diffiċli għalih jifhimha u jintegraha fil-ħidma pastorali tiegħu. U dan kien wieħed mill-aktar punti li wassal lis-superjuri biex jissostitwixxu l-ewwel lilu u aktar tard lil Fra Grazzja b'membri aktar żgħażagħ li setgħu jwettqu dak li talab il-Konċilju bi spirtu aktar innovattiv. Irridu nżommu f'moħħna wkoll li għalkemm Fra Grazzja kif rajna diġà kien jingwalaha tajjeb man-nies tal-post, inklużi l-Alġerini Musulmani, il-mard kien diġà qabad iżuru u din kienet raġuni oħra importanti li ma rridux ninsew li wasslet lis-superjuri sabiex jiddeċiedu li wara tnejn u erbgħin sena kien wasal iż-żmien li jirritorna lura pajjiżu, u għalhekk fl-1977, Fra Grazzja rċieva l-ubbidjenza għall-kunvent t'Għawdex fejn kien assenjat bħala sagristan.[102] B'hekk wara li fl-1962 l-Alġerija kisbet l-Indipendenza tagħha minn Franza, "minn dakinhar il-poplu Alġerin beda jaħdem biex ikun tassew poplu Għarbi u Musulman. Għażel ukoll li jgħix fi stat soċjalista. Għall-Knisja, dan kien mument storiku għax għarfet li Alla kien għadu jsejħilha biex tagħti xhieda ta' vera mħabba universali

u li din ix-xhieda kellha tagħtiha quddiem poplu Għarbi u Musulman. Il-missjoni Agostinjana Maltija ta' Ippona qiegħda tgħin biex din ix-xhieda tibqa' dejjem ħajja fl-art tal-Alġerija...Illum il-ġurnata, l-Agostinjani mhux biss iridu jieħdu ħsieb tas-servizzi liturġiċi u taċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru fil-bażilika imma jridu wkoll wkoll jilqgħu u jdawru t-turisti Alġerini Musulmani u t-turisti barranin li jiġu biex iżuru l-bażilika. Nagħmilha ċara mill-ewwel li m'aħniex gwidi ta' xi mużew. Permezz tal-attenzjoni li nagħtu lit-turisti, li qatt ma jaqtgħu, nippruvaw nidħlu fi djalogu kostruttiv magħhom. Dan jiswa b'mod partikolari għall-Alġerini li b'hekk ikunu jistgħu jagħrfu aħjar il-fidi tagħna u min hu Santu Wistin."[103] Wara Fra Grazzja, kien assenjat bħala ajk minfloku Fra Ġużepp Bonnici li wasal Annaba f'Jannar 1978 u dam hemm sal-1 ta' Ġunju tas-sena ta' wara, meta "kellu jinġieb lura Malta minħabba li riġlejh bdew jagħtuh fastidju sewwa u għalhekk kien meħtieġ li wieħed jikkonsulta speċjalista."[104]

Lura fil-gżira li nisslitu, Fra Grazzja "kien jagħti l-impressjoni li donnu f'Għawdex kien mitluf. Forsi minħabba li x-xogħol li kellu l-Alġerija speċjalment fil-bażilika, ma kellux x'jaqsam ma' dak li kellu Għawdex. Għawdex kien sagristan fil-knisja. Imma dan ix-xogħol ta' sagristan kien differenti minn dak li kellu fl-Alġerija...Fra Grazzja kien jaf sitwazzjoni waħda ċioè dik tal-Alġerija. Dan qatt ma nqala' mill-Alġerija biex ibiddel kunvent ieħor jew post ieħor. Għalhekk mhux lakemm tgħid li wieħed jidra, wara dawk is-snin kollha, għomor ta' bniedem fl-Alġerija fiż-żmien meta Bona kienet tissejjaħ "*La Cocarde*" u fi żmien il-gwerra kolonjali bejn Franza u l-Alġerija, forsi l-iżjed gwerra kolonjali ħarxa li ra l-kolonjaliżmu...Fra Grazzja għex ukoll id-"*dopo guerra*" ta' wara l-Indipendenza tal-Alġerija. Kien midħla sewwa kemm tal-"*pieds-noirs*" u kemm tal-poplu Alġerin. In-nies kienet tħobbu. Dan rajtu mill-ftit żmien ta' żjara li għamel fl-Alġerija fl-1985,"[105] xehed P. Peter Paul Cachia. U jżid: "Minn dan li għedna forsi nistgħu noħorġu l-konklużjoni dwar għaliex Fra Grazzja baqa' bniedem mistur (mhux magħruf) ukoll għall-istess membri tal-



**P. Peter Paul Cachia OSA, (1953 -), mir-Rabat, Għawdex, għex ma' Fra Grazzja fl-Alġerija u flimkien ma' P. Luċjan Borg, għadda lill-awtur għall-kumpilazzjoni ta' dan il-ktieb, diversi rakkonti ta' interess b'rabta ma' ħajjet il-Fra.**

Provinċja Maltija. Infatti kważi ħadd ma jafu lil Fra Grazzja, ħlief dawk li ltaqgħu miegħu l-Alġerija (li llum huwa kważi kollha mejtin), imbagħad fil-ftit żmien li għamel Għawdex. Hawn ukoll milli jidher kien mistur għax jien li f'dan l-aħħar żmien kont midħla sewwa tal-arkivju f'Għawdex ma sibt xejn fuqu...Kien bniedem ta' ftit kliem, imma meta kont immur Għawdex u nirrakkontalu x'qed nagħmlu fil-Bażilika ta' Santu Wistin jew fid-dar kien jiftaħ fommu, għajnejh kienu jixegħlu u ma kienx jieqaf jirrakkonta fuq l-esperjenzi tiegħu tal-Alġerija. Kien jogħxa bil-ferħ. Kien donnu jerġa' jibda jgħix. Dan juri kemm kien baqa' marbut mal-Alġerija."[106]

"Kemm dam sagristan Għawdex, ħaġa li għadni niftakar sewwa hija din: li kien jiddejjaq meta kien irid jixgħel ix-xemgħat twal bl-istuta. Kien jgħidli li huwa qatt ma kien imdorri jagħmel dan ix-xogħol fil-bażilika ta' Bona. Fil-bażilika kollox kien sempliċi. Imma kien hemm xi ħaġa oħra li kienet iddejqu; għandi nifhem li l-viżta wkoll kienet qiegħda tonqoslu."[107]

Carmela Cauchi, il-qariba waħdana tal-Fra li sibna fost ix-xhieda, semmiet li fiż-żmien li fih għadda Għawdex wara r-ritorn tiegħu mill-Alġerija, ġieli ratu biswit il-kunvent tar-Rabat. L-ewwel darba waqqfet tkellmu m'għarafhiex, għax l-ewwel u l-aħħar darba li qatt kien raha qabel kien żmien twil qabel meta hi kienet għadha żgħira. Iddeskrivietu bħala "raġel twajjeb li ma kellux malizzja, kollu tjieba, rassenjat mar-rieda t'Alla, jgħidlek 'jien ma nofx'!"[108] Id-dar għandha fi Triq Wileġ, li darba żar biex jara lil zijietu (ara nota 102), qatt ma reġa' mar: sa dak

iż-żmien Dun Lawrenz, oħtu Nozzi u ommha Marija, il-prima kuġina tiegħu, kienu ilhom mejtin snin u kif rajna, lil bintha lanqas kien jafha, qabel ma introduċiet ruħha miegħu darba fost l-oħrajn. Hekk ukoll kienu ilhom mejtin omm u missier il-Fra.[109]

Il-"jien ma nofx" tal-Fra kienet sinonima ħafna miegħu. Kienet espressjoni li erħielu jlissen hekk kif dak li jkun jistaqsih xi ħaġa, b'mod speċjali f'affarijiet li jolqtu direttament is-superjuri tiegħu u l-għażliet tagħhom. Tiegħu ma kinitx ħarba mir-risposta, iżda mod sinċier li bih kien juri li huwa qatt ma kien jargumenta jew jistaqsi fuq dak li l-Provinċja jew membri tagħha, jkunu għaddejjin minnu.

Dwar iż-żmien tiegħu f'Għawdex, Ġanninu Cremona, kittieb u poeta, midħla sew tal-knisja tal-Agostinjani fir-Rabat u residenti biswitha, kellimna wkoll dwar it-tifkiriet tiegħu tal-Fra: "Kien raġel kwiet, ta' ftit kliem, qaddis. Jgħid ir-Rużarju. Niftakru mbagħad id-Dar tal-Kleru għax kont immur nara lil Dun Ġużepp Sacco († 21.01.2014), għalhekk kont narah kull tmint ijiem, dejjem jieħu ħsieb il-kappella. Kien raġel eżemplari u ta' qdusija."[110]



**P. Martinjan Cutajar OSA, (1919 - 1992), mill-Belt Valletta, li meta kien Pirjol tal-komunità Agostinjana f'Għawdex kien spiss jgħid li "Fra Grazzja hu eżempju ħaj u kontinwu għall-istess komunità tagħna".**

Max-xhieda ta' Cremona nżidu wkoll dik ta' Carmelo Schembri, residenti wkoll bħal Cremona biswit il-knisja tal-Agostinjani fi Pjazza Santu Wistin. Fix-xhieda tiegħu mogħtija bil-miktub, Schembri stqarr li "nixtieq jiena wkoll nagħti xhieda ta' dak li naf fuq Fra Grazzja Gauci:

a) Meta kont narah fil-knisja kien jagħtini eżempju kbir kif għandi nġib ruħi quddiem Ġesù Sagramentat. L-inkin u l-waqfa tiegħu quddiem Ġesù Sagramentat kienu verament ta' bniedem li jħobb l-Ewkaristija.
b) Niftakar lil Patri Martinjan Cutajar OSA., li dak iż-żmien kien pirjol tal-Agostinjani, Għawdex, jgħid: 'Fra Grazzja hu eżempju ħaj u kontinwu għall-istess komunità tagħna'.[111]
c) Kien bniedem prattiku ħafna. Il-knisja kien iżommha nadifa u ordnata.
d) Meta Patri Adeodato [Schembri] talabni biex ngħidlu dak li kont naf fuq Fra Grazzja mal-ewwel għedtlu: 'dak kien beatu, bniedem ta' Alla, bniedem maħbub u umli'. "[112]

Ma' dawn ix-xhieda, inkluda tiegħu wkoll, Mons. Rosario J. Borg tal-Fontana li kiteb:

> "Sirt nafu l-aktar minn wara ż-żmien li ġie minn Bona sa qabel ma daħal fid-Dar tal-Kleru. Bona kont iltqajt miegħu għax kont mort fuq xogħol leġjunarju hemmhekk u kont residenti fil-kunvent tagħhom. Meta sirt nafu, Fra Grazzja kien avvanzat fiż-żmien, iżda kellu moħħu ċar ħafna. Id-dehra tiegħu kienet tispiralek rispett u reverenza. Kien jilbes it-tonka anki fil-post tax-xogħol tiegħu: is-sagristija! Kien jitkellem ftit, iżda b'ċerta tensjoni, l-aktar fuq suġġetti spiritwali. Imħabbtu lejn Alla, id-delikatezza lejn għajru, kienet evidenti f'imġibtu u fi kliemu. Kien ċajtier u edifikanti fl-istess ħin.
>
> Dak li ntqal fuq San Duminku jista' jingħad ukoll fuq Fra Grazzja: 'Kliemu kien jew m'Alla jew fuq Alla'. Ma tantx kien iħobb jitbiegħed mill-kunvent, iħobb is-skiet u l-ġabra: dispożizzjonijiet meħtieġa għal ħajja ta' għaqda ma' Alla. Kien jgħix b'kontroll sħiħ fuqu nnifsu. Il-parir ta' San Tumas lil min

staqsieh kif isir perfett kien dan: 'Tkunx kurjuż u tkunx lablabi'. Fra Grazzja dan il-kliem għexu fil-milja tiegħu.

Iben dehen ta' Santu Wistin, Fra Grazzja għex il-milja ta' dak li tgħid ir-Regola: 'Fuq kollox għandna nħobbu 'l Alla'. Jien nittama b'qalbi kollha li l-eżempju ta' ħajtu jkun ta' ispirazzjoni għal ħutu l-Agostinjani kollha ħa jsiru lkoll qaddisin."[113]

Perjodu partikolari b'rabta mal-Fra u r-ritorn tiegħu lura Għawdex huwa mbagħad iż-żmien li għadda 'l barra mill-kunvent, f'raħal twelidu. Ġara li ħuh Ġużeppi marad sew u għalhekk l-ajk iddeċieda li jmur jgħix miegħu l-Għarb fi Triq il-Knisja numru 128 fejn kienet baqgħet tgħix ukoll oħthom ix-xebba Marjanna li sadanittant kienet laħqet mietet. Fis-sempliċità u t-tjubija tiegħu, Fra Grazzja ħaseb li dan il-pass seta' jieħdu mingħajr ebda problemi, iżda s-superjuri tiegħu ma kinux tal-istess idea, u inkwetat minn dan l-istil ta' ħajja ġdida li beda jħaddan, il-Provinċjal P. Alberto Borg fil-21 ta' Diċembru 1980 kitiblu:

"Għażiż Fra Grazzja,

Bħalma kont kellimtek drabi oħra llum wasalt biex ngħidlek li ma jistax ikun li inti tibqa' tgħix din il-manjiera. Il-ħajja reliġjuża titlob minna ħwejjeġ li xi drabi rridu nirbħu xi diffikultajiet. Jiena ma nistax inħallik torqod barra mill-kunvent għaliex il-kostituzzjonijiet ma jippermettulix. Għaldaqstant jekk inti ma tistax tirrimedja li tirritorna l-kunvent u tgħix regolarment ta' reliġjuż, jekk jogħġbok għidli mill-aktar fis biex inġiblek id-dispensa u oqgħod ma' ħuk kemm għandek bżonn.

Filwaqt li nistenna mingħandek, inselli għalik u nawguralek festi tajba tal-Milied u sena ġdida mimlija b'kull ġid tas-sema.

Il-Provinċjal."[114]



**P. Albert Borg OSA, (1919 - 2012), mill-Belt Valletta, eks *Maestro di Cappella* tal-Katidral tal-Imdina u Provinċjal tal-Provinċja Agostinjana Maltija bejn l-1971 u l-1982.**

Ir-risposta ta' Fra Grazzja, għalkemm miktuba ma nstabitx nafuha: mhux biss għall-fatt li huwa ssokta jgħix l-Għarb sakemm miet ħuh imma wkoll għax inħarġitlu d-dispensa meħtieġa għal dan l-istat ġdid f'ħajtu minn Ruma. F'għajnejn min qed jaqra jidher aktarx li din kienet diżubbidjenza min-naħa ta' Fra Grazzja, iżda kull min jafu u jaf għaldaqstant l-imħabba kbira li kien iħaddan lejn il-ħajja reliġjuża, jaf li dan il-pass għamlu mhux b'xi ħjiel ta' nuqqas lejn is-superjuri iżda għax iċ-ċirkustanzi tal-qagħda ta' saħħet ħuh ħallietu għall-bidu fi stat ta' inċertezza, peress li huwa kellu aktarx f'moħħu li ma jdumx għandu ħlief ftit jiem, għaldaqstant seta' jagħmel dan permezz tal-permess *absentia a domo*, imma meta deher li ħuh kien ser iġebbed fil-mard tiegħu, is-sitwazzjoni nbidlet. Kien għalhekk li fit-2 ta' Jannar 1981, il-Provinċjal kiteb lill-Ġeneral tal-Ordni Agostinjan, P. Theodore E. Tack u talbu: "*con le presente desidero chiederle per dare al nostro confratello, Fra Grazia Gauci, membro della comunità del convento di Vittoria, Gozo, l'indulto 'Absentia a domo' finché perduri la necessità: Fra Grazia è costretto ad assistere suo fratello vecchio e molto ammalato e vive solo al Garbo, Gozo.*"[115] Il-Ġeneral ma sab l-ebda diffikultà għal din it-talba u sebat ijiem wara, id-dispensa mitluba ħarġet mis-Sagra Kongregazzjoni għar-Reliġjużi u għall-Istituti Sekulari bil-firma ta' P. Basil Heiser OFM. Conv., ex-Ministru Ġeneral tal-Ordni tal-Franġiskani Minuri Konventwali (Prot. N. 7001/81). Id-dispensa, miktuba bil-Latin, taqra: "*absentiam a domo propriae religionis durante necessitate, ut frater laicus Grazia GAUCI adsistentiam praebere valeat fratri suo aegroto ac aetate provecto.*"[116]

Min-naħa tiegħu, il-Provinċjal P. Borg fit-8 ta' Frar tal-istess sena bagħat javża dan li ġej permezz ta' żewġ ittri lill-Pirjol tal-komunità Agostinjana tar-Rabat, Għawdex, u oħra lil Fra Grazzja nnifsu. Lill-ewwel wieħed kitiblu:

> "Għażiż Pirjol,
>
> Nixtieq ninfurmak illi lil Fra Grazzja Gauci ġibtlu d-dispensa '*Absentia a domo*' li ddum valida sa ma jkollu bżonnu ħuh li huwa qiegħed jassisti. Bl-'*Absentia a domo*' ir-reliġjuż jibqagħlu l-obbligi u d-drittijiet kollha li jitolbuh u li jagħtuh il-kostituzzjonijiet tagħna. Dan għall-informazzjoni tiegħek."[117]

Lil Fra Grazzja bagħat jgħidlu:

> "Għażiż Fra Grazzja,
>
> Għandi pjaċir ninfurmak illi waslet id-dispensa mis-Santa Sede (*absentia a domo*) li biha inti tkun tista' tibqa' ma' ħuk sakemm għandek bżonn. B'dina d-dispensa, inti xorta waħda tibqa' reliġjuż Agostinjan bl-obbligi kollha tar-Regula u tal-Kostituzzjonijiet tal-Ordni tagħna. Ninqeda bl-okkażjoni biex nawguralek kull ġid u hena tas-sema fl-okkażjoni ta' għeluq is-70 sena tiegħek. Jalla l-Mulej ifawwarlek qalbek bil-ferħ li jibqa' jakkumpanjak tul ħajtek kollha. Inselli għalik minn qalbi."[118]

Kemm dam l-Għarb, Fra Grazzja mhux biss ħa ħsieb ta' ħuh u tad-doveri reliġjużi tiegħu, imma kien jgħin ukoll ta' kuljum fil-knisja parrokkjali. Il-Kanonku Dun Achille Cauchi, ħu l-mejjet Mons. Nikol, is-seba' Isqof ta' Għawdex, xehed li "il-quddiesa tal-ewwel kien jieħu ħsiebha hu u l-qanpiena kien ukoll idoqqha hu. Kien qisu sagristan, avolja l-parroċċa kien hemm wieħed."[119]

Il-koppja Giuseppe u Elizabeth Frendo, magħrufa bħala "Tal-Barri" mill-Għarb, xehdu li huma wkoll jiftakru sewwa lil Fra Grazzja kemm dam ir-raħal, "jgħin fil-knisja u jixgħel ix-xemgħa", waqt li fakkru wkoll lil ħuh Ġużeppi "li għamel żmien l-Awstralja." "Mank kien jerfa' għajnejh mill-art biex iħares lejk", żiedet tirrimarka Elizabeth, waqt li Ġużeppi semma li l-Fra kien ukoll "isajjar kemm dam il-kunvent t'Għawdex."[120]

Mal-mewt ta' ħuh, li ġrat fid-9 ta' Frar 1983 fl-età ta' 74 sena, Fra Grazzja rritorna lejn il-kunvent ta' Santu Wistin fir-Rabat, Għawdex. Marjanna kienet ilha mejta sa mill-1978, għaldaqstant id-dar fi Triq il-Knisja rritornat f'idejn is-sidien, peress li ta' Gauci ma kinux proprjetarji tagħha.[121] Fit-18 ta' Settembru 1983, il-kunvent Agostinjan f'Għawdex kellu żjara partikolari, meta mar għall-pranzu l-Kardinal Salvatore Pappalardo, Arċisqof ta' Palermo, Legat tal-Papa fl-okkażjoni tal-Kungress Marjoloġiku u Marjan f'għeluq il-mitt sena mid-dehra tal-Madonna Ta' Pinu lil Karmni Grima. Għal dan il-pranzu kien hemm preżenti l-Arċisqof ta' Malta, Mons. Ġużeppi Mercieca; l-Isqof ta' Għawdex, Mons. Nikol Ġ. Cauchi; Mons. Canarini tad-diplomazija Vatikana; il-Vigarju Ġenerali ta' Malta, Mons. Carmelo Xuereb; Mons. Prof. Carmelo Muscat; Dun Lawrenz Sciberras; Dun Salv Borg; Dun Joe Magro, segretarju tal-Arċisqof Mercieca; Dun Karm Casha, kappillan tal-Arċisqof; il-Provinċjal P. Guido Schembri OFM.; u l-membri tal-kunvent: P. Salv Magro, Pirjol; P. Martinjan Cutajar; P. Ġlormu Mangion; P. Anton Buhagiar u Fra Grazzja. Għall-pranzu, li tħallas mill-Isqof ta' Għawdex[122], m'għandniex għalfejn insemmu li l-Fra b'entużjażmu medd idejh fil-preparamenti meħtieġa.

Fl-1985 kellu l-opportunità jżur Annaba mill-ġdid u jgħaddi xi ġranet fil-lok li fih qatta' tnejn u erbgħin sena minn ħajtu. Bil-komunità dik il-ħabta ffurmata minn P. Luċjan Borg u P. Peter Paul Cachia, dan tal-aħħar fakkar dan li ġej: "Jien ma kontx naf lil Fra Grazzja. P. Luċjan u P. Ugolin kienu jirrakkuntawli xi ħaġa fuqu meta konna nkunu miġbura flimkien f'mumenti filgħaxija meta kien jinqata' d-dawl. Allura ħalliena

nirrakkontaw il-passat. L-ewwel darba li ltqajt miegħu kien fl-1985. P. Ugolin dik il-ħabta kien diġà telaq Malta u P. Liberat Cini kien għadu ma ġiex mit-Tuneżija għax il-missjoni ta' La Goulette kienet għadha ma ngħalqitx. Dan kien fi żmien il-Provinċjalat ta' P. Dumink Portelli. F'dak iż-żmien, jien u P. Luċjan konna bdejna r-restawrazzjoni (jew riforma) tad-dar fl-Alġerija. Lil Fra Grazzja fiż-żjara tiegħu kont ammirajtu għax ma kienx baqa' lura milli jgħinna. Kont tarah jerfa' l-bramel bil-biċċiet tal-ġebel li konna qed inqattgħu mir-refettorju l-antik biex minfloku ssir biblijoteka. Fra Grazzja kien diġà mdaħħal fiż-żmien, kellu fuq is-sebgħin sena sewwa. Għalxejn konna ngħidulu biex ma jkomplix jerfa' dawk il-bramel kollha. Sa fl-aħħar jien u P. Luċjan ftehemna li ma nkomplux sejrin bix-xogħol sakemm idum magħna l-Fra. Kien imidd idu f'kollox, fuq il-mejda, biex jaħsel il-platti, eċċ. Avolja konna ngħidulu li bħalissa huwa l-mistieden. Imma bil-mod kif kien iġib ruħu magħna, donnu qatt ma telaq mill-Alġerija. Ma kienx jista' jarana nagħmlu xejn mingħajr ma jmidd idejh. Irridu niftakru li fi żmien Fra Grazzja l-patri ma kienx imidd idu għall-faċendi. Jiġifieri għalih kien kważi obbligu li lilna jarana ma mmiddux idejna għax-xogħol tal-id. Infatti kien baqa' skantat meta kien ra kif dik id-dar fejn kien jgħammar huwa għal ħafna snin, il-patrijiet stess kienu qed imiddu jdejhom għax-xogħol biex jirranġawha. Waqt din iż-żjara ta' Fra Grazzja niftakar li konna ħriġna flimkien bħala komunità u morna l-baħar. Din kienet deċiżjoni tal-komunità ta' Ippona li darba kull xahar inħallu kollox u noħorġu flimkien għall-mistrieħ. Niftakar sewwa kien Settembru għax kien l-istaġun tal-lampuki minħabba li konna rajnieha taqbeż f'wiċċ l-ilma fejn konna qed ngħumu aħna. Konna morna lejn El Kala."[123]

Ċerta Tonina Attard, mitluba tikteb ix-xhieda tagħha dwar Fra Grazzja minn P. Adeodat C. Schembri, fil-11 ta' Lulju 2014 niżżlet: "Jiena waħda li m'ilniex noqgħod wisq ħdejn l-Agostinjani, però lil Fra Grazzja lħaqtu ftit u nafu b'raġel twajjeb u umli. Lanqas biss kien jerfa' għajnejh lejn dak li jkun. Kont issibu fil-knisja, jew jitlob jew jirranġa xi artal u jgħid ir-Rużarju."[124]

Ma' dik ta' Tonina nżidu mbagħad ix-xhieda ta' Ursula Vella, benefattriċi tal-kunvent ta' Santu Wistin: "Kien umli ħafna ħafna u eżemplari; ma jerfax għajnejh mill-art. Ma kienx minn dan-nies li joqogħdu jitħaddtu. Darba ommi tatu ġerżi Amerikan u tgħidx kemm ħa pjaċir bih. Kienu bagħtulha xi ħwejjeġ mill-Amerika u tatu dal-ġerżi u xi qmis. Niftakar dik it-tbissima tiegħu. Ma kienx ilablab u lanqas ma jaqbad konversazzjoni. Kien ikun il-knisja jagħmilha ta' sagristan u niftakru għajjien b'saqajh. Filgħodu kien ikun dejjem il-kamra u kien jinżel iċekċek fil-kċina meta tkun telqet il-koka."[125]

Dwar is-snin li għadda fil-kunvent t'Għawdex wara l-mewt ta' ħuh u qabel id-dħul tiegħu fid-Dar tal-Kleru, jgħidilna aktar P. Żaren Saliba, li kien il-Pirjol tiegħu: "Jiena ltqajt l-ewwel darba ma' Fra Grazzja meta kont għadni student fil-kunvent ta' Santa Rita, San Ġiljan. Il-Fra kien ġie Malta għal vaganza u ġie l-kunvent jara lil P. Pawl Spiteri, li lura fiż-żmien kien il-Provinċjal tiegħu. Dan kien għall-ħabta tal-1980. Fl-1990 sirt Pirjol tiegħu fil-kunvent t'Għawdex. Hemm kont narah ġieli jzappap, imma darba rajtu jgħolli t-tonka u naralu ferita fonda f'sieqtu x-xellugija, tant fonda li kienet tidher l-għadma. Xħin rajtha mill-ewwel staqsejtu: 'hemm x'għandek Fra?'. 'U le xejn, naqra ta' ferita, qed nikkuraha jien' weġibni hu. 'Mela mhux naqra ta' ferita', għedtlu u ħadtu l-isptar. Xħin rawh qalu li kienet gravi ħafna u kien jeħtieġ jaqtgħulu saqajh, imma meta ċċekjawh u sabu li ma kellux zokkor urew tama li l-ferita setgħet



**P. Żaren Saliba OSA, (1954 - ), mir-Rabat, li kien Pirjol tal-Fra fl-aħħar żmien tiegħu fil-kunvent t'Għawdex qabel ma eventwalment iddaħħal id-Dar tal-Kleru, jitkellem fost l-oħrajn dwar id-devozzjoni tal-Fra lejn il-Madonna ta' Pinu, li taħt id-dell tas-santwarju tagħha, trabba fid-dar ta' niesu.**

tfiqlu. Dam l-isptar xi ħmistax jew tliet ġimgħat, imma meta ġie lura l-kunvent kienet tiġi timmedikahielu ners tal-MMDNA kuljum u damet tiġi xi xahrejn. Minkejja dan kollu qatt ma kien igerger. Kienet timpressjonani din il-ħaġa. Kien iqum mal-4.30 ta' filgħodu, jieħu naqra kafè bil-kwiet u jmur il-knisja jistenna sakemm isir il-ħin biex jiftaħ. Peress li dik il-ħabta kienu qabdu jintefħulu saqajh, wara l-quddies kont ngħidlu, 'Fra mur itla' sal-kamra serraħ naqra saqajk għax diġà ntefħulek ħafna.' Issa din jekk kont ngħidhielu bħala Pirjol kien jobdi, għax lejn is-superjuri kellu ubbidjenza kbira, u għalhekk kien jitla' l-kamra imma kien jiddejjaq ma jagħmel xejn. Kellu devozzjoni kbira lejn il-Madonna Ta' Pinu u kull nhar ta' Erbgħa kien imur is-santwarju tagħha bil-mixi, sħana u maltemp, qatt ma kien ifalli. Lura mbagħad kien iwasslu l-biċċa l-kbira wieħed anzjan jew xi nies li jinzertaw għaddejjin. Għalkemm magħruf ħafna man-nies ma kienx, dawk li kienu jafuh kienu jgħodduh bi bniedem qaddis u dan lilna kienu jgħiduhulna li għandna Fra qaddis jgħix magħna. Kienu jgħidulna: 'intom għandkom qaddis hemm ġol-kunvent.' Kien ta' ftit kliem, jgħidlek li għandu jgħidlek u daqshekk. Ma kien imur imkien, dejjem il-kunvent. Ħlief li jmur sa Ta' Pinu, dejjem ġewwa kont issibu. Dik biss kienet il-ħarġa tiegħu. Għall-bidu li wasalt kellu kamra fuq imma mbagħad wara li ntefħulu saqajh niżel isfel. Dejjem nodfa kien iżommhom il-kmamar. Ma kellu xejn tiegħu u fil-kamra ma kienx iżomm affarijiet. Kien iżommha fqira u ma kienx ikun irid affarijiet ta' lussu. Kien bniedem spiritwali u kien jgħid ħafna Rużarju. Sibtu ħafna drabi fil-knisja jitlob waħdu. Ukoll meta kien isofri, qatt ma kien jgħid xejn u ma kienx joqgħod jagħmel għaġeb. Darba ġie fuqi u qalli 'jien mhux aħjar immur id-Dar tal-Kleru biex ma nkunx ta' piż għalik? Ċempel lill-Provinċjal ħa nkellmu.' Jien ċempiltlu u l-Provinċjal, dik il-ħabta P. Adeodat Schembri rranġalu. Meta mbagħad daħal hemm u ġieli kont immur narah kont ngħidlu 'imxi nieħdok Ta' Pinu darba l-Erbgħa kont tħobb tmur tant' imma kien dejjem iweġibni 'xi darba ngħidlek' imma qatt ma qalli u baqa' ma mar qatt.[126]

## Mard ta' Fra Grazzja

Minkejja l-età venerabbli li seħħlu jgħix, dik ta' erbgħa u disgħin sena neqsin jum, Fra Grazzja ġarrab ħafna mill-mard, li żaru sa minn kmieni. L-ewwel ħjiel ta' problemi f'saħħtu joħodna lura għall-1966, meta fit-28 ta' Lulju, P. Bonaventura Chetcuti, kiteb lill-Provinċjal, P. Ugolin Gatt, u nkwetat bagħat jgħidlu: "L-iżjed li qiegħed nikteb huwa biex ngħarrfek bl-impressjoni li tatni l-fiżjonomija tal-Fra, *di ritorno* minn Malta bħal-lum ħmistax. Wiċċ ta' katavru ambulanti; anqas forza jitkellem m'għandu. Għalkemm ilu jonqos - għaliex huwa evidenti li, minn mindu telqu l-ħbieb kollha li kienu jiffrekwentaw hawn, għamel f'qalbu - però, wara x-xahar assenza tiegħi minn Bona, sibt li naqas ferm, ferm iżjed. Is-superjura qaltli li bilfors għandu xi ħaġa serja fin-nervi u fid-demm. Sal-lum għandu jdejh it-tnejn infaxxati: in-ners tikkurahomlu darbtejn kuljum. Is-superjura qaltli: 'Titkexkex meta kont taralu l-pali ta' jdejh: kont taħseb li hija lebbra.' X'aktarx hija speċi ta' ekżema kerha. Intant, jiena tal-parir - u dana għedthulek u ktibthulek iżjed minn darba - li l-Fra jiġi Malta għall-vaganzi, u mill-vaganzi, ma jkunx ħlief tajjeb u optime, li dan jibqa' Malta. Hawn, - ifhimha - il-Fra qiegħed għall-preżenza biss, allura Malta jista' jkun ta' utilità f'xi komunità."[127] Ir-risposta għal dan min-naħa tal-Provinċjal u tas-suċċessuri tiegħu nafu x'kienet għax dwar dan tħadditna diġà aktar 'il fuq. Is-snin gerrbu u fit-23 ta' Settembru 1975, P. Luċjan Borg kiteb rapport sħiħ bl-Ingliż dwar il-kundizzjoni ta' saħħtu: *History of Br. Gratia's illness*.[128] Fih niżżel li l-Fra, li dik il-ħabta kellu 64 sena, ħassu ma jiflaħx fit-12 ta' Awwissu u sofra minn disturb intestinali u konstipazzjoni. Jumejn wara, kellu temperatura ta' 39.5° u t-tabib li żaru ddijanjostikalu kolite. Il-mediċina li ngħatatlu jidher li ma kellhiex effett, tant li t-temperatura telgħet għal 40.5° u baqgħet stazzjonarja għal diversi ġranet. Raxx ta' ponot ħomor feġġew fuq ġismu kollu, b'mod speċjali f'sidru u f'riġlejh u fis-17 tax-xahar, it-tabib ordnalu antibijotiċi aktar qawwija. It-temperatura madankollu

baqgħet stazzjonarja u l-ponot komplew jiżdiedu. Il-Fra ma weriex aptit iżda kien jixrob kwantità konsiderevoli ta' ilma minn jum għal ieħor. Iżda peress li urina ma bediex jagħmel biżżejjed, it-tabib issuspetta li seta' kien qiegħed ibati minn infezzjoni fil-kliewi u wara jumejn, minn paratifojde, settiċemija jew tifojde, iżda dwar dan ma kienx ċert għalkollox peress li tul il-marda tiegħu ma wera ebda sinjal ta' dijarea, waqt li ebda każ ta' tifojde ma kien irrappurtat fil-belt jew fil-madwar tagħha. Meta biddillu l-antibijotiċi iżda, it-temperatura bdiet tonqoslu bejn is-37 u d-39.5°, sakemm finalment ġiet għan-normal. Fil-25 tax-xahar beda jħossu aħjar u kiel xi frott u ħaxix u għalkemm debboli, saħħtu baqgħet ġejja 'l quddiem, bil-pressjoni tad-demm 8 u l-battitu tal-qalb 120. Sal-1 ta' Settembru kien tajjeb biżżejjed biex jissokta x-xogħol tiegħu għalkemm il-patrijiet insistewlu sabiex "ikompli jistrieħ u jevita xogħol ta' strapazz". Iżda bħala "persuna dinamika", kien "impossibbli għalih li jieqaf mix-xogħol", għax kien "dejjem lest jagħti daqqa t'id." P. Luċjan iżid jirrimarka wkoll fir-rapport tiegħu li soltu Fra Grazzja kien igawdi minn saħħa tajba għajr għall-irjiħat li spiss kien jieħu bejn il-ħarifa u r-rebbiegħa. L-aptit tiegħu kien ukoll wieħed tajjeb imma laħam ma kienx iħobb u minflok kien jippreferi jiekol basal, tadam u ħxejjex oħra, kif ukoll ħobż, sopop u għaġin. Dwar dan żied jgħid li peress li laħmijet u proteini ma kienx jieħu kienet "pjuttost impossibbli" għalih li jibqa' għaddej, għax ma kienx jieħu ħlief ftit ħalib mal-kafè filgħodu. Innota wkoll li meta jitla' t-taraġ nifsu ma kienx regolari. It-testjiet tad-demm sarulu fis-*Secteur Sanitaire de Annaba* kif naraw minn xi kartelli kliniċi datati Awwissu tal-istess sena.[129] Ix-xahar ta' wara kellu jinżel Malta skont telegramma mibgħuta fil-25 ta' Settembru minn P. Luċjan lill-Provinċjal imma dan tal-aħħar niżżel fuqha stess nota bit-Taljan li tgħid li għal xi raġuni jew oħra Fra Grazzja "ma wasalx kif previst."[130]

Intant, l-aħbar ta' saħħet il-Fra waslet lil P. Bonaventura, dik il-ħabta membru tal-komunità tal-kunvent ta' Santu Wistin ta' via Francesco Raimondo 3, Palermo, u fit-2 ta' Ottubru kiteb lill-Provinċjal: "Dalgħodu

wasalli l-'Bullettin' tad-djoċesi ta' Konstantina u qrajt fil-paġna 5 , fost affarijiet oħra, illi 'Fra Grazzja huwa marid, u, saħħtu titlob kura serja u *vigilante*.' Ninsab ansjuż li jkolli aħbarijiet tiegħu mingħandek jekk ma ssibx diffikultà. In-numru tal-Bullettin huwa tal-15 ta' Settembru, jiġifieri diġà għadda żmien relattivament twil bejn l-istampar tal-aħbar, bejn il-wasla tad-dokument hawn Palermo u t-talba tiegħi li għad trid tasallek. Nirringrazzjak *in anticipo* fit-tama li m'hemm xejn minaċċjanti għall-maħbub marid li jiena lejh debitur."[131] Il-Provinċjal P. Borg, fl-4 ta' Novembru wieġbu: "Veru li Fra Grazzja kien daqsxejn ma jiflaħx u meta kien għadu Bona, il-Pirjol P. Luċjan tant beża' li għamillu l-griżma tal-morda, iżda l-istat fiżiku ta' Fra Grazzja qatt ma kien f'xi estremità. Meta ġie Malta u ħadnieh għand il-Professur Zammit Maempel, qalilna li kellu attakk ikrah ta' influwenza. Issa jinsab tajjeb ħafna. Kellu jirritorna lbierah iżda l-ajruplan ma ħadimx minħabba l-maltemp. Nittamaw li jmur il-Ġimgħa."[132] Din l-ittra tikkonferma għaldaqstant li wara li tilef it-titjira tal-25 ta' Settembru, xorta waħda wasal Malta kif ippjanat, kif tikkonfermalna wkoll korrispondenza bejn P. Ugolin Gatt u l-Provinċjal Borg. Minkejja iżda li P. Bert kiteb li "l-istat fiżiku ta' Fra Grazzja qatt ma kien f'xi estremità" u li l-"Pirjol P. Luċjan tant beża' li għamillu l-griżma tal-morda", l-istess P. Luċjan fil-verżjoni tiegħu jsemmi li mhux biss il-Fra ma kienx jinsab marid gravi imma l-fatt tal-griżma ma ġiex minnu, imma mill-Ordinarju tal-post. Naraw allura l-fatti kif seħħew: "Darba minnhom marad u t-tobba ħasbu li kellu t-tifu u l-Madre qaltli li kellna niżolawh. Ħadnieh f'parti tad-Dar tax-xjuħ għand is-Sorijiet iż-Żgħar tal-Foqra. Kien is-sajf u jien kont waħdi. Ċempilt lill-isqof tagħna, Mons. Jean Scotto u dan qalli li kien ġej minn Konstantina għal Ippona (mija u ħamsin kilometru). Meta l-isqof wasal mar jarah u wara ftit ġie d-dar tagħna u staqsieni jekk kontx amministrajtlu l-griżma tal-morda. Biex ngħid il-verità jien lanqas biss ħsibt f'dan. Għalhekk, Mons. Scotto ħa ż-żejt u r-ritwal, mar jagħmillu l-griżma u meta ġie lura qalli dan il-kliem: 'jekk allaħares qatt imut nidfnuh ġewwa l-kripta'. Din il-kripta tinsab

taħt il-bażilka u hemm midfunin fiha żewġ isqfijiet tad-djoċesi u l-Kanonku Leroy, l-ewwel rettur tal-bażilka."[133]

Dwar il-perjodu tal-marda tiegħu f'Bona, P. Peter Paul Cachia jirrakkonta: "Waqt li kien marid, Fra Grazzja ngħalaq fil-kamra minħabba il-'*pudore*'. Il-Pirjol, P. Luċjan, obbligah taħt ubbidjenza biex jiftaħ il-bieb tal-kamra tiegħu. Il-kelma li użajt, ċioè '*pudore*' hija f'sens ta' sentiment ta' mistħija. Ġara li waqt li kien marid għamel taħtu għax ma laħaqx imur it-tojlit. Il-Pirjol mar f'dak il-mument meta kien qed jitnaddaf u jnaddaf. Imma l-punt tal-Pirjol kien li Fra Grazzja kien marid. Il-Pirjol ma setax iħalli lil Fra Grazzja waħdu u għalhekk sejjaħ lis-Sorijiet iż-Żgħar tal-Foqra biex jieħdu ħsiebu huma."[134]



**Mons. Jean Scotto (1913 - 1993), li bħala Isqof tad-Djoċesi ta' Konstantina-Ippona, ħass li l-Fra kellu jindifen propju fil-bażilika li għaliha tant irsista, f'każ li jiġi nieqes meta ġie milqut minn mard serju matul ir-rettorat ta' P. Luċjan Borg. (Ħajr lil Dun Michel Guillaud)**

Il-każ jirrakkuntahulna aktar fid-dettall l-istess P. Luċjan: "Kien bniedem ubbiddjenti wkoll jekk fil-ħidma tiegħu ftit li xejn kien jikkonsultak. Imma dnub hemm f'dan? M'aħniex maħluqa biex ngħixu fil-libertà ta' wlied Alla? Wisq probabbli kien aktar liberu interjorament minna li studjajna u nippretendu li aħna għorrief! Darba minnhom kien marad sewwa u jien bħala pirjol kont tlabtu jmur jara lill-Madre tal-Sorijiet iż-Żgħar tal-Foqra li kellhom id-dar tax-xjuħ biswitna. Din kienet ners u kienet tifhem ħafna fil-mediċina. Fra Grazzja ngħalaq f'kamartu. Jien kont għadni żgħir u kienet l-ewwel esperjenza tiegħi ta' superjur. Kont inkwetat u ridt naqdi sewwa d-dmir tiegħi. Inżilt isfel fejn kellu l-kamra tiegħu u għidtlu biex jiftaħli, imma għalxejn. Mort

nitkellem mal-Madre u din ġiet miegħi. Inżilna u jien għidtlu li kien hemm il-Madre u nobbligah jiftaħ u żgurajtu li kont ħa nwarrab. Tlaqt u hu fetaħ u l-Madre sabitu fi stat ħażin u l-kamra wkoll. Fra Grazzja kien bniedem nadif u ordnat. Dak li ġara huwa li kienet tatu dijarea kbira u hu ma kellux *wc* fil-kamra u ġara dak li ġara. Fra Grazzja kien inaddaf u jaħsel kamartu darba fil-ġimgħa. Meta tatu d-dijarea kien bla saħħa u biex ma jiskomoda lil ħadd wisq probabbli kien qiegħed jistenna li jerġa' jirkupra saħħtu biex b'hekk ikun jista' jnaddaf kamartu. Wara li kollox għadda bit-tajjeb stajt nara r-rikonoxxenza tiegħu fuq wiċċu. Iva, kien jaf japprezza l-persuna u mingħajr ħafna diskorsi kien jaf ikun rikonoxxenti. Jien qatt ma kelli problema miegħu, kont nagħmel mill-aħjar biex nurih li hu wieħed minna."[135]

## L-aħħar snin

Wara r-ritorn tiegħu fil-kunvent ta' Santu Wistin tar-Rabat, Għawdex, Fra Grazzja kien ikkonfermat mill-ġdid membru tal-komunità fil-Kapitlu Provinċjali tal-1990, kif bagħtu jgħarrfuh permezz ta' ittra datata 13 ta' Ġunju, il-Provinċjal, P. Adeodato C. Schembri, u f'dak tal-1994, meta kien mgħarraf għal darb'oħra permezz ta' ittra maħruġa fl-10 ta' Ġunju mill-istess Provinċjal. Tul dan il-Kapitlu, Fra Grazzja kien maħtur Diskriet "wara li P. Pawl Spiteri u P. Saturjan Benetti talbu li jkunu eżentati minħabba raġunijiet ta' età u mard" kif bagħat jgħarrfu P. Salvinu Caruana, Segretarju Provinċjali, permezz ta' żewġ ittri fit-18 u fit-28 ta' Marzu.[136] Wara dan l-aħħar Kapitlu Ordinarju iżda, Fra Grazzja ma tantx kellu jdum fil-kunvent imsemmi, għax peress li saħħtu bdiet tnaqqas, il-Provinċjal fis-6 ta' Settembru tal-istess sena kiteb lid-direzzjoni tad-Dar tal-Kleru fi Fleur-de-Lys, Birkirkara u talabhom biex: "(ħuna) Fra Grazzja Gauci jiġi aċċettat bħala 'resident' fl-imsemmija Dar."[137] Huwa ġie aċċettat is-sena ta' wara.[138] Fis-17 ta' Frar ta' din is-sena, is-Segretarju Provinċjali, P. Salv Magro bagħat

jgħarrfu permezz ta' ittra li l-iskeda tiegħu għall-għażla tad-Definitur għall-Kapitlu Ġenerali Ordinarju 1995 waslet fis-Segreterija Provinċjali."[139]



**P. Adeodato C. Schembri OSA, (1942 - ), mir-Rabat, Għawdex, li matul il-Provinċjalat tiegħu ħa ħsieb idaħħal lill-Fra fid-Dar tal-Kleru sforz tal-qagħda ta' saħħtu.**

Dwar l-aħħar żmien tal-Fra f'Għawdex u d-dħul tiegħu fid-Dar tal-Kleru, inħallu titkellem ix-xhieda ta' P. Adeodat C. Schembri li propju matul il-provinċjalat tiegħu, il-Fra kien ammess f'din ir-residenza, anzi kien hu stess li ssuġġerielu aktar minn darba biex jagħmel dal-pass minħabba l-kundizzjoni ta' saħħtu. Iżda nisimgħu lilu jgħidilna aktar dwar dan: "Meta dħalt novizz, Ottubru tas-sena 1960, kont naf li jeżisti Fra Grazzja Gauci OSA., minn Għawdex, li kien jgħix fil-missjoni Agostinjana fl-Alġerija. Meta jiena ġejt ordnat saċerdot fit-12 ta' Marzu 1967, ma niftakarx li kont kont rajtu qabel. Jiena mort il-Brażil fl-aħħar tas-sena 1967 u meta kont niġi hawn għall-vaganzi ftit li xejn kont niltaqa' miegħu, ħlief meta kont niġi hawn fil-kunvent tagħna biex inqaddes filgħodu kmieni. Naf li kont smajt meta ġie Malta biex joqgħod il-kunvent tagħna hawn Għawdex, li għadda xi żmien mal-familja tiegħu l-Għarb, u wara rritorna l-kunvent, Għawdex. Meta jiena ġejt elett Provinċjal fis-sena 1990, sibt li hu kien fil-kunvent tagħna ta' Għawdex. Diversi drabi kont inkellmu, imma d-diskors tagħna kien dejjem ħafif u ta' malajr. Kont nistaqsih kif inhi saħħtu, jekk kienx kuntent Għawdex u dejjem kien jgħidli 'Sewwa, sewwa'. Naf li kien jaqdi tajjeb ħafna l-uffiċċju tiegħu bħala Fra u li kien dejjem miġbur u ta' ftit kliem. Dejjem bil-kuruna tar-Rużarju u kont nosserva l-ġabra li kien ikollu meta jkun fil-kor waqt it-talb tal-komunità jew waqt il-quddiesa. Kien iħobb ħafna l-abitu Agostinjan, għax kont tarah

dejjem bit-tonka. Kien bniedem ta’ eżempju għall-istess komunità u għan-nies li jiġu l-knisja tagħna. Fil-fatt, meta bdejna din il-proċedura għall-beatifikazzjoni tiegħu, xi wħud min-nies li jafuh, faħħruh kemm kien reliġjuż eżemplari. Kien iħobb il-Madonna Ta’ Pinu u kien dejjem imur hemm fl-Erbgħat tal-Madonna. Kien imur ma’ ħabib tiegħu u jagħmlu t-talb tagħhom flimkien quddiem il-Madonna.

Billi jiena kont Provinċjal mis-sena 1990 sas-sena 1998, bdejt nara kambjamenti fis-saħħa tiegħu. Kont indunajt li kellu xi ferita f’sieq],u u kont narah izappap u jfittex li joqgħod bilqiegħda, però kien jagħmel minn kollox biex jaqdi sewwa l-uffiċċju tiegħu. Xi drabi kont offrejtlu jekk iridx imur id-Dar tal-Kleru, Birkirkara. Għall-bidu kien jgħidli: ‘U le, jiena sewwa ħafna’. Ġara li aktar ma beda jgħaddi ż-żmien hu stess kien qalli li qed iħossu għaddej ħażin. U meta rġajt semmejtlu d-Dar tal-Kleru, aċċetta. Għamilt minn kollox biex imur hemm u ġie aċċettat mit-tmexxija tad-Dar tal-Kleru. Hemmhekk, kont immur nara lilu u lill-patrijiet oħra Agostinjani, li kienu hemm. Kont nistaqsih kif inhu sejjer u kif inhi saħħtu u dejjem kien jgħidli ‘Sewwa, sewwa’. Kien ta’ ftit kliem u jiena biex ma ndejqux kont nitlaq nara l-patrijiet l-oħra. Naf li kien maħbub ħafna mir-residenti u mis-sorijiet u huma ħafna drabi qaluli ‘X’eżempji sbieħ jagħtina dan il-Fra tagħkom’. Kien ukoll iwassal xi saċerdoti fil-kappella u fir-refettorju bil-*wheelchair*. Kellu attenzjoni kbira għas-saċerdoti sħabu f’din id-dar.

Fis-sena 1998, jiena spiċċajt mit-tieni turn tiegħi bħala Provinċjal u f’Lulju ta’ dik is-sena rġajt lura fil-missjoni tagħna fil-Brażil. Meta kelli l-aħbar tal-mewt tiegħu, ftakart f’ħafna mumenti sbieħ li kelli miegħu u ta’ kemm kont nammira fih il-ħajja reliġjuża u ta’ kif kien jgħixha fl-umiltà u fis-servizz tiegħu fil-komunità. Kien maħbub ħafna minna lkoll u dejjem konna nkunu attenti kif inġibu ruħna quddiemu u miegħu. Kien ta’ ftit kliem imma kien bniedem li s-skiet tiegħu kien ‘itarraxna’.

Jalla dan il-proċess tal-beatifikazzjoni ta’ dan ħuna, Fra Grazzja Gauci OSA., ikompli miexi u li ma ndumux ma narawh fil-lista tal-beati ġodda. Jixraqlu.”[140]

Iżda anki jekk il-Fra ddaħħal fid-Dar tal-Kleru għall-mistrieħ, propju din l-aħħar kelma l-Fra tagħna donnu ma kienx jaf xi tfisser u ftit li xejn kienet tgħodd għalih. Tant hu hekk li P. Luċjan Borg irrimarka: "*Ma anche qui, Fra Grazia non si accontentò di star fermo senza far niente. Rendeva mille piccoli servizi ai sacerdoti e religiosi meno anziani di lui ma la cui salute era molto lapidata. Trasportava in cappella quelli che erano sulla sedia...recitava il Rosario nella cappella, serviva la messa e tante altre piccole cose.*"[141]

Aneddotu ħelu dwar l-aħħar żminijiet ta' Fra Grazzja fid-Dar tal-Kleru jirrakkuntah imbagħad P. Deo Debono. Meta kien għadu novizz u aktar tard student, Deo u sħabu kienu jmorru jaraw lill-Fra u lill-Agostinjani l-oħra rikoverati Fleur-de-Lys u magħhom kienu joħdulu flixkun wiski. Kif kienu jagħtuhulu, il-Fra kien jirringrazzjahom u jgħidilhom: "Kollox sew, tistgħu tmorru issa", biex hekk ikun jista' jieħu daqsxejn ta' grokk. Għalhekk biex iqattgħu aktar ħin miegħu, spiċċaw biex minflok jagħtuhulu malli jidħlu f'kamartu, il-flixkun kienu jgħadduhulu qabel jitilqu biex hekk ma jgħidilhomx "tistgħu tmorru"![142]

Iżda dwar il-perjodu tiegħu fid-Dar tal-Kleru, inħallu jitkellmu aktar lil Swor Rose Zammit u l-membri tal-Qaddejja taċ-Ċenaklu, imwaqqfa minn Mons. Salv Grima li jieħdu ħsieb ir-residenti tad-Dar tal-Kleru, li flimkien ġabru t-tifkiriet tagħhom dwaru:

"Fra Grazzja għex għal aktar minn għaxar snin fostna fid-Dar tal-Kleru u l-ħajja tiegħu kienet ta' eżempju u xhieda mill-isbaħ għal kulħadd, kemm saċerdoti, sorijiet, impjegati, voluntieri u għal kull min kien jiġi fid-Dar. Kien jispikka fih is-sens kbir ta' qadi f'kull aspett possibbli u b'hekk jgħix sewwa l-kliem tal-Vanġelu meta Ġesù ħasel riġlejn l-appostli u qalilhom li dak li għamel Hu jagħmluh huma wkoll. Is-sempliċità u l-umiltà tiegħu kienu jidhru bil-mod kif kien ifittex li jaqdi kull fejn kien possibbli. Kien bħala sagristan jgħin lis-soru li tieħu ħsieb il-kappella fil-preparazzjoni tal-quddiesa u wara biex jerfgħu l-affarijiet. Kien iġib kuljum is-saċerdoti anzjani u morda fis-

siġġijiet tar-roti għall-quddiesa u għas-servizzi l-oħra li jkollhom fil-kappella u wara jeħodhom lura fil-kmamar. Kull filgħaxija s-saċerdoti residenti kienu jinġabru flimkien biex jgħidu r-Rużarju u jieħdu l-Barka Sagramentali u Fra Grazzja kien kuljum imexxi r-Rużarju hu. Fir-refettorju mbagħad kien jipprokura li jservi lil kulħadd b'kull mod li seta', minkejja li kien anzjan hu wkoll. Kien jixwi l-ħobż tal-anzjani u jara li ma jkun jonqoshom xejn, iqum u joqgħod għal kull ħtieġa li tinqala' mingħajr ma jqis lilu nnifsu, għax il-ħtiġijiet tal-oħrajn kienu jiġu qabel tiegħu. Barra dan kien imur jistaqsi lis-saċerdoti fil-kmamar jekk kellhomx bżonn ta' xi għajnuna u erħilu jgħin u jaqdi lil kulħadd. Dan kollu kien jagħmlu bil-kwiet mingħajr daqq ta' trombi, mingħajr ħafna tpaċpiċ u storbju. Is-silenzju intern u estern kien il-kumpann tiegħu u qatt ma niftakru li qatt qal xi kelma żejda. Il-ġurnata kien jgħaddiha f'ġabra profonda. It-tbissima dejjem fuq fommu kienet tirrifletti l-paċi interna ta' qalbu u l-imħabba li biha kien iħobb lil kulħadd qatt ma żammitu lura milli jagħti daqqa t'id lil dak li jkun. Kellu wkoll imħabba kbira lejn Ġesù fl-Ewkaristija u meta tittawwal f'diversi ħinijiet tal-ġurnata fil-kappella tad-Dar, kont issibu hemm f'xi rokna jitlob bil-kwiet u l-ġabra."[143] Is-silenzju u l-ġabra jidher li kienu żewġ fatturi li apprezzawhom ferm fih is-Sorijiet għax għalkemm tkellmu dwarhom aktar 'il fuq żiedu: "Qatt ma smajnieh jirrabja jew igerger; dejjem trankwill u ferħan. Il-karità tiegħu kienet tidher mhux biss fil-qadi lejn l-oħrajn imma qatt ma smajnieh jgħid xi kelma kontra xi ħadd jew jirrabja għal xi ħadd; kien dejjem iżomm is-silenzju u s-skiet. Kien iwieġeb 'iva, iva' bi tbissima għal kulma ngħidulu u l-kuntrarju ma kienx jeżisti għalih. Kien kuntent b'kollox. Avolja kien reliġjuż anzjan, kien indipendenti minn kull għajnuna u kien iżomm ruħu nadif u l-kamra tiegħu dejjem fl-ordni u nadifa. Il-ħajja ta' Alla kienet tirrifletti sewwa fih u kull min kien jiltaqa' miegħu jew ikellmu kien iħossu jinġibed lejh għat-tjubija u l-umiltà tiegħu li kienu jinħassu sew fih."[144]

It-tjubija ta' Fra Grazzja kienet osservata saħansitra waqt rikoveru tiegħu fl-Isptar San Luqa fis-sala MS III, meta milqut minn marda serja li kellha ttul sa mewtu u li żgur li permezz tagħha ġarrab bosta, it-tabib li ħa ħsieb l-ittra tal-kwittanza tiegħu, S. Fenech, iddeskrivieh bħala persuna "*very pleasant*" fil-*Case Summary* datat 7 ta' Ottubru 1996.[145]

"Kien irrassenjat ħafna fil-mard tiegħu. Qatt ma kien jilmenta jew biss jagħmel referenza għaliha. Kien jaċċetta kollox minn idejn Alla l-Imbierek bħala parti mill-ħajja tiegħu. Meta kellu l-ħtieġa ta' kura fl-isptar, it-tobba li kienu qed jikkurawh kienu edifikati bl-imġiba u bl-attitudni tiegħu, li fuq id-*discharge letter* waslu biex kitbu '*85 year old very pleasant priest*'. Huma wkoll indunaw bit-tjubija u l-ġenwinità tal-karattru sabiħ u tajjeb tiegħu", issuktaw fix-xhieda tagħhom il-membri tal-Qaddejja taċ-Ċenaklu.[147]

"Meta kont Provinċjal u kont immur narah fid-Dar tal-Kleru, jekk kien ikun għal madwar l-għaxra ta' filgħodu kont tarah fil-kappella jservi l-quddies u wara kien isuq xi saċerdot fuq is-siġġu tar-roti lejn kamartu. Kemm kien jagħmel dan b'imħabba! Is-saċerdoti residenti tad-Dar tal-Kleru dejjem kienu jgħiduli: 'Provinċjal x'Fra qaddis għandkom'. Iva ħalla togħma ferm tajba u għamel unur lill-Knisja, lill-Ordni, lill-Provinċja, kif ukoll lilu nnifsu." Hekk xehed P. Luċjan Borg.[147]

Sensiela ta' ritratti ġentilment mgħoddija mill-Qaddejja taċ-Ċenaklu tal-Dar tal-Kleru, fejn Fra Grazzja għadda l-aħħar għaxar snin tiegħu u miet fis-sena 2005, li fihom naraw lill-Fra fl-anzjanità tiegħu f'okkażjonijiet diversi:



**Ir-residenti tad-Dar tal-Kleru f'ħarġa San Pawl il-Baħar.**



**Waqt ikla fil-pjazzetta tad-Dar tal-Kleru.**



**Fra Grazzja jgħin lil Mons. Paul Pace ta' Ħ'Attard jitqarben.**



**Fil-kappella tad-Dar tal-Kleru fl-okkażjoni tażżjara tar-relikwa ta' Sant'Antnin ta' Padova.**



**Jieħu sehem fil-quddies ta' filgħodu li matulha kien jassisti.**



**Waqt l-ikel flimkien mar-residenti tad-Dar tal-Kleru.**



**Iservi lill-oħrajn waqt l-ikel.**

## Mewt ta' Fra Grazzja

Dan "ir-reliġjuż spiritwali", li l-"ħajja tiegħu kienet tassew xhieda tas-sejħa reliġjuża tiegħu, u li "t-tjubija tiegħu kienet tiġbdek u kulħadd kien iħobbu, mingħajr qatt ma ntqalet kelma negattiva fuqu",[148] li l-idea tal-"*bontà*" tiegħu, kif espressa minn Mons. Roncalli illum qaddis, "żammewha f'lokha il-ħafna saċerdoti residenti fid-Dar tal-Kleru",[149] "iddaħħal l-isptar [San Luqa] għal operazzjoni serja f'Novembru 2004. Prattikament l-aħħar xahrejn għaddiehom il-kamra [fid-Dar tal-Kleru]. Fit-8 ta' Frar 2005, wara l-ikel ta' nofsinhar, is-sitwazzjoni marret għall-agħar. Fis-sitta ta' filgħaxija, mort ħdejh [il-Provinċjal, P. Luċjan Borg] u flimkien ma' P. Alex Cauchi, li kien hemm, u Dun Norrie Bonavia, Direttur tad-Dar tal-Kleru, tlabna għalih u tajtu l-assoluzzjoni. Ftit wara waslu l-istudenti tagħna [Agostinjani] u dawn qalu s-Sliema miegħu. Kien għadu konxju sa mewtu li ġrat għall-ħabta tad-9.30 pm."[150] Mifni minn adenokarċinoma rektali li kien ilu jbati biha snin, tant li nsibuha mniżżla fir-rapport mediku ta' disa' snin qabel[151], li eventwalment infirxitlu għall-bużżieqa tal-awrina u l-pene,[152] nhar it-Tlieta, 8 ta' Frar 2005, fid-disgħa u nofs u ħamsa ta' filgħaxija, fil-kamra tiegħu fid-Dar tal-Kleru fi Triq Anġlu Grima, Fleur-de-Lys, Fra Grazzja

għamel il-bewsa tal-paċi fis-Sinjur assistit minn ħutu f'Santu Wistin u l-Qaddejja taċ-Ċenaklu, lejlet li kellu jagħlaq erbgħa u disgħin sena, liema età kienet tagħmlu għaldaqstant dik il-ħabta, l-ixjeħ membru tal-Provinċja Agostinjana Maltija. Il-kawża tal-mewt kienet mogħtija bħala "insuffiċjenza tal-qalb konġestiva" u "senilità."[153]

"Imgeżwer fit-tonika Agostinjana"[154], il-katavru ta' Fra Grazzja kien espost fl-Oratorju tal-Madonna taċ-Ċintura fi Triq l-Ifran, il-Belt, fl-għodwa tal-Ġimgħa, 11 ta' Frar. "Il-funeral tiegħu sarlu fil-knisja parrokkjali ta' Santu Wistin tal-Belt Valletta. Għadd sabiħ ta' aħwa u xi saċerdoti djoċesani ħadu sehem fl-Ewkaristija. Kien hemm ukoll preżenti l-Madre tal-Qaddejja taċ-Ċenaklu u xi nies li jaħdmu fid-Dar tal-Kleru."[155] Immexxija mill-Provinċjal, P. Luċjan Borg, il-quddiesa kienet iċċelebrata fid-9.30 am., wara l-korteo ħalla l-Oratorju msemmi nofs siegħa qabel.[156] Min qed jikteb jiftakar li kommoss u emozzjonat kif kien, P. Bonaventura Chetcuti, "debitur għal dan sieħb[u] għall-eżempji mdawlin li ħalliel[u] fis-snin twal li għadde[w] fuq l-għolja ta' Ippona, imfewħa bl-eluf ta' siġar taż-żebbuġ"[157], ma tħalliex jara l-katavru tiegħu fil-ħin li kien espost.[158] Iżda qrib it-tebut tiegħu waqt il-funeral, talbu: "Fra Grazzja, lissen f'widnejn xi żagħżugħ din it-tnehida: '*Sit mors mea vita tua*, u lili għallimni mis-skiet tiegħek u l-qawwa ta' ftit kliem."[159]




**Il-qabar ta' Fra Grazzja Gauci fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata f'Raħal Ġdid, fid-Diviżjoni Lvant, Sezzjoni F, Kompartiment B, numru 8, appartenenti lill-Provinċja Agostinjana Maltija.**

Id-difna segwiet fil-qabar nru. 8 tal-Provinċja Agostinjana Maltija fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata f'Raħal Ġdid fid-Diviżjoni Lvant, Sezzjoni F, Kompartiment B, fil-ħdax ta'




**Dettall mil-lapida li tgħatti l-qabar numru 8 fis-Sezzjoni F-B fid-Diviżjoni Lvant taċ-Ċimiterju tal-Addolorata li fih jistrieħ il-fdal tal-Fra.**




**Dehra ġenerali tal-oqbra tal-Provinċja Agostinjana Maltija fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata f'Raħal Ġdid, li fihom jistrieħ fost l-oħrajn, Fra Grazzja.**

filgħodu, fuq il-fdal ta' P. Kristjan Cini, li miet fit-30 ta' April 2003.[160] U hekk, "it-trab" ta' Fra Grazzja reġa' mar "fl-art mnejn ġie, u "n-nifs tal-ħajja" "lejn Alla, minn fejn ġie." [Koħ:12:7].

Il-mewt tiegħu għaddiet inosservata fl-għajnejn ta' bosta. Obitwarju bl-aħbar tal-mewt tiegħu kien imħabbar fil-ġurnal "*The Times of Malta*" fil-ħarġa tal-Ħamis, 10 ta' Frar. Il-Provinċja Agostinjana Maltija, apparti n-nekroloġiji provinċjali maħruġa minnha bil-Malti u bit-Taljan kif soltu jsir fil-mewt ta' kull membru tagħha, fakkritu permezz ta' apprezzament ċkejken ta' ftit linji fir-rivista "*Santa Rita*" fil-ħarġa ta' Marzu-April 2005 flimkien ma' P. Eġidju Galea li miet xahar qablu ta' 86 sena. P. Bonaventura Chetcuti sellimlu permezz ta' apprezzament mirqum fil-ġurnal "*Leħen is-Sewwa*" fil-ħarġa tad-19 ta' Marzu.

Mal-aħbar ta' mewtu, P. Emanuel Borg Bonello, P. Martin Micallef, P. Prospero Grech (aktar tard Kardinal) u P. Leslie Gatt mill-Kurja Ġeneralizja tal-Ordni u mill-Kulleġġ Internazzjonali Santa Monika f'Ruma, bagħtu messaġġ elettroniku lil P. Luċjan Borg b'dawn il-kelmiet:

> "Fil-Funeral ta' Ħuna Fra Grazzja:
>
> Għażiż Provinċjal,
>
> Dalgħodu ningħaqdu magħkom biex irroddu ħajr lil Alla l-ewwel talli tana lil Fra Grazzja, persuna li bil-ġentilezza, umiltà, sempliċità u kliem meqjus tiegħu kien dejjem eżempju għalina u għal nies oħra li għex magħhom. Nirringrazzjaw 'l Alla għax ċerti li jagħder u jaħfer in-nuqqasijiet żgħar u kbar ta' Fra Grazzja, għax ċerti li min ħabb ħafna jinħafirlu ħafna. Nirringrazzjawh ukoll li llum jilqa' lil Grazzja li kkonsagra ħajtu u t-talenti li tah Alla innifsu, lill-missjoni tagħna fl-Alġerija u lil ħafna persuni. Sal-aħħar snin ta' ħajtu fid-Dar tal-Kleru, għalkemm anzjan u marid, baqa' sakemm felaħ, jaqdi s-saċerdoti u reliġjużi anzjani

u morda bħalu. Nirringrazzjaw ukoll lid-Direttur u lis-Sorijiet tad-Dar tal-Kleru tas-servizz bil-qalb li taw lil Fra Grazzja u li jibqgħu jagħtu lil ħafna saċerdoti u reliġjużi."[161]

Fin-nekroloġju Provinċjali tniżżel: "Unanimu kien il-ġudizzju tar-residenti tad-Dar tal-Kleru: Fra Grazzja kien raġel qaddis li kien iħobb ħafna s-saċerdot u l-Ewkaristija, bniedem kwiet li saħansitra meta kien muġugħ sewwa, meta kont tistaqsih kif inhu kien iwieġeb bl-ikbar sempliċità: mhux ħażin. Dan il-ġudizzju tawh ukoll ħutna kollha u dawk il-ftit li kienu jafuh. Iva, ħalliena reliġjuż mimli umiltà, ta' ftit skola iżda mimli bil-Għerf ta' Alla li għamel minnu l-fqir fl-ispirtu u iben dehen tal-Knisja tal-Ordni Agostinjan. Ħallielna wirt spiritwali kbir u jiena m'għandix dubju li qiegħed jitlob għalina biex aħna nimxu fuq il-passi tiegħu u nsiru tassew foqra fl-ispirtu."[162] Dak bit-Taljan ikkonkluda: "*Così era considerato Fra Grazia da tutti quelli che lo conoscevano e così è morto: con la faccia d'un santo*."[163]

Għas-santi tal-mewt, il-Provinċjal P. Luċjan Borg għażel din il-frażi ta' Santu Wistin li nsibu fid-"Diskors tal-Mulej fuq il-Muntanja" kap. 1, 4,11: "Il-biża' ta' Alla jgħodd għall-umli li għalihom jingħad: Henjin il-foqra fl-ispirtu, li mhumiex minfuħa bihom infushom, mhumiex suppervi."

Peress li l-funeral tiegħu kien iċċelebrat fil-parroċċa ta' Santu Wistin tal-Belt, il-kappillan P. Saviour Grima niżżel ismu fir-reġistru parrokkjali tal-mejtin: Nazzarenu Gauci, iben Salvu u Pawla née Caruana li miet nhar it-8/2/05 fl-età ta' 93 sena."[164]

"Fra Grazzja issa qiegħed igawdi l-Mulej li tant ħabb u qeda u żgur li l-premju etern mistħoqq lilu huwa kbir, għax il-Mulej Ġesù qalilna li 'min jiċċekken jitgħolla'."[165]

"Min jiċċekken u jibża' mill-Mulej, jieħu bi ħlasu għana, ġieħ u ħajja." [Prov:22:4].




Is-santa tal-mewt ta' Fra Grazzja Gauci maħruġa mill-Provinċja Agostinjana Maltija, dik il-ħabta mmexxija minn P. Luċjan Borg.

## Il-Beatu Fra Grazzja

Ta' min isemmi li l-Kalendarju Agostinjan fis-7 ta' Novembru jiċċelebra t-tifkira tal-Beatu Fra Grazzja minn Cattaro, imwieled Mulla, villaġġ ċkejken fil-bajja pittoreska ta' Cattaro, illum Kotor fil-Montenegro, fl-1438, f'liema epoka kienet allura sottomessa għar-Repubblika ta' Venezja. Sajjied sat-tletin sena tiegħu, waqt viżta f'Venezja tul wieħed mid-diversi vjaġġi li wettaq, sema' prietka minn fomm P. Simone minn Camerino, oratur b'fama ta' qdusija, u milqut minn diskorsu, fittex li jissieħeb fl-Ordni tal-Eremiti Agostinjani li tiegħu P. Simone kien membru. Aċċettat bħala kunvers fil-kunvent ta' Monte Ortone qrib Padova, li tiegħu kien appuntat ġardinar, Fra Grazzja ma damx ma kiseb l-istima u r-rikonoxximent tal-bqija tal-membri tal-komunità għaż-żelu li kien juri f'ħidmietu. Trasferit għall-kunvent ta' San Kristofru ta' Venezja, tradizzjoni antika ssemmi li dawl misterjuż li jidher kontinwament ħiereġ miċ-ċella tiegħu, waqt li diversi mirakli kienu attribwiti lejn l-interċessjoni tiegħu. Magħruf għall-umiltà, qdusija, spirtu ta' penitenza u devozzjoni Ewkaristika, miet fuq il-gżira ta' Murano fid-9 ta' Novembru 1508 u l-fdal tiegħu jinsab meqjum fil-knisja ta' Mulla, pajjiż twelidu. Il-Papa Ljun XIII approva l-kult tiegħu fl-1889.

Kien propju għal dan l-ajk beatu, li Nazzareno Gauci rċieva l-isem reliġjuż ta' Fra Grazzja dakinhar tal-vestizzjoni tiegħu fl-1930.

## Ħsieb għall-ftuħ ta' proċess ta' beatifikazzjoni

Ftit xhur biss wara li Patri Raymond Francalanza OSA., ġie magħżul bħala Pirjol Provinċjali tal-Provinċja Agostinjana Maltija, wera x-xewqa personali tiegħu lill-Provinċja li lil Fra Grazzja jinbdielu l-proċess għall-beatifikazzjoni. Infatti, fil-Kunsill Provinċjali tas-6 ta' Awwissu 2014, huwa ressaq din ix-xewqa tiegħu li kienet approvata

b'mod unanimu mill-Kunsill fl-istess jum. Fil-minuti tal-istess Kunsill naqraw: "Fil-Kunsill Provinċjali tas-6 ta' Awwissu 2014, il-Pirjol Provinċjali, P. Raymond Francalanza OSA., għarraf lill-Kunsill li jinsab f'kuntatt mal-Postulatur tal-Ordni, P. Josef Sciberras OSA., rigward il-possibiltà ta' ftuħ ta' kawża ta' beatifikazzjoni ta' Fra Grazzja."[166] L-għada stess, il-Provinċjal ħabbar tali notifika lir-reliġjużi Agostinjani permezz ta' Ċirkulari Provinċjali li fiha naqraw:

> "F'diskussjoni li kelli xi xhur ilu mal-Postulatur Ġenerali tagħna tal-Ordni, ħuna Patri Josef, ħarġet kważi naturali x-xewqa li naraw jekk xi ħadd minn ħutna tal-Provinċja tagħna jistax ikun kandidat li 'l quddiem ikun impoġġi quddiem il-komunità Nisranija bħala dawl u xhud. Hu f'dan il-kuntest li semmejna l-isem ta' ħuna Fra Grazzja Gauci OSA li ħafna minna għall-grazzja ta' Alla għadna niftakruh sew! Ċerti li hemm oħrajn ukoll…ħutna għeżież li meta niftakru fihom nindunaw bil-virtujiet li kellhom! Il-Kunsill Provinċjali fil-laqgħa tas-6 ta' Awwissu 2014, laqa' bil-ferħ din it-talba u għalhekk bl-għajnuna ta' Alla se nibdew invaraw din il-mixja, li f'dan l-istadju hi biss possibilità u intenzjoni li nibdew il-kawża tal-beatifikazzjoni tiegħu.
>
> Jien ftit ieħor għandi nibgħat ittra formali lill-Provinċja kollha fuq din it-tema biss, għax hemm proċeduri stabbiliti li rridu nsegwu b'attenzjoni. Għalissa f'din iċ-Ċirkulari, li nista' ngħid hu, li f'dan l-istadju li nkunu rridu niġbru hija biss informazzjoni dwar il-ħajja u l-fama tal-qdusija (*fama sanctitatis*) u jekk hemm xi grazzji li jista' jkun xi ħadd irċieva (*fama signorum*). Din il-ħidma nistgħu nibdewha wara l-ittra li se nibgħat jien ftit ġimgħat oħra, anke għax hemm persuni oħra li magħhom għad irridu nitkellmu wkoll. Biex l-affarijiet ikunu koordinati sewwa, ħa nara li kull ħaġa li tinġabar, tintbagħat lili ħalli jien inkun nista' nikkordina kull tip ta' informazzjoni li

tidħol għal meta fil-futur ikun hemm il-ħtieġa li jinġabar kollox. Jien għandi nitkellem wkoll fuq dan is-suġġett mal-Pirjoli fil-laqgħa li se jkolli magħhom fi tmiem Settembru li ġej. Għandna favur tagħna, li ħuna Patri Josef bħala Postulatur Ġenerali li jista' jiggwidana ħafna fuq din il-mixja u minn hawn nirringrazzjah f'isem il-Provinċja ta' dan.

Għalija personalment, sinċerament qed nara din it-tappa (*ilha f'qalbi*) bħala mezz ta' barka li fiha, waqt li niftakru f'dan ħuna twajjeb, aħna nistgħu nsibu iktar qawwa biex b'immaġinazzjoni ġdida noħolqu triqat ġodda. Jaf ikun biss bidu u t-triq taf tkun ukoll twila, imma xi darba rridu nibdew! Issa ż-żmien li niżirgħu din iż-żerriegħa! Jien għandi tama kbira fija li jekk ilkoll kemm aħna, qabelxejn l-ewwel aħna bħala Provinċja, nitolbu b'passjoni lill-Imgħallem tal-imprevedibbli u nintelqu f'idejH b'fidi, Fra Grazzja jaf iqanqal lilna u magħna tant oħrajn biex bħalu, bis-sempliċità niggustaw il-Bxara it-Tajba u nkunu wkoll iktar xhieda fit-tenerezza u l-ħniena. Nitlobkom titolbu miegħi ħafna skont din l-intenzjoni."[167]

Minn Awwissu tal-istess sena, il-Pirjol Provinċjal għażel grupp ta' reliġjużi biex flimkien jibdew jistħarrġu kif din il-mixja tibda tieħu forma. Eman Bonnici ġie magħżul biex jibda jiġbor u jikteb il-ħajja ta' Fra Grazzja, waqt li internament beda l-istħarriġ kif wieħed seta' jibda jiġbor ukoll xhieda ta' min kien jafu (fl-Alġerija, f'Għawdex u f'Malta), ħalli dan kollu jkun miżmum għal meta fi stadju iktar tard, din il-fażi tax-xhieda tkun trid tiġi mistħarrġa b'mod uffiċċjali. Mument ieħor sabiħ 'il quddiem seħħ fis-26 ta' Frar, 2016 meta l-Prefett tal-Kongregazzjoni tal-Qaddisin, l-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Angelo Amato SDB., f'ittra datata fl-istess jum, approva t-talba tal-Postulatur Ġenerali tal-Ordni, Patri Josef Sciberras, biex is-Sede li fiha jista' jsir l-proċess, jgħaddi taħt il-ġurisdizzjoni tad-Djoċesi ta' Għawdex. Dan il-pass kien seħħ wara li f'Awwissu 2015, il-Provinċjal u l-Postulatur għamlu

talba lill-Arċisqof ta' Malta, Mons Charles J. Scicluna, biex il-proċess seta' jsir f'tali sede sforz tal-fatt li Fra Grazzja kien minn Għawdex u għaldaqstant magħruf aktar f'din il-gżira. Kien għalhekk ippjanat li fit-8 ta' Frar 2017, fil-perjodu li fih il-Provinċja Agostinjana Maltija tkun qiegħda tiċċelebra s-sena Bi-Ċentinarja mit-twaqqif tagħha, isir mument ta' talb fil-knisja ta' Santu Wistin f'Għawdex stess, li matulu tiġi ppubblikata l-ħajja tiegħu kif ukoll tinkixef pittura uffiċċjali tiegħu kkumissjonata għand l-artist Għawdxi, Manuel Farrugia.

F'Ċirkulari Provinċjali oħra datata 28 ta' April 2016, il-Provinċjal P. Raymond Francalanza niżżel imbagħad: "Il-Prefett tal-Kongregazzjoni tal-Qaddisin, l-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Angelo Amato SDB., f'ittra datata 26 ta' Frar, 2016 approva t-talba tal-Postulatur Ġenerali tagħna biex is-Sede li fiha jista' jsir l-proċess u jgħaddi taħt il-ġurisdizzjoni tad-Djoċesi ta' Għawdex. Dan - kif timmaġinaw - hu pass sabiħ ieħor ħafna u hekk kulma jmur qed noqorbu biex issa kollox jista' jinbeda b'mod uffiċċjali...Għadhom f'qalbi kuljum dak li qsamt magħkom ilkoll meta sena u nofs ilu ħabbartilkom din ix-xewqa tiegħi u tal-Kunsill…"nemmen li dan il-pass għad iġibilna grazzji kbar."[168]

Permezz ta' dawn it-tappi, kienu inkwadrati l-iżviluppi li saru fil-bidu ta' din il-mixja, sabiex hekk, fi kliem il-Provinċjal, dan ir-reliġjuż għażiż li kien "Qaddej fidil tal-Vanġelu", ikun dejjem aktar magħruf u maħbub.

L-ewwel darba li pubblikament ingħata tagħrif dwar dan il-ħsieb kien fir-rivista interna tal-Provinċja "Ħolqa Bejnietna" fil-ħarġa ta' Novembru-Diċembru 2014 meta fl-editorjal, miktub minn P. Raphael Abdilla tniżżel: "Il-Provinċja għoġobha tpoġġi quddiemna lil ħuna Fra Grazzja Gauci OSA biex filwaqt li niftakru fih inħalluh idawwal is-sejħa tagħna bid-dawl tas-sempliċità tiegħu. F'din il-ħarġa ser nagħmlu memorja tal-aħbar tal-mewt ta' dan ħuna, u fl-isfond ta' dan kollu, ser naraw il-ħidma li ssir fiċ-ċirkustanzi bħal dawn meta xi ħadd jitressaq biex jinbeda l-proċess għall-qdusija. Kull min kellu kuntatt ma' Fra Grazzja, seta' diġà jħoss dak li issa qegħdin nippruvaw nilmħu

fih."[169] F'paġni 14 u 15 tal-istess ħarġa kien ippreżentat kif spjegat in-nekroloġju Provinċjali miktub kważi għaxar snin qabel taħt it-titlu: "Fra Grazzja Gauci: xhieda ta' ħajja sempliċi, karitattiva u umli."

P. Peter Paul Cachia, fil-ktieb tiegħu "*Santu Wistin: 350 Sena mit-Twaqqif tal-Knisja fir-Rabat, Għawdex*" maħruġ f'Ottubru 2016, niżżel imbagħad: "Wieħed mill-ewwel pijunieri li mar f'din il-Missjoni ta' Ippona kien Fra Grazzja Gauci mill-Għarb, magħruf ħafna għas-sempliċità, umiltà u servizz iddedikat lill-ħajja reliġjuża u lill-knisja. Illum il-Provinċja Agostinjana Maltija tagħraf it-tjubija ta' dan il-bniedem u tippromovih bħala bniedem eżemplari għall-aħwa fil-provinċja."[170]

## Għeluq

Fid-dawl tas-suġġeriment miktub minn P. van der Weijden fir-rapport tiegħu "*Pro Memoria riguardo alla situazione degli Agostiniani in Algeria*" tal-1966 niżżel b'suġġeriment il-ħtieġa li: "*Si formi una Comunità pienamente coerente ed unita, affinché possa rendere testimonianza del nostro spirito Agostiniano e dare tutto l'appoggio morale di cui i singoli Confratelli avranno più che mai bisogno*"[171] waqt li P. Ugolin Gatt fir-rivista Santa Rita fil-ħarġa ta' Mejju-Ġunju 1983 kiteb: "Il-Missjoni tagħna [fl-Alġerija] nbidlet...minn waħda stabbli u marbuta mal-post fejn kienet saret waħda li tmur kull fejn ikun meħtieġ...Sadanittant fil-bażilika baqgħu jsiru l-ħidmiet tas-soltu, fosthom dawk ekumeniċi, għax huma laqgħat reliġjużi ta' nies ta' reliġjon differenti. Fi ftit kliem, il-pastorali li qegħdin jagħmlu l-patrijiet tagħna hija waħda li taqbel ma' dik tal-Konċilju Vatikan II."[172] Fl-istess ħarġa bħala introduzzjoni tniżżel: "Darba Paul Claudel kiteb: 'Hawn pajjiżi li jistednuk biex tagħraf u tħoss il-preżenza ta' dak li hu inviżibbli, ta' dak li ma tistax tara b'għajnejk'. Wieħed minn dawn hija Ippona Regia, bil-famuża storja tagħha u bit-tifkira ta' Santu Wistin,

imma xejn anqas bil-ġmiel tal-muntanja li fuqha hemm mibnija l-bażilika ddedikata lil dak il-Qaddis. L-istorja ta' Ippona li fid-29 ta' Marzu 1900 rat titwieled fuq dik il-muntanja l-bażilika attwali, hija storja 'ta' ġabra u ta' talb, u fil-ġabra u fit-talb, hi storja ta' xogħol'. Fuq dik il-muntanja, imbewsa bir-raġġi tax-xemx u mnaddfa bl-ilma tax-xtiewi qliel li jgħaddu minn fuqha, kollox huwa talb, talb li jqiegħdek quddiem il-preżenza tal-Mulej. Kollox hemm fiha li jġagħlek taħdem b'moħħok jew b'idejk. Kollox: l-għoli stess tal-post, is-siġar taż-żebbuġ, l-għana melodjuż tal-għasafar, l-arti, il-liturġija, saħansitra l-imħabba li biha s-Sorijiet iduru bix-xjuħ mingħajr familja u x-xogħol varjat tal-Patrijiet Agostinjani. Din il-muntanja hija l-wirt ta' Santu Wistin, il-bniedem straordinarjament kbir fil-ġabra, fit-talb, fix-xogħol!".[173] Dan l-imkejjen, li laqa' fih u rawwem jew kompla sawwar lill-ajk tagħna fil-qdusija, illum għadu xhieda awtentika tal-ekumeniżmu fi ħdan il-Knisja mill-qabża li għamel wara l-Konċilju. U l-ajk li fih għammar għal tnejn u erbgħin sena, li fl-età venerabbli li għex kellu tbissima dejjem lesta għal kulħadd u kien ħabib tal-ġabra tas-skiet, illum quddiem dinja mdemmija b'demm ta' vittmi innoċenti, nitolbuh jidħol għalina minn dak il-lok "li jistedinna nagħrfu dak li huwa inviżibbli; dak li ma nistgħux naraw b'għajnejna" u jżomm preżenti dejjem fil-karattri tagħna l-umiltà li għaraf iħaddan u naslu tassew biex naraw l-ekumeniżmu jitwettaq bejn il-Knejjes u hekk jitwettaq kliem is-Salmista: "Tbiegħed mill-ħażen u agħmel it-tajjeb, fittex is-sliem u imxi warajh." [S:34:15]




**Il-firma ta' Fra Grazzja - fis-seklu Nazzareno - kif miġjuba fuq il-karta tal-identità tiegħu.**

## Noti

1. Imwieled l-Għarb minn Luigi u Marianna xebba Cauchi, Dun Salv Portelli kien ġej minn familja ta' qassisin, infatti kellu erba' ħutu saċerdoti djoċesani bħalu. Figura dinamika fir-raħal ta' San Lawrenz flimkien ma' ħuh Dun Piju, jingħad li l-awtur Ingliż Nicholas Monsarrat (1910 - 1979), li għal xi żmien kien joqgħod propju fir-raħal ta' San Lawrenz fejn illum hemm triq li ġġib ismu, ibbaża l-karattru tal-personaġġ famuż tiegħu *The Kappillan of Malta* propju fuq Dun Salv. Il-ktieb kien ippubblikat għall-ewwel darba fl-1973 u minn dakinhar kien suġġett ta' edizzjonijiet u traduzzjonijiet diversi. Dun Salv kellu parrokat twil ta' 44 sena: mit-twaqqif tal-parroċċa sa mewtu li ġrat fil-5 ta' Novembru 1937 fl-età ta' 73 sena. Tul il-parrokat tiegħu kien assistit fost l-oħrajn minn ħuh Dun Piju, li mhux biss kien l-id il-leminija ta' ħuh, imma kien saħansitra strumentali f'diversi proġetti għall-benefiċċju tal-lokalità u n-nies tal-post, fosthom permezz tal-kostruzzjoni ta' Triq id-Duluri, imsejħa xi drabi bħala "t-Triq il-Ġdida" u l-assenjazzjoni tad-djar li sorġew fiha għan-nies tal-post u tal-bini taċ-Ċentru Parrokkjali. Residenti magħhom, Dun Salv u Dun Piju kellhom ukoll fost l-oħrajn ħuhom ieħor, Dun Grezz, f'dik li llum isservi bħala d-dar tal-kappillan, li wkoll assista f'diversi proġetti għall-benefiċċju tal-post u serva bħala prokuratur tal-parroċċa. Iż-żewġ ħuthom l-oħra qassisin kienu Dun Ġużepp u Dun Karm, li mietu t-tnejn bid-dinjità ta' membri kapitulari tal-Kapitlu tal-Katidral tal-Assunta tad-Djoċesi ta' Għawdex. Filwaqt li Dun Ġużepp kien għal 33 sena, rettur tas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu, matul liema perjodu sorġiet il-bażilika li naraw illum, Dun Karm kien vigarju kurat Għajnsielem, il-Qala u s-Sannat u għal 42 sena, Arċipriet tal-Kolleġġjata Matriċi tal-Għarb. Dun Ġużepp miet ta' 68 sena fis-7 ta' Marzu 1949; Dun Karm ta' 78 sena fit-30 ta' Ġunju 1956; Dun Piju ta' 93 sena fl-10 ta' Diċembru 1967 u Dun Grazio ta' 92 sena fit-12 ta' April 1981. Midfuna oriġinarjament ilkoll kemm huma f'qabar wieħed fil-Kappella taċ-Ċimiterju taż-Żejt fir-raħal tal-Għarb, fis-16 ta' Ġunju 2008, il-fdal ta' Dun Ġużepp kien ittrasportat lejn il-Bażilika Ta' Pinu, biex issieħeb hekk ma' dak ta' Karmni Grima, Franġisku Portelli u Franġisku Saverju Mercieca, magħruf aħjar bħala "Frenċ tal-Għarb" bħala pijunier, flimkien mat-tlieta l-oħra, fit-twaqqif u l-iżvilupp ta' dan is-santwarju devot.
2. Arkivju Parroċċa San Lawrenz, Għawdex: *Liber Matrimoniorum*, vol. 1, reg. 11.
3. Arkivju Parroċċa San Lawrenz, Għawdex: *Liber Mortuorum*, vol 1, reg. 34.
4. *Ibid.* reg. 53.
5. It-trabi tal-koppja li mietu żgħar indifnu kif naraw fl-ewwel volum tal-*Liber Defunctorum* tal-Parroċċa ta' San Lawrenz, fil-knisja parrokkjali nfisha. Meta l-paviment ta' din l-aħħar inkesa bl-irħam, l-oqbra tal-knisja tbattlu u l-fdal kien ittrasportat f'wieħed mill-ossarji taċ-Ċimiterju taż-Żejt ġewwa l-Għarb. Peress li dan iċ-ċimiterju huwa tal-parroċċa tal-Għarb, in-nies ta' San Lawrenz kienet tindifen f'sezzjoni riservata għaliha li kienet u għadha ta' din il-parroċċa ta' San Lawrenz. Meta d-dfin waqaf mill-knisja parrokkjali ta' dan l-aħħar, in-nies tal-

post bdiet tidfen fil-qatgħa riservata għaliha f'Taż-Żejt sakemm eventwalment f'dawn l-aħħar snin, bniet ċimiterju għaliha f'tarf ir-raħal, bil-fdal tal-parruċċani trasferit din id-darba għal dan il-kampusant.

6. Mill-Arkivji Nazzjonali tar-Rabat ta' Malta, nafu li Luigi Gauci applika biex jinħariġlu passaport sabiex iseħħlu jemigra lejn l-Awstralja bil-għan li "jikseb impjieg bħala bidwi." L-applikazzjoni mlihielu zijuh, Dun Lawrenz Gauci, ħu missieru, fil-31 ta' Ottubru 1922 u ġġib in-numru 2231. Sal-pubblikazzjoni ta' dan il-ktieb, dwar Luigi ma setax jinstab aktar tagħrif u Carmela Cauchi, li x-xhieda tagħha tidher f'dan il-ktieb, bint prima kuġina ta' Fra Grazzja u l-parentela waħdana ta' dan l-aħħar li setgħet tinstab, stqarret li ma kellha ebda tagħrif dwar jekk Luigi qattx iżżewweġ u eventwalment x'ġara minnu. Nafu iżda li għal xi żmien, Ġużeppi kien ukoll l-Awstralja u għaldaqstant għandna nifhmu li mar ingħaqad ma' ħuh wara li dan sab l-impjieg tiegħu fil-kontinent.
7. Marjanna mietet fl-Isptar Ġenerali Craig fir-Rabat, Għawdex, fid-data msemmija fis-sitta neqsin kwart ta' filgħodu u ndifnet l-għada fiċ-Ċimiterju taż-Żejt tal-Parroċċa tal-Għarb fil-qabar numru 40A, kif niżżel il-Kanonku Dun Michael Attard, dik il-ħabta arċipriet tal-parroċċa, fil-*Liber Septimus Mortuorum* (1939 - 1989), p. 261, reg. 776.
8. Ġużeppi miet ukoll fl-Isptar Ġenerali Craig fid-data mogħtija fid-9 ta' filgħodu u ndifen jumejn wara fil-qabar ta' maġenb dak li fih indifnet oħtu fil-komun tal-parroċċa f'Taż-Żejt numru 39A, kif niżżel għal darb'oħra l-istess Arċipriet Cauchi fl-istess volum mogħti fir-referenza preċedenti, p. 286, reg. 850.
9. It-traskrizzjoni fuq il-plakka taqra kif ġej:

F'DIN IL-BINJA FI TRIQ IL-KNISJA
WARA S-SENA 1774
BDIET L-EWWEL SKOLA TA' L-GĦARB
BL-INTERESS
TAL-KAPITLU TAL-KOLLEĠĠJATA TAL-GĦARB
TGĦALLMU FIHA
ULIED DAN IR-RAĦAL
SAS-SENA 1859
META NFETĦET L-EWWEL SKOLA TAL-GVERN

KUNSILL LOKALI GĦARB
27 TA' MARZU 1996

10. Il-*Catalogus Ordinis Sancti Agostini (O.S.A.)*, maħruġa mill-Kurja Ġeneralizja Agostinjana, f'kull edizzjoni li fiha niżżlet id-dati tat-twelid tal-membri tagħha, irreferiet għal dik ta' Fra Grazzja bħala l-10 ta' Frar 1911. L-istess jagħmlu n-nekroloġiji Provinċjali bil-Malti u bit-Taljan maħruġa fi Frar 2005 fl-okkażjoni tal-mewt ta' tiegħu, kif ukoll l-apprezzament li deher fir-rivista Agostinjana "Santa Rita" fil-ħarġa ta' Marzu-April tal-istess sena, jagħtu d-data tat-twelid l-"10 ta' Frar". P. Ferdinand Xuereb OSA., fil-"*Bibljografija tar-Reliġjużi Agostinjani Maltin*" (*pro ms.*), 1976, p. 72, jagħti wkoll id-data tat-twelid ta' Fra Grazzja bħala

l-10 ta' Frar kif bħalu jagħmel P. Serafin Borg OSA., fil-ktieb tiegħu *Reliġjużi Agostinjani Għawdxin* (1996), p. 93. Gauci iżda twieled ġurnata qabel, kif jixhdu l-*Liber Baptizatorum* tal-Parroċċa tal-Għarb u l-karta tal-identità tiegħu bin-numru 0012911G.

11. Imwieled l-Għasri, iben Anton u Carmela xebba Debrincat, Dun Ġuzepp Grech kien neputi tal-Arċipriet tal-Għarb, Dun Franġisk Saverju Debrincat, li trabba miegħu sa minn ċkunitu. Għalkemm xtaq jissieħeb mar-reliġjużi, tant li kien diġà daħal f'kunvent, zijuh ma ridux jissokta f'tali triq u xtaqu minflok jidħol mal-kleru djoċesan. Wara l-ordinazzjoni tiegħu, peress li l-arċipriet kien iħobb imur jistrieħ id-Dwejra, Dun Ġużepp kien imexxi l-parroċċa fl-assenza ta' zijuh u kien aktarx għalhekk li seħħlu jkun hu li għammed lill-futur Fra Grazzja. Apparti l-uffiċċju ta' viċi parroku tal-Parroċċa tal-Għarb, Grech qeda wkoll fost l-oħrajn l-uffiċċji ta' prokuratur tal-istess knisja parrokkjali u tal-kappella ta' San Dimitri, konfessur tal-irġiel u rettur mill-15 ta' Ottubru 1897 sal-11 ta' Marzu 1914, tal-kappella tal-Viżitazzjoni, popolarment magħrufa bħala "Taż-Żejt", l-ewwel knisja li serviet bħala parroċċa fil-Punent tal-gżira Għawdxija, li llum tifforma parti miċ-Ċimiterju tal-Għarb. Kanonku Teologu tal-Kapitlu tal-Bażilika tal-Għarb bejn l-1893 u mewtu, li ġrat fit-30 t'April 1956, minkejja li kellu l-età ta' 85 sena, il-mewt fid-dar tiegħu fl-Għarb jidher li kienet waħda għal għarrieda, dan għaliex, l-Arċipriet tal-Għarb ta' dik il-ħabta, Mons. Giuseppe Borg niżżel fir-reġistri parrokkjali li "*morte correptus repentina fuit.*" Dun Ġużepp ġie midfun fl-Kappella taż-Żejt, li darba tagħha kien rettur, fil-qabar numru 4, Sezzjoni A, riservat għas-saċerdoti.
12. Arkivju Parroċċa Għarb, Għawdex: *Liber Baptizatorum*, vol. 5 (1885-1914), p. 228. Nota: meta Żaren ipprofessa fi ħdan l-Ordni Agostinjan, kif inhija prassi, l-Arċipriet tal-Kolleġġjata ta' raħal twelidu żied biswit ir-reġistrazzjoni tal-magħmudija tiegħu: "*Professionem religiosam emisit in O. E. S. Augustini in Basilica Hipponensi S. Augustini die 15 Augusti 1937 sub nomine 'Fra Grazia'.*"
13. Arkivju Djoċesan, Għawdex: Fajl Lorenzo Gauci. Ma' din l-ittra ta' rakkomandazzjoni nsibu erbgħa oħra miktuba mill-istess Dun Salv li jġibu d-dati 18 ta' Novembru 1900, 17 ta' Novembru 1901, 13 ta' Novembru 1902 u 13 ta' Novembru 1904, li prattikament iġibu l-istess diskors, jiġifieri li Lawrenz kien żagħżugħ eżemplari, kien jitqarben ta' spiss, jassisti fil-liturġija, jakkumpanja fil-Vjatku u jgħallem il-katekiżmu lit-tfal. Il-fajl jinkludi wkoll talba formali magħmula mill-istess ġuvnott lill-Isqof t'Għawdex sabiex ipoġġi għall-eżami li permezz tiegħu minn student estern tal-ewwel klassi tal-kors Klassiku jidħol bħala intern (mhux datata); żewġ suppliki; kopja u estratt ta' dokument indikat li jinsab konservat fl-istess Kurja Djoċesana kumpilat mill-kanċillier ta' dan l-aħħar li fih jikteb lil Mons. Giovanni M. Camilleri OSA., isqof tad-djoċesi, dwar iż-żagħżugħ u x-xewqa tiegħu li jħaddan l-istat ekkleżjastiku, li fihom hemm aċċenn għar-rakkomandazzjoni tal-Kappillan Portelli, b'nota miżjuda fuq waħda minnhom mill-istess kanċillier li ssemmi li Lorenzo kien ammess is-seminarju fit-18 ta' Ottubru 1894; estratt mill-Arkivju Sigriet tal-istess Kurja Djoċesana datat 7 ta'

Marzu 1904, miktub bil-Latin mill-Kanċillier Dun Lawrenz Cutajar tas-supplika mibgħuta Ruma lill-Kardinal Vincenzo Vannutelli, dik il-ħabta Prefett tas-Sagra Kongregazzjoni Konċiljari (illum il-Kongregazzjoni għall-Kleru), li tippreżenta liż-żagħżugħ għall-ordni sagri; u t-tnidijiet maħruġa qabel l-għotja tas-sagrament imsemmi maħruġa mill-istess kurja fil-25 ta' Novembru 1904, indirizzata lill-Kappillan ta' San Lawrenz; oħra datata 28 ta' Novembru 1906 lill-Arċipriet tal-Għarb; tweġiba pożittiva li turi li l-ebda impediment ma' kien ippreżentat lill-kappillan ta' San Lawrenz, mibgħuta minn dan tal-aħħar lill-Kanċillier fis-17 ta' Diċembru 1906. Meta Lorenzo kien irċieva diġà d-djakonat, awl l-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu, il-kurja reġgħet bagħtet mill-ġdid it-tnidijiet lill-kappillan ta' San Lawrenz permezz tal-Kanċillier Mons. Giuseppe Farrugia fit-23 ta' Novembru , li għalihom reġa' wieġeb pożittivament mill-ġdid Dun Salv fl-1 ta' Diċembru tal-istess sena. Fl-aħħar nett il-fajl jinkludi wkoll lista tal-beni li Gauci kellu favur tiegħu, kumpilata mill-Kanċillier Dun Lorenzo Cutajar, bil-patrimonju jlaħħaq s-sitt Liri, 13-il xelin u ħames soldi.

14. Arkivju Parroċċa San Lawrenz, Għawdex: *Liber Mortuorum*, vol. 1, p. 237, reg. 708.
15. Dun Ġużepp Cauchi twieled San Lawrenz fit-8 ta' Settembru 1900 u kien ordnat saċerdot fit-18 ta' Settembru 1927. Ġarrab ħafna matul il-ministeru tiegħu, tant li kien miżmum milli jeżerċita s-sagramenti, u fl-umiltà tiegħu, kien jersaq għat-tqarbin mal-bqija tal-poplu. Aċċetta l-istat tiegħu b'mod edifikanti u ma rribella qatt kontra s-superjuri tiegħu. Kitbietu jixhdu l-ispiritwalità kbira li kien iħaddan. Miet wara marda qasira f'raħal twelidu, assisit mill-kappillan tal-post, Dun Girgor Vella, ftit wara li rċieva żjara mingħand l-Isqof Giuseppe Pace. Is-saċerdot l-ieħor li flimkien ma' Dun Ġużepp u Dun Lawrenz kien midfun fl-istess qabar f'Taż-Żejt, Dun Karm Mizzi, twieled fis-16 ta' Awwissu 1891, ordna saċerdot fil-21 ta' Diċembru 1918, u kien fost l-oħrajn, kappillan tal-Isptar Ċentrali ta' Għawdex.
16. Dawn it-tliet qassisin ma kinux il-waħdana mill-paroċċa ta' San Lawrenz li ndifnu fl-oqbra tal-kleru fil-Kappella taż-Żejt. L-oħrajn kienu wkoll trasferiti lejn iċ-Ċimiterju ta' San Lawrenz, bid-differenza iżda li d-difna tagħhom saret fl-oqbra tal-familji rispettivi tagħhom u mhux f'dak riservat għall-membri tal-kleru tal-parroċċa.
17. Arkivju Provinċjali Valletta (APASM), Fajl Fra Grazzja Gauci: Ċirkulari Provinċjali 2005/2, "B'tifkira għażiża ta' Fra. Grazzja Gauci", maħruġa fil-15.02.2005 mill-Provinċjal P. Luċjan Borg.
18. *Curriculum Vitæ* Fra Grazzja Gauci: "Qabel il-Dħul fl-Ordni", p. 1. Nota: F'xhieda mogħtija *viva voce* lil P. Joseph Zammit OSA., Mons. Ġużeppi Gauci, tal-Kapitlu tal-Katidral tal-Assunta t'Għawdex, semma li ta' tifel, Żaren kien jattendi wkoll għal xi lezzjonijiet privati mogħtija minn missieru Vitor, li dik il-ħabta kien surmast tal-iskola primarja tal-Għarb.
19. Fin-nekroloġiji miktuba minn P. Luċjan Borg fl-okkażjoni tal-mewt ta' Fra Grazzja fl-2005 insibu mniżżel li fl-1925 Żaren daħal bħala oblat fi ħdan l-Ordni Agostinjan. Minkejja li din hija s-sena li dejjem tniżżlet bħala dik tad-dħul

tiegħu fl-Ordni, ir-reġistri konservati fl-arkivju tal-kunvent ta' Santu Wistin tar-Rabat, Għawdex, ma jagħtu l-ebda ħjiel dwar Fra Grazzja f'din l-epoka. Fl-*Esito Ordinario e Straordinario 1922-1934* f'Mejju 1925, (No EOE 27), f'Awwissu tal-istess sena, (No EOE 27), u f'Novembru (No PRO 36) ismu ma jissemmiex, u dan jista' jkun iġġustifikat għall-fatt li f'dik is-sena Gauci ssieħeb biss fl-Ordni bħala oblat u għaldaqstant ma kienx jifforma parti minn komunità residenti f'kunvent. Lanqas iżda ma nsibu ismu taħt il-lista tal-membri mniżżla f'ittra ċirkulari miktuba mill-Provinċjal P. Wistin Filipp Cascun fit-19 ta' Marzu 1929 (No D 273), li bħala kunversi ssemmi lil Fra Ġorġ Mizzi u Fra Guliermu Cachia u lanqas f'ittra miktuba mis-segretarju provinċjali P. Adeodato Schembri fis-26 ta' April tal-istess sena (No D 274) u fid-*Diario Agostiniano: Memorie del Convento del Gozo, Anno Domini 1923* (No PRE 19), miktub minn P. Antonino M. German. L-uniku ħjiel li jitkellem dwar id-dħul tiegħu fl-Ordni bħala kunvers u mhux bħala Oblat insibuha fl-Arkivju tal-Provinċja Agostinjana ta' San Mark fil-Belt Valletta (APASM), f'*L'Ordine Agostiniano di Malta e Gozo, vol. XII (1928-1931), 1929, p. 120*, miktub minn P. Emanuele Letard, liema ċitazzjoni nġiebet fil-mod sħiħ tagħha aktar 'il fuq.

Fil-monakeżimu Kristjan, li jinkludi allura dak Kattoliku, Ortodoss, Anglikan u Metodist, it-terminu oblat - parteċipju passat tal-verb *offero* - huwa dak il-bniedem lajk jew saċerdot djoċesan li jissieħeb f'komunità reliġjuża jew monastika tal-għażla tiegħu mingħajr ma jintrabat b'xi tip ta' professjoni, iżda jagħmel minflok wegħda formali u privata li jgħix ir-Regola tal-Ordni rispettiv li jħaddan fil-ħajja privata tiegħu. L-oblati għaldaqstant ma jfissirx li huma xi tip ta' Ordni separat għalihom iżda sempliċement fergħa estiża mill-komunità tal-Ordni rispettiv. Mhux kull Ordni għandu l-oblati tiegħu; diversi Ordnijiet għandhom imbagħad l-hekk imsejħa terzjarji, li filwaqt li jissuktaw bil-ħajja miżżewġa jew saċerdotali tagħhom, bħala msieħba fit-Tielet Ordni jieħdu sehem fl-opri tajba tal-Ordni tagħhom. Maż-żmien it-terminu oblat u kunvers bdew jintużaw b'mod indifferenti u b'xi ftit taħwid ukoll. Dan wassal biex fi żminijiet moderni, l-oblat ħa sinifikat ta' kunvers. Illum il-ġurnata, il-kostituzzjonijiet attwali reġgħu ħadu s-sinifikat fir-rispett tal-oriġini, jiġifieri li "oblat" huwa dak offrut, marbut ma' komunità b'ubbidjenza lejn il-pirjol, filwaqt li l-kunvers jipprofessa l-istess professjoni bħall-bqija tal-patrijiet. Għal aktar tagħrif ara *Dizionario degli Istituti di Perfezione* (1980), ta' P. Giancarlo Rocca SSP., pp. 560-578 u 654-676.

20. Arkivju Djoċesan Għawdex: Fajl Nazzareno Gauci.
21. *Ibid.*
22. Letard, Emanuele (1930), *L'Ordine Agostiniano di Malta e Gozo, vol. XII (1928-1931), 1930, p. 24.*
23. Ftit aktar minn mitt sena qablu, ċertu Mikelanġ Abela, ġuvni ta' għoxrin sena mill-istess raħal - għalkemm it-twelid tiegħu f'dan il-lok kien wieħed każwali - issieħeb bħal Żaren Gauci mal-Agostinjani, iżda milqut minn marda qalila, miet fil-21 ta' Settembru 1821 ġimgħa qabel ma kellu jagħlaq it-tlieta u għoxrin sena tiegħu, waqt li kien miexi fi triqtu lejn is-saċerdozju. Għal aktar tagħrif ara: Borg, Serafin

(2004), *Agostinjani Għawdxin tul iż-żmien: Min kienu? Għaliex jistħoqqilhom li ma jintesewx?*, pp. 7, 8.

24. (APASM), Fajl Fra Grazzja Gauci: Ċirkulari Provinċjali 2005/2.
25. Is-snin mogħtija f'sorsi differenti għal xi raġuni ma jaqblux: fin-nekroloġju bit-Taljan, il-Provinċjal P. Luċjan Borg niżżel li Gauci għamel in-novizzjat fl-1933 waqt li f'dak bil-Malti jagħti s-sena bħala 1929. F'dan tal-aħħar iżid jgħid li għamel il-professjoni sempliċi fl-1933. Filwaqt li din l-aħħar sena hija ċertament żbaljata bis-sena propja tkun l-1934, liema data hija kkonfermata permezz tad-delega Provinċjali għall-professjoni tiegħu u l-iskritt ta' dan tal-aħħar innifisha, l-ewwel snin ta' Gauci fl-Ordni jkomplu jvarjaw fil-*Curriculum Vitæ* tiegħu li fih jagħti s-sena tad-dħul fl-Ordni l-1929, dik tan-novizzjat 1932 u tal-professjoni solenni bħala l-1933. B'danakollu l-kaligrafija mhijiex dik ta' Fra Grazzja u min ħa ħsieb jimlihielu aktarx niżżel is-snin fuq dak li qallu Fra Grazzja *viva voce* minn moħħu. Lanqas is-snin tal-assenjazzjonijiet fil-kunventi ma jaqblu, għax filwaqt li fil-CV hemm imniżżel li fl-1934 kien il-Belt, il-professjoni sempliċi Fra Grazzja għamilha Għawdex meta kien assenjat mal-kunvent ta' Santu Wistin tar-Rabat. P. Ferdinand Xuereb OSA., fil-"Bibljografija tar-Reliġjużi Agostinjani Maltin" (*pro ms.*), 1976, p. 72, jindika s-sena tan-novizzjat 1929.
26. Sew id-dati tat-twelid kif ukoll tal-magħmudija u s-sena li fihom seħħu mhumiex korretti.
27. Arkivju Kunvent Santu Wistin, Għawdex: *Libro delle Proposte*, p. 40.
28. (APASM), Fajl Alġerija 1932-39, 1940-49, 1960-69.
29. *Ibid.*
30. Borg, Serafin (2004), *Agostinjani Għawdxin tul iż-żmien: Min kienu? Għaliex jistħoqqilhom li ma jintesewx?*, pp. 64, 65.
31. Illum tħaddan fiha għoxrin elf ktieb.
32. Fil-lista "Tagħrif dwar il-Patrijiet Agostinjani Maltin fl-Afrika ta' Fuq" kumpilata fit-28.11.1975 u konservata fl-(APASM), Fajl Alġerija 1932-39, 1940-49, 1960-69, insibu mniżżel li fl-1937 mar Bona Fra Wistin Caruana u dam "x'aktarx dam 3 snin." Dan ifisser li minn dakinhar Fra Grazzja kien l-uniku ajk preżenti fil-post kif naraw mill-*Familia Conventus* tas-snin li segwew. Fra Grazzja applika għall-passaport tiegħu fil-31 ta' Ottubru 1934, bl-applikazzjoni sal-lum konservata fl-Arkivji Nazzjonali fir-Rabat (nru 13883), li ħa ħsieb jimlielu P. Gundisalv Micallef OSA. Anki fuq tali applikazzjoni d-data ta' twelidu hija mmarkata bħala l-10 ta' Frar. Tali żbalji fil-parti l-kbira kienu jsiru sforz tal-fatt li dari t-trabi kienu fil-parti l-kbira jiġu rreġistrati fid-data tal-magħmudija tagħhom u mhux f'dik tat-twelid, madankollu dan mhuwiex il-każ ta' Fra Grazzja u tiegħu jibqa' żball li baqa' jiġi ripetut prattikament f'kull nota li fiha hemm imniżżel jum it-twelid tiegħu, għaliex il-magħmudija tiegħu saret fl-istess jum li twieled. Aktarx li ismu fiċ-ċivil tniżżel allura l-għada tat-twelid u tal-magħmudija tiegħu u min ħa ħsieb iżidu, bi żvista niżżel id-data tat-twelid tiegħu bħala l-10 ta' Frar kif spiss kien jiġri f'tali reġistrazzjonijiet.
33. (APASM), Fajl Alġerija 1932-39, 1940-49, 1960-69.

34. Waqt li dari l-bażilika kienet tinfetaħ kuljum, illum tkun magħluqa nhar ta' Sibt, peress li tmiem il-ġimgħa fl-Alġerija jaħbat il-Ġimgħa u s-Sibt. Sa Lulju 2007 tmiem il-ġimgħa kien jinżamm bejn il-Ħamis u l-Ġimgħa iżda din il-prattika ġiet mibdula permezz tad-"décret exécutif n°09-244 du 22 juillet 2009, modifiant le décret exécutif n°97-59 du 09 mars 1997" maħruġ mis-*Secrétariat Général du Gouvernement, Algérie*. Fil-ġranet l-oħra l-bażilika tiftaħ mid-9 am sal-11.30 am u mis-2.30 pm sal-4.30 pm.
35. (APASM), Fajl Fra Grazzja Gauci: Ċirkulari Provinċjali 2005/2.
36. Chetcuti, Bonaventura (19.03.2005), "Apprezzament: Fra Grazzja M. Gauci O.S.A.", *Leħen is-Sewwa*, p. 10.
37. (APASM), Fajl Fra Grazzja Gauci: Ċirkulari Provinċjali 2005/2.
38. *Ibid*.
39. (APASM), Fajl Fra Grazzja Gauci: Fra Grazia Gauci. 10-02-1911 – 08-02-2005.
40. *Ibid*.
41. Chetcuti, Bonaventura (19.03.2005), "Apprezzament: Fra Grazzja M. Gauci O.S.A.", *Leħen is-Sewwa*, p. 10.
42. *Ibid*.
43. *Ibid*.
44. *Ibid*.
45. *Ibid*.
46. P. Luċjan Borg fin-nekroloġju bit-Taljan dwar l-ajk tagħna "Fra Grazia Gauci. 10-02-1911 – 08-02-2005", jagħti s-sena tal-viżta tan-Nunzju bħala 1954. Ir-rivista "*Pax Concordia*" maħruġa mill-Knisja Kattolika fl-Alġerija fil-ħarġa nru. 14 ta' Diċembru 2013 tindika iżda s-sena bħala 1950 fl-artiklu "*Le cardinal Duval et le concile Vatican II*", p. 6. Konfermazzjoni li din is-sena hija korretta nsibuha fil-ktieb "*John XXIII: The Medicine of Mercy*" (2014), ta' Massimo Faggioli, p. 88 u f'"*Lettere ai familiari: 1901-1962*", vol. II, (1968), Loris Francesco Capovilla (edi.), sensiela ta' ittri miktuba mill-istess Mons. Roncalli matul is-snin imsemmija fosthom l-ittri nru. 543. "*Alla nipote Anna Roncalli*" mibgħuta minn Pariġi fil-15 ta' Marzu 1950 u nru. 546. "Alla famiglia", mibgħuta mill-istess kapitali Franċiża fid-29 ta' April tal-istess sena. F'"*Mid-Djarju Tiegħi Missjunarju*", sensiela ta' artikli qosra ppubblikati fir-rivista 'Santa Rita' bejn l-1965 u l-1968, P. Bonaventura jgħid li Mons. Roncalli wettaq din iż-żjara tiegħu f'Marzu 1950 u dam għandhom għaxart ijiem. Min-naħa tiegħu, Mons. Roncalli kiteb dwar l-esperjenzi tiegħu fl-Alġerija sew bit-Taljan kif ukoll bil-Franċiż, l-ewwel waħda fl-*agende* tal-perjodu tiegħu fi Franza, konservati fil-'*Fondo Papa Giovanni XXIII* fi ħdan il-*Fondazione Papa Giovanni XXIII* f'Bergamo bid-data 30 ta' Marzu 1950 (p. 195), u t-tieni fil-ktieb tiegħu "*Souvenirs d'un nonce*" pp. 95, 96. Fid-djarju msemmi bit-Taljan, jagħmel referenza għall-Pontifikal Solenni li mexxa fil-Bażilika ta' Santu Wistin waqt li barra kienet qiegħda traxxax 'xita benefiċenti u mbierka' u għall-pranzu li rċieva għand l-Agostinjani fejn għadda l-lejl u fejn kienu residenti erba' Maltin '*un po' stracciatelle*' - aġġettiv partikolari, dovut forsi għad-dehra tagħhom - u jfaħħar lis-superjur, P. Mikiel Mizzi bħala bniedem '*tutto dinamico e buono*'.

Fit-test Frančiż iżda ma jsemmi xejn dwar l-Agostinjani u jgħid biss fil-qosor li qaddes fil-Bażilika ta' Santu Wistin ta' Bona. (Ħajr lill-Kardinal Loris F. Capovilla li fuq suġġeriment tiegħu, il-Fundazzjoni msemmija għaddietli dan il-materjal b'rabta maż-żjara ta' Mons. Roncalli fl-Alġerija).

47. (APASM), Fajl Fra Grazzja Gauci: Fra Grazia Gauci. 10-02-1911 – 08-02-2005.
48. Chetcuti, Bonaventura (19.03.2005), "Apprezzament: Fra Grazzja M. Gauci O.S.A.", *Leħen is-Sewwa*, p. 10.
49. (APASM), Fajl Fra Grazzja Gauci: Ċirkulari Provinċjali 2005/2.
50. (APASM), Fajl Fra Grazzja Gauci: Fra Grazia Gauci. 10-02-1911 – 08-02-2005.
51. (APASM), Fajl Fra Grazzja Gauci: Ċirkulari Provinċjali 2005/2.
52. Xhieda ta' P. Peter Paul Cachia OSA., mibgħuta lill-awtur.
53. *Ibid.*
54. Ix-xhieda dwar Fra Stiefnu Fenech ġiet mgħoddija *viva voce* minn P. Ġorġ Bezzina OSA., lill-awtur.
55. Xhieda ta' P. Luċjan Borg OSA., mibgħuta lill-awtur.
56. *Ibid.*
57. *Ibid.*
58. *Ibid.*
59. (APASM), Fajl Alġerija 1932-39, 1940-49, 1960-69.
60. *Ibid.*
61. *Ibid.*
62. Imwieled Montegiorgio, fil-Marche, l-Italja fl-1915, Trapè mexxa l-Ordni bejn l-1965 u l-1971. Skular kbir tal-kitbiet ta' Santu Wistin, waqqaf l-*Istituto Patristico «Augustinianum»* f'Ruma flimkien ma' P. Prospero Grech OSA., futur kardinal, li serva bħala l-ewwel president tiegħu. Miet Ruma fl-1987.
63. (APASM), Fajl Alġerija 1932-39, 1940-49, 1960-69.
64. *Ibid.*
65. *Ibid.*
66. *Ibid.*
67. (APASM), Fajl Alġerija 1970-79, 1980-89.
68. L-awtur preżenti li kif diġà ntqal kien qrib ħafna ta' P. Bonaventura kien spiss jakkumpanjah fil-funerali ta' saċerdoti djoċesani u reliġjużi minn Ordnijiet differenti, u waqt li kien iżur bi ħrara l-katavri esposti tagħhom u wara li jberikhom bl-asperġis preżenti fil-post kien jitbaxxa minkejja l-età sabiex ibus id il-mejjet, qatt ma rah kommoss daqs dakinhar tal-funerali ta' Fra Grazzja u tal-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini Leopoldo Tabone u Stiefnu Barbara, Bormliżi bħalu, li fi kliemu stess "mar ħafna lura" meta waslitlu l-aħbar tal-mewt tagħhom.
69. Xhieda ta' P. Peter Paul Cachia OSA., mibgħuta lill-awtur.
70. Xhieda ta' P. Luċjan Borg OSA., mibgħuta lill-awtur.
71. Chetcuti, Bonaventura (19.03.2005), "Apprezzament: Fra Grazzja M. Gauci O.S.A.", *Leħen is-Sewwa*, p. 10.
72. Xhieda ta' P. Luċjan Borg OSA., mibgħuta lill-awtur.
73. *Ibid.*

74. Korrispondenza mibgħuta minn *Monsieur* Vella lill-awtur datata 26.01.2015 bil-Franċiż.
75. Xhieda ta' P. Luċjan Borg OSA., mibgħuta lill-awtur.
76. *Ibid.*
77. *Ibid.*
78. (APASM) - Fajl P. Bonaventura Chetcuti OSA - Mixxellanja /1, "*Mid-Djarju Tiegħi Missjunarju: Sensiela ta' artikli qosra ippubblikati fir-rivista ta' Santa Rita, Perjodiku Agostinjan matul is-snin 1965-1968*", p. 30.
79. *Ibid.*, pp. 12, 13.
80. (APASM), Fajl Alġerija 1970-79, 1980-89.
81. Caruana, Salvino (2005), *San Possidju: Il-Ħajja ta' Santu Wistin*, p. 159.
82. *Ibid.*, p. 160.
83. *Ibid.*, pp. 160, 161.
84. *Ibid.*, pp. 162, 163.
85. *Ibid.*, p. 173.
86. (APASM), Fajl Fra Grazzja Gauci: Ċirkulari Provinċjali 2005/2.
87. (APASM), Fajl Fra Grazzja Gauci: Fra Grazia Gauci. 10-02-1911 – 08-02-2005.
88. *Ibid.*
89. (APASM) - Fajl P. Bonaventura Chetcuti OSA - Mixxellanja /1, "*Mid-Djarju Tiegħi Missjunarju: Sensiela ta' artikli qosra ippubblikati fir-rivista ta' Santa Rita, Perjodiku Agostinjan matul is-snin 1965-1968*", p. 6.
90. *Ibid.*, pp. 5, 6.
91. Gatt, Ugolin M. (Ott. 1973), "Algeria: La Posizione della Chiesa e dell'Ordine al momento attuale", (73/141), *OSA Internazionalia*, p. 150.
92. (APASM), Fajl Alġerija 1970-79, 1980-89.
93. *Ibid.*
94. *Ibid.*
95. *Ibid.*
96. Mid-diskors "*Can Christianity Survive Persecution?*" dwar il-Knisja fl-Alġerija mogħti minn Mons. Henri Teissier, Arċisqof Emeritu tal-Alġier, f'Malta fit-12 ta' Mejju 2014.
97. Gatt, Ugolin M. (Ott. 1973), "Algeria: La Posizione della Chiesa e dell'Ordine al momento attuale", (73/141), *OSA Internazionalia*, p. 149.
98. (APASM), Fajl Fra Grazzja Gauci: Fra Grazia Gauci. 10-02-1911 – 08-02-2005.
99. Chetcuti, Bonaventura (Mejju/Ġunju 1983), "Tifkiriet ta' 25 sena fl-Afrika ta' Fuq", *Santa Rita: Perjodiku Agostinjan*, ħarġa nru. 3, p. 9.
100. Cini, Liberat (Mejju/Ġunju 1983), "L-Agostinjani Maltin fit-Tuneżija llum", *Santa Rita: Perjodiku Agostinjan*, ħarġa nru. 3, p. 11.
101. *Ibid.*, p. 12.
102. Interessanti nsemmu li Fra Grazzja kien intenzjonat li jirritorna lura Għawdex wara l-Kapitlu Ordinarju Provinċjali tal-1955. Infatti, fl-arkivju tal-kunvent ta' Santu Wistin tar-Rabat, Għawdex, fil-*Libro delle Lettere Circolari* [20 ta' Lulju 1933], 21 ta' Mejju 1955, (No RIC 03) u fil-*Libro delle Proposte* 1925, p. 150 (No PRO 36),

insibu mniżżel: Fil-21 ta' Mejju 1955, il-Kunvent ta' Santu Wistin ta' Għawdex, wara l-Kapitlu Ordinarju Provinċjali bl-elezzjoni tal-Provinċjal ġdid Patri Marjan Sammut, il-komunità ta' Għawdex tiġi ffurmata hekk: Pirjol Patri Martinjan Cutajar u jinħatar ukoll bħala Direttur tat-Terzjarji, taċ-Ċinturati u tal-Ommijiet Insara; Sotto Pirjol, Patri Simpliċjan Gatt; Patri Anton Zammit; Patri Gabriel Farrugia; Patri Mark Cauchi; Patri Stiefnu Scicluna. Kunversi: Fr. Gratia Gauci u Fr. Karmnu Buttigieg (*Libro delle Lettere Circolari* [20 ta' Lulju 1933], No RIC 03). Madankollu baqa' l-Alġerija. Fix-xhieda mogħtija mbagħad minn Carmela Cauchi, qariba ta' Fra Grazzja, ħareġ li tal-inqas darba l-Fra seħħlu jżur Għawdex tul iż-żmien li fih kien assenjat l-Alġerija, probabbilment għal xi ġranet ta' mistrieħ. Hija semmiet infatti li mar iżur lil zijietu Nozzi u Dun Lawrenz fid-dar tagħhom fi Triq Wileġ f'San Lawrenz fejn għadha toqgħod hi u stqarret li peress li qatt qabel ma kienet ratu, semmiet m'ommha Marija li z-zijiet ġie jżurhom patri jiġi minnhom "fih raġel kbir" (il-Fra kien fih sitt piedi bi tnejn), u ommha dlonk qaltilha li ma seta' kien ħadd ħlief il-kuġin tagħha li kien l-Alġerija. Tajjeb insemmu wkoll li matul l-istess xhieda tagħha, Carmela semmiet li Fra Grazzja lura f'żgħożitu xtaq isir qassis, dan almenu kif kienet tisma' tgħid lil ommha. Hija żiedet issemmi infatti li zijuh "Dun Lawrenz ma ħallaslux." X'kienet ir-raġuni vera wara dan diffiċli wieħed jgħid, għax tagħrif aktar dwarha qatt ma ssemma mkien. Jista' jkun li da parti tiegħu, Dun Lawrenz ma kellux patrimonju x'joffrilu, imma kieku tassew Żaren ried isir saċerdot, kien faċli jersaq għal dan il-għan bis-sħubija tiegħu f'ordni reliġjuż. Raġuni li setgħet wasslet biex ikun eventwalment aċċettat bħala ajk u ma nbditlux it-triq għas-saċerdozju seta' kien ukoll il-fatt li bħala akkademika ftit li xejn kellu. Setgħet għalhekk kienet id-direzzjoni tal-istess superjuri tiegħu meta resaq għad-dħul tiegħu fl-Ordni li l-assenjazzjoni tiegħu tkun propju dik ta' ajk profess, inkella kienet l-istess rassenjazzjoni tiegħu li talbet dan.

Rigward vjaġġi tiegħu 'il barra mill-Alġerija, it-tagħrif waħdan li seta' jinstab kien fl-arkivju tal-kunvent ta' San Mark fir-Rabat ta' Malta, f'ġabra ta' ittri ta' P. Ugolin M. Gatt (1908 - 1987), li fihom naqraw li l-Fra kien kien nieqes tal-inqas darbtejn minn Annaba matul ir-rettorat tal-istess P. Ugolin u l-provinċjalat ta' P. Alberto Borg (1919 - 2012). Infatti f'ittra datata 28 ta' Ottubru 1975, mibgħuta minn P. Ugolin lil P. Bert naqraw tagħrif dwar biljett tal-ajru li l-Fra "*aveva fatto prima di partire*". Dwar in-nuqqas tal-Fra f'tali okkażjoni, P. Ugolin iżid isemmi li ċ-ċirkustanza kienet waħda tassew provvidenzjali: "*Dio ci ha fatto tre grazie:* [la prima] *che Fra Grazia non è stato qui; il colpo sarebbe stato assai duro per lui*". Il-"*colpo*" li dwaru jitkellem P. Ugolin kienet l-okkupazzjoni tal-Bażilika ta' Santu Wistin mill-Armata Nazzjonali Alġerina fil-15 ta' Ottubru 1975, li dwarha kiteb lill-Provinċjal, kif stqarr hu stess "*con le lacrime agli occhi*", dakinhar stess li seħħ il-każ, ittra li għalkemm fiha l-Fra ma jissemmiex, P. Ugolin jagħlaq billi jsejjaħ il-każ bħala "*il più ingrato della mia vita sacerdotale*". Jekk għal P. Ugolin il-każ kien daqstant ta' wġigħ il-qalb, għall-Fra, li għalih il-bażilika kienet tfisser tant, żgur li kif allura qal P. Ugolin il-"*colpo*" kien ikun tassew wieħed kbir għalih. Eventwalment, l-okkupazzjoni ġiet fi tmiemha fis-27 ta' Ottubru tal-istess

sena, kif naqraw minn ittra oħra ta' P. Ugolin mibgħuta lill-Provinċjal fl-istess jum. Il-Fra kien mibgħut Malta għal xi osservazzjonijiet wara s-sintomi serji li dehru fuqu propju f'dak il-perjodu u li dwarhom tkellimna aktar 'il fuq. Forsi kien għalhekk ukoll li P. Ugolin ħassu aktar rasu mistrieħa għall-fatt li l-Fra ma kienx preżenti meta seħħ dan kollu, għax barra r-rabta partikolari tiegħu mal-bażilika, dik il-ħabta saħħet Fra Grazzja ma kinitx tajba. Eventwalment il-Fra siefer Lourdes bejn "*la fine di luglio ed i primi giorni d'agosto*" kif bagħat jgħarraf P. Ugolin lill-Provinċjal f'ittra datata l-10 ta' Mejju 1976, idea li ferrħet lil P. Bert li fit-28 tal-istess xahar fir-risposta tiegħu niżżel: "*Sono contento che Fra Grazia andrà a Lourdes, se lo merita questo svago. Che vada e che la Madonna lo protegga; digli di ricordarsi di me e di tutta la Provincia quando sarà davanti alla Vergine*". Il-vjaġġ sar minn Annaba għal Marsilja, minn din tal-aħħar għal Lourdes u bil-maqlub, u tul il-vjaġġ ifforma parti minn grupp ta' pellegrini minn Marsilja, kif insibu f'ittra tad-9 ta' Mejju 1976 li P. Ugolin bagħat lil P. Luċjan Borg.

103. Borg, Luċjan (Mejju/Ġunju 1983), "Il-Missjoni Agostinjana Maltija fl-Alġerija tal-lum", *Santa Rita: Perjodiku Agostinjan*, ħarġa nru. 3, p. 13.
104. (APASM), Fajl Fra Ġużepp Bonnici: Ċirkulari Provinċjali 2005/11.
105. Xhieda ta' P. Peter Paul Cachia OSA., mibgħuta lill-awtur.
106. *Ibid.*
107. *Ibid.*
108. Xhieda mgħoddija *viva voce* minn Carmela Cauchi, lill-awtur, fil-preżenza ta' P. Joseph Zammit.
109. Pawla mietet ta' 81 sena fit-13 ta' Frar 1957 u ndifnet mill-ewwel f'Taż-Żejt fil-qabar 51A kif insibu mniżżel fil-*Liber Septimus Mortuorum* tal-parroċċa tal-Għarb, p. 134, reg. 396. Madankollu dwar il-missier, Salvatore, ma seta' jinstab l-ebda tagħrif la fl-arkivji parrokkjali ta' San Lawrenz, la f'dawk tal-Għarb u lanqas fl-Insinwa. L-arkivji parrokkjali tal-Għarb iniżżlu lil ċertu Salvatore Gauci, iben Giuseppe u Maria xebba Debrincat, li miet ta' 38 sena fil-21 ta' Settembru 1906, li iżda huwa individwu ieħor u mhux missier il-Fra, li bla dubju kien għadu ħaj bejn din l-aħħar sena l-1911 għax huwa reġistrat li kellu żewġt itfal oħra: lil Ġużeppi u lill-Fra nnifsu.
110. Xhieda mgħoddija *viva voce* minn Ġanninu Cremona, lill-awtur, fil-preżenza ta' P. Peter Paul Cachia OSA.
111. Patri Martinjan huwa kkwotat ukoll li darba darba ddeskriva lil Frenċ tal-Għarb, kompajżan tal-Fra, bħala "bniedem li kien jegħleb kull diffikultà għax kellu fiduċja bla limiti fil-Madonna." Imwieled il-Belt, miet id-Dar tal-Kleru ta' 75 sena fil-5 ta' Settembru 1992. Ta' min isemmi li Frenċ kien midħla tal-Agostinjani, għax spiss kien jitla' l-kunvent ta' Santu Wistin tar-Rabat ta' Għawdex biex iqerr għand P. Simpliċjan Gatt OSA., li miet ta' 77 sena fit-18 ta' Awwissu 1963.
112. Xhieda ta' Carmelo Schembri mgħoddija bil-miktub lil P. Adeodato C. Schembri OSA..
113. Xhieda ta' Mons. Rosario J. Borg mgħoddija bil-miktub lil P. Peter Paul Cachia OSA.

114. (APASM), Fajl Fra Grazzja Gauci.
115. *Ibid.*
116. *Ibid.*
117. *Ibid.*
118. *Ibid.*
119. Xhieda mgħoddija *viva voce* mill-Kanonku Dun Achille Cauchi lill-awtur. Nota: Fir-realtà il-parroċċa dik il-ħabta ma kellha l-ebda sagristan fiss, imma kien hemm tliet persuni li b'mod voluntier, kienu jaqsmu l-ħidma bejniethom, inkluż il-ftuħ u l-għeluq tal-istess knisja. Fra Grazzja kien wieħed minnhom. Ġużeppi Agius, residenti fi Triq il-Knisja, ftit passi bogħod minn fejn kienu joqogħdu l-aħwa Gauci, stqarr ma' P. Joseph Zammit OSA., li meta min kien soltu jiftaħ il-knisja filgħodu kien jinzerta ma jistax jagħmel dan, filgħaxija kien jieħu l-imfietaħ lill-Fra u dan kien jinkwetah ħafna, forsi għax kien iħoss li din kienet responsabbiltà partikolari għalih, li jżomm iċ-ċwievet tal-knisja f'dar ħuh. Madankollu minn diversi xhieda jidher li spiss kien ikun hu li jiftaħ il-knisja filgħodu, idoqq il-qniepen u jixgħel ix-xemgħat.
120. Xhieda mgħoddija *viva voce* mill-koppja Giuseppe u Elizabeth Frendo, lill-awtur, fil-preżenza ta' P. Joseph Zammit OSA.
121. Tagħrif ġentilment mogħti minn Mons. Joseph Sultana, Arċipriet tal-Għarb.
122. Arkivju Kunvent Santu Wistin, Għawdex: *Esitu Ciberie*, Ottubru 1982 - Diċembru 1985, no. 43.
123. Xhieda ta' P. Peter Paul Cachia OSA., mibgħuta lill-awtur.
124. Xhieda ta' Tonina Attard mgħoddija lil P. Adeodato C. Schembri OSA.
125. Xhieda mgħoddija *viva voce* minn Ursula Vella, lill-awtur, fil-preżenza ta' P. Peter Paul Cachia OSA.
126. Xhieda mgħoddija *viva voce* minn P. Żaren Saliba OSA., lill-awtur.
127. (APASM), Fajl Alġerija 1932-39, 1940-49, 1960-69.
128. (APASM), Fajl Alġerija 1970-79, 1980-89.
129. *Ibid.*
130. *Ibid.* Nota: Għalkemm il-Fra ma wasalx fid-data mistennija, Malta niżel xorta waħda sforz tal-qagħda ta' saħħtu, kif naraw mill-ittri ta' P. Ugolin M. Gatt konservati fl-arkivju tal-kunvent ta' San Mark fir-Rabat ta' Malta. Gatt infatti, fit-28 ta' Ottubru 1975, kiteb lill-Provinċjal u fost l-oħrajn tkellem dwar il-biljett tal-ajru tal-Fra, bir-ritorn tiegħu "*via Tunisi*". Wara li l-ewwel attentat tal-Fra li jinżel Malta falla, kif naraw mit-telegramma mibgħuta minn P. Luċjan, ir-ritorn tiegħu ukoll sab xi diffikultà "*a causa del maltempo*" u kawża t'hekk "*l'aereo non venne da Tunisi*", kif bagħat jgħarraf il-Provinċjal lil P. Ugolin f'ittra mibgħuta fl-4 ta' Novembru. Minnha naqraw li l-Fra kellu jidħol lura l-Alġerija fil-jum ta' qabel. Eventwalment wasal lura fl-10 ta' Novembru, kif insibu mniżżel f'ittra oħra ta' P. Ugolin datata 14 tal-istess xahar, wara titjira minn Malta għal Tuneż u finalment għal Annaba biċ-"*Char*".
131. *Ibid.*
132. *Ibid.* Nota: F'ittra oħra mibgħuta minn P. Ugolin Gatt lill-istess P. Luċjan datata

14 ta' Novembru 1975, naqraw li "*tra molte notizie belle, v'è il verdetto del Prof. Maempel che il Fratello non ha niente di serio. Evidentemente l'espressione ed il colore sono d'una sanità e di una salute ottima. Questo secondo l'espressione della Madre Superiora; ed è così*".

133. Xhieda ta' P. Luċjan Borg OSA., mibgħuta lill-awtur.
134. Xhieda ta' P. Peter Paul Cachia OSA., mibgħuta lill-awtur.
135. Xhieda ta' P. Luċjan Borg OSA., mibgħuta lill-awtur.
136. (APASM), Fajl Fra Grazzja Gauci.
137. *Ibid*.
138. *Ibid*.: Ċirkulari Provinċjali 2005/2. Nota: Fin-nekroloġju bit-Taljan il-Provinċjal P. Luċjan Borg niżżel li Gauci daħal id-Dar tal-Kleru fl-1994 u fil-korrispondenza tagħha mal-awtur, Swor Rose Zammit tal-Qaddejja taċ-Ċenaklu tagħti d-data bħala s-7 ta' Settembru, jiġifieri propju l-għada li l-Provinċjal P. Adeodat kiteb it-talba tiegħu biex Fra Grazzja jkun aċċettat bħala resident fid-Dar.
139. (APASM), Fajl Fra Grazzja Gauci.
140. Xhieda ta' P. Adeodato C. Schembri OSA., mibgħuta lill-awtur
141. *Ibid*.: Fra Grazia Gauci. 10-02-1911 – 08-02-2005.
142. Xhieda mgħoddija *viva voce* minn P. Deo Debono OSA., lill-awtur.
143. Xhieda kumpilata mill-Qaddejja taċ-Ċenaklu, mibgħuta lill-awtur.
144. *Ibid*.
145. (APASM), Fajl Fra Grazzja Gauci.
146. Xhieda kumpilata mill-Qaddejja taċ-Ċenaklu, mibgħuta lill-awtur.
147. Xhieda ta' P. Luċjan Borg OSA., mibgħuta lill-awtur.
148. *Ibid*.
149. Chetcuti, Bonaventura (19.03.2005), "Apprezzament: Fra Grazzja M. Gauci O.S.A.", *Leħen is-Sewwa*, p. 10.
150. (APASM), Fajl Fra Grazzja Gauci: Ċirkulari Provinċjali 2005/2. Nota: Swor Nicolina Axisa tal-Qaddejja taċ-Ċenaklu li assistietu fil-mewt tiegħu xehdet li "fl-aħħar ġranet moħħu ma baqax daqshekk ċar u kien xi ftit imħawwad", f'korrispondenza mibgħuta lill-awtur minn Swor Rose Zammit.
151. (APASM), Fajl Fra Grazzja Gauci: *Case Summary*, 07.10.1996, Sptar San Luqa, G'Mangia.
152. *Ibid*.: *Certificate of Death and Cause Thereof*.
153. *Ibid*.
154. Chetcuti, Bonaventura (19.03.2005), "Apprezzament: Fra Grazzja M. Gauci O.S.A.", *Leħen is-Sewwa*, p. 10.
155. (APASM), Fajl Fra Grazzja Gauci: Ċirkulari Provinċjali 2005/2.
156. Social and Personal: Obituary, "*The Times of Malta*", 10.02.2005.
157. Chetcuti, Bonaventura (19.03.2005), "Apprezzament: Fra Grazzja M. Gauci O.S.A.", *Leħen is-Sewwa*, p. 10.
158. Peress li kien magħruf li kien bniedem li jimpressjona aktarx ruħu, sforz tal-età avvanzata tiegħu, P. Bonaventura, li dik il-ħabta kien jgħodd 86 sena, inħass li jkun aħjar għalih li ma jidħolx jara l-katavru tal-kumpann tiegħu għal tant snin,

peress li dan kien nixef b'mod u manjiera li żgur kien iħalli immaġini kommossa f'moħħ P. Bonaventura.

159. Chetcuti, Bonaventura (19.03.2005), "Apprezzament: Fra Grazzja M. Gauci O.S.A.", *Leħen is-Sewwa*, p. 10.
160. Ċimiterju Santa Marija Addolorata, Raħal Ġdid: *Burial Register No. 130 (30.12.2004 - 30.12.2005), Burial Reference No. 275622, Burial Permit No. 36655.*
161. (APASM), Fajl Fra Grazzja Gauci.
162. *Ibid*.: Ċirkulari Provinċjali 2005/2.
163. *Ibid*.: Fra Grazia Gauci. 10-02-1911 – 08-02-2005.
164. (APASM), Fajl Fra Grazzja Gauci.
165. Xhieda kumpilata mill-Qaddejja taċ-Ċenaklu, mibgħuta lill-awtur.
166. KPR 13/2014RF.
167. ĊP07-2014RF: "L-intenzjoni li nibdew il-kawża tal-beatifikazzjoni ta' Fra Grazzja Gauci OSA".
168. ĊP20-2016RF: "Proċess ta' Fra Grazzja".
169. Abdilla, Raphael (2014), "Editorjal", Ħolqa Bejnietna: Rivista interna tal-Provinċja Agostinjana ta' San Mark (Malta), maħruġa mis-Segreterija Provinċjali, Kunvent S. Wistin, Valletta (Malta), Novembru-Diċembru 2014/4.
170. Cachia, Peter Paul (2016), *350 Sena mit-Twaqqif tal-Knisja fir-Rabat, Għawdex*, p. 178.
171. (APASM), Fajl Alġerija 1932-39, 1940-49, 1960-69.
172. Gatt, Ugolin (Mejju/Ġunju 1983), "Bidla mill-egħruq fil-Missjoni tagħna fl-Afrika ta' Fuq", *Santa Rita: Perjodiku Agostinjan*, ħarġa nru. 3, p. 16.
173. Anon. (Mejju/Ġunju 1983), "Il-Bażilika ta' Santu Wistin fuq il-Għolja ta' Ippona, *Santa Rita: Perjodiku Agostinjan*, ħarġa nru. 3, p. 2.

# Biblijografija

## Arkivju Provinċjali Valletta (APASM):

Fajl Fra Grazzja Gauci;
Fajl P. Bonaventura Chetcuti OSA - Mixxellanja /1;
Fajl P. Ġwann Xerri;
Fajl P. Liberat Cini;
Fajl P. Mikiel Mizzi;
Fajl Fra Ġużepp Bonnici.

Fajl Alġerija 1932-39, 1940-49, 1960-69;
Fajl Alġerija 1970-79, 1980-89.

Letard, Emanuele: *L'Ordine Agostiniano di Malta e Gozo, vol. XII (1928-1931)* (*pro ms.*);
Xuereb, P. Ferdinand: *Bibljografija tar-Reliġjużi Agostinjani Maltin* (*pro ms.*).

## Arkivju Kunvent San Mark, Rabat

Ittri ta' P. Ugolin M. Gatt.

### Arkivju Kunvent Santu Wistin, Għawdex

*Esito Ordinario e Straordinario 1922-1934*;
*Esitu Ciberie*;
*Libro delle Lettere Circolari*;
*Libro delle Proposte*;
German, Antonino M. (1923), *Diario Agostiniano: Memorie del Convento del Gozo, Anno Domini 1923* (*pro ms.*).

### Arkivju Kurja Djoċesana, Għawdex

Fajl Lorenzo Gauci;
Fajl Nazzareno Gauci.

### Arkivju Parroċċa San Lawrenz, Għawdex

*Liber Matrimoniorum*, vol. 1;
*Liber Mortuorum*, vol 1.

### Arkivju Parroċċa Għarb, Għawdex

*Liber Baptizatorum*, vol. 5 (1885-1914);
*Liber Septimus Mortuorum* (1939 - 1989).

### Fondazione Papa Giovanni XXIII, Bergamo

*Fondo Papa Giovanni XXIII* (Algeria, 1950).

## Pubblikazzjonijiet:


Attard, Lawrence E. (1989), *The Great Exodus.*

Bajot, Louis-Marie (1842), *Annales maritimes et coloniales*, tome ii.

Borg, Serafin (1996), *Reliġjużi Agostinjani Għawdxin.*

– (2004), *Agostinjani Għawdxin tul iż-żmien: Min kienu? Għaliex jistħoqqilhom li ma jintesewx?.*

*Dictionnaire Historique de la langue française 2* (2000).

Cachia, Peter Paul (2016), *350 Sena mit-Twaqqif tal-Knisja fir-Rabat, Għawdex.*

Caruana, Salvino (2005), *San Possidju: Il-Ħajja ta' Santu Wistin.*

*Catalogus Ordinis Sancti Agostini (O.S.A.)* (edizzjonijiet diversi).

Galea, Eġidju (1956), *Retour des Ermites de St. Augustin en Afrique du Nord: recueil de documents authentiques sur la rentrée des Ermites de Saint Augustin de la Province de Malte en Algérie et en Tunesie.*

– (1995), *L-Ordni Agostinjan: L-Ewwel Seklu ta' Ħajja Agostinjana fiż-Żminijiet tan-Nofs, 1244-1356.*

Lapidus, Ira Marvin (2002), *A History of Islamic Societies.*

*Oxford English Dictionary* (1989).

Prochaska, David (2004), *Making Algeria French: Colonialism in Bône, 1870-1920.*

Rocca, Giancarlo (1980), *Dizionario degli Istituti di Perfezione.*

Roncalli, Angelo Giuseppe (1963), *Souvenirs d'un nonce: Cahiers de France (1944 - 1953).*

Ropa, Laurent (1971), *L-Għanja tas-Sienja* (maqlub għall-Malti minn Ġużè Aquilina).

Stone, Harold Samuel (2002), *St. Augustine's Bones: A Microhistory.*

## Ġurnali u Rivisti:

Chetcuti, Bonaventura (19.03.2005), "Apprezzament: Fra Grazzja M. Gauci O.S.A.", *Leħen is-Sewwa*.

Ħolqa Bejnietna: Rivista interna tal-Provinċja Agostinjana ta' San Mark (Malta), maħruġa mis-Segreterija Provinċjali, Kunvent S. Wistin, Valletta (Malta), ħarġa Novembru-Diċembru 2014/4.

Merlin, Nicolas (1936), "Les églises algériennes: La Basilique Saint-Augustin à Hippone", *L'Algérie Catholique, Revue Mensuelle Illustrée*, ħarġa nru. 3, Lulju 1936.

Gatt, Ugolin M. (Ott. 1973), "Algeria: La Posizione della Chiesa e dell'Ordine al momento attuale", (73/141), *OSA Internazionalia*.

Rivista "*Santa Rita*" (1963-67, 1983, 2005).

## Ċimiterju Santa Marija Addolorata, Raħal Ġdid:

*Burial Register No. 130 (30.12.2004 - 30.12.2005).*

# Kronoloġija ta' Fra Grazzja Gauci O.S.A.

| | |
|---|---|
| 9 ta' Frar 1911 | Jitwieled l-Għarb, Għawdex, minn Salvatore u Paola xebba Caruana u jitgħammed bl-isem ta' Nazzareno fl-istess jum fil-knisja arċipretali tal-istess raħal mill-Kanonku Dun Ġużepp Grech |
| 1918 - 1923 | Jiffrekwenta l-iskola elementari tar-raħal |
| 1925 | Jidħol oblat fl-Ordni Agostinjan |
| 1929 | Jissieħeb fl-istess Ordni bħala kunvers fil-kunvent ta' Santu Mark fir-Rabat ta' Malta |
| 16 ta' Marzu 1930 | Jirċievi l-abitu Agostinjan u l-isem reliġjuż ta' Fra Grazzja |
| 1931 - 1932 | Membru tal-komunità tal-Belt Valletta |
| 1932 | Mibgħut fil-kunvent ta' Santu Wistin tar-Rabat, Għawdex |
| 24 ta' Jannar 1934 | Jagħmel il-professjoni tiegħu f'idejn P. Ġwann Battista Zerafa fil-gżira ta' Għawdex |

| | |
|---|---|
| 1935 | Jintbagħat Bona, fl-Alġerija |
| 15 ta' Awwissu 1937 | Jagħmel il-professjoni solenni tiegħu f'idejn P. Nicolas Merlin fil-Bażilika ta' Santu Wistin ġewwa l-belt ta' Bona |
| 1975 | Jidhru fuqu l-ewwel sinjali ta' mard serju |
| 1977 | Jirritorna lura Għawdex wara tnejn u erbgħin sena fl-Alġerija |
| 1985 | Iżur l-Alġerija mill-ġdid |
| 1995 | Jiddaħħal id-Dar tal-Kleru fi Fleur-de-Lys |
| 8 ta' Frar 2005 | Imut fid-Dar tal-Kleru assistiet minn ħutu l-Agostinjani u mill-Qaddejja taċ-Ċenaklu lejlet li kellu jagħlaq erbgħa u disgħin sena |
| 11 ta' Frar 2005 | Jindifen fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata f'Raħal Ġdid fl-oqbra tal-Provinċja Agostinjana Maltija wara l-quddiesa tal-funeral li saritlu fil-knisja ta' Santu Wistin, il-Belt |

# Ringrazzjamenti

L-awtur irodd ħajr qabelxejn lill-Provinċjal, P. Raymond Francalanza OSA., tal-fiduċja li wera lejh meta afdah bil-kumpilazzjoni ta' dan il-ktieb. Fl-istess waqt irodd ħajr ukoll lill-Patrijiet Josef Sciberras u Raphael Abdilla għad-dispożizzjoni tagħhom fit-tiftix ta' materjal meħtieġ; lil P. Joseph Zammit tal-interess u l-għajnuna pronta tiegħu kull meta mitluba; u lix-xhieda li għaddewlu t-tifkiriet tagħhom bil-miktub jew *viva voce* kif ġej:

**Reliġjużi Agostinjani:**

P. Luċjan Borg (Ħavana, Kuba);
P. Peter Paul Cachia (Victoria);
P. Adeodat C. Schembri (Victoria);
P. Żaren Saliba (Valletta);
P. Deo Debono (Valletta).

**Arkivju tal-Kurja tad-Djoċesi ta' Għawdex:**

Noel Formosa.

## Dar tal-Kleru:

Sr. Rose Zammit u l-Qaddejja taċ-Ċenaklu;
Mons. Norrie Bonavia.

## Xhieda:

Henri Vella (Franza);
Tonina Attard (Victoria);
Ursula Vella (Victoria);
Ġanninu Cremona (Victoria);
Carmelo Schembri (Victoria);
Mons. Ġużeppi Gauci (Victoria);
Mons. Rosario J. Borg (Fontana);
Carmela Cauchi (San Lawrenz);
Giuseppe u Elizabeth Frendo (Għarb);
Kanonku Dun Achille Cauchi (Għarb).

## Għall-għajnuna u l-interess partikolari tagħhom:

Dott. u s-Sinjura Scanlon (Għarb);
Mons. Joseph Sultana (sakemm inkiteb dan il-ktieb), Arċipriet tal-Matriċi Bażilika u Kolleġġjata tal-Għarb, fil-preżent, Arċipriet tal-Katidral tal-Assunta;
Dun Charles Sultana, Kappillan tal-Parroċċa ta' San Lawrenz.

## Alġerija:

Mons. Paul Desfarges SJ., (sakemm inkiteb dan il-ktieb), Isqof tad-Djoċesi ta' Konstantina-Ippona, fil-preżent, Arċisqof tal-Arċidjoċesi tal-Alġier;
Mons. Gabriel Piroird Ist. del Prado, Isqof Emeritu tad-Djoċesi ta' Konstantina-Ippona;
Dun Michel Guillaud, Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi ta' Konstantina-Ippona;
P. Ambroise Tshibangu OSA., Rettur tal-Bażilika ta' San Wistin ta' Annaba;
Dun Jean-Pierre Henry, Direttur tal-Arkivju Storiku tal-Arċidjoċesi tal-Alġier.

## Għajnuna oħra:

Ġorġ Borg (San Lawrenz);
P. David Cortis OSA., (Rabat);
*Fondazione Papa Giovanni XXIII* (Bergamo).

Finalment, l-aħħar u mhux l-inqas, lill-Kardinal Loris Francesco Capovilla († 26.05.2016), tat-titlu ta' *Santa Maria in Trastevere*, Prelat Emeritu ta' Loreto, segretarju privat tal-Kardinal Angelo Giuseppe Roncalli matul il-perjodu li fih serva bħala Patrijarka ta' Venezja bejn l-1953 u l-1958, meta kien elett Papa Ġwanni XXIII, b'Capovilla jissokta l-istess irwol tiegħu mal-Papa l-ġdid sakemm miet fl-1963. Radd il-ħajr speċjali jmur għall-Kardinal li ta' 99 sena, għoġbu jilqagħni fir-residenza tiegħu f'Sotto il Monte Giovanni XXIII, fejn Ġwanni XXIII twieled fl-1881 u aktar minn hekk, jislet kelmtejn ta' introduzzjoni għal dan il-ktieb minkejja d-diffikultajiet li ġġib magħhom l-età. Miegħu,

radd il-ħajr partikolari jmur ukoll għal Mons. Gabriel Piroird Ist. del Prado, li minkejja l-età u l-qagħda ta' saħħtu ta' 84 sena, għoġbu jaċċetta t-talba tiegħi u jissieħeb huwa wkoll fil-kitba ta' dan il-ktieb, permezz ta' studju bit-tema l-għala l-Knisja għażlet li ma tħallix l-Alġerija, fl-ispirtu tal-ħajja ta' Santu Wistin, miktuba minn San Possidju, kif ippreżentat f'kapitlu tletin tal-Ħajja tal-Isqof ta' Ippona.

# Addenda

## Titlaq jew tibqa'?



**Mons. Paul Desfarges SJ., fil-preżent Arċisqof tal-Alġer, f'ritratt meħud meta kien għadu Isqof tad-Djoċesi Konstantina-Ippona, mal-predeċessur tiegħu, Mons. Gabriel Piroird Ist. del Prado (Ħajr lil Dun Michel Guillaud).**

Meta Quodvultdeus u Onorat jistaqsu lil Wistin jekk jaħsibx u jekk jaqbilx li s-saċerdoti għandhomx jistaħbew mit-theddida tal-Vandali, l-Isqof ta' Ippona jippreferi jirrispondi lil dawn iż-żewġ ħutu fl-episkopat b'mod ġenerali. Huwa kellu f'rasu l-istess attitudni ta' Ċiprijanu minn Kartaġni, l-isqof li daħal f'din il-belt b'mod klandestin fis-sena 250, u li fis-sena 258 kellu jaffaċċja l-martirju.

Is-saċerdoti u r-reliġjużi tal-Knisja tal-Alġerija kellhom huma wkoll, għal darbtejn, iħabbtu wiċċhom mal-istess realtà: jibqgħux fil-pajjiż jew jitilqux. Dawn l-isfidi għaddew minnhom meta l-pajjiż ħa l-Indipendenza tiegħu fis-sena 1962 u bejn is-snin 1990 - 2000, li matulhom, il-vjolenza terroristika kienet kontinwament preżenti. Xejn komparabbli bejn iż-żewġ perjodi.

## Fi żmien l-Indipendenza

Meta spiċċat il-Gwerra għall-Indipendenza tal-Alġerija - gwerra li kienet waħda twila ferm - il-pajjiż kellu miljuni ta' persuni, li miljun minnhom, kienu dawk li kienu jsejħulhom "*pieds-noirs*": hekk kienu magħrufin l-Ewropej li kienu ilhom jgħixu fl-Alġerija sa minn diversi ġenerazzjonijiet. Fis-sena 1962, 800,000 minn dawn ta' dixxendenza Ewropea, kellhom iħallu l-Alġerija u jmorru Franza. Il-kappillani bdew jaraw il-parroċċi tagħhom, il-knejjes tagħhom, jiżvojtjaw; l-iskejjel tal-knisja wkoll bdew jitbattlu. Għalhekk sikwit kienu jistaqsu: għandna nibqgħu jew immorru?

Dawk is-saċerdoti u r-reliġjużi - li kienu ħaga waħda mal-Alġerini Musulmani - kienu pjuttost ftit. Kienu gruppi żgħar u speċjalizzati, bħall-Patrijiet il-Bojod u s-Sorijiet il-Bojod, kongregazzjoni reliġjuża li twaqqfet propju fl-Alġerija. Għaldaqstant, ġara li f'dan il-perjodu, ħafna mill-bqija tas-saċerdoti u r-reliġjużi bdew iħallu l-pajjiż, skont ma għamlu l-popli tagħhom.

Madankollu, xi wħud minn fost il-lajċi Nsara, saċerdoti u reliġjużi, kienu jemmnu li l-poplu Alġerin Musulman kien jifforma wkoll parti mill-poplu tagħhom. F'din id-deċiżjoni tagħhom kienu mdawlin, mingħajr ebda dubju, minn figura notevoli li mmarkat l-istorja tal-Knisja fl-Alġerija: il-Kardinal Leon-Étienne Duval. Qabel ma sar isqof ta' Konstantina fis-sena 1947, Duval kien jgħallem fi Franza, id-duttrina soċjali tal-Knisja. F'Konstantina mbagħad, seħħlu jimmatura

esperjenza solida u stabbilita permezz ta' bosta kuntatti. Meta ġie nnominat Arċisqof tal-Alġier fis-sena 1954, kienet għadha kemm faqqgħet propju f'dik is-sena, il-Gwerra tal-Indipendenza. Sa mill-bidu, huwa kellu diġà kliem ċar: ma kien jara għal Franza ebda futur fl-Alġerija li jagħti pożizzjoni ġusta u rispettabbli għall-poplu Musulman Alġerin; kien fost l-ewlenin li pprotesta kontra t-tortura. Kontinwament kien jitlob lill-awtoritajiet biex issaltan il-paċi: "Jiena nemmen li l-imħabba fraterna hija l-epifanija ta' kull messaġġ Nisrani. Huwa biss b'dan il-mod, li l-verità tal-Vanġelu tkun qiegħda tiġi murija".[1] Fl-Indipendenza stqarr li l-Knisja tinsab f'darha f'kull post u li f'Alġerija hija ser tkun għaldaqstant, Alġerina. Offra lill-poplu Alġerin Musulman diversi postijiet tal-Knisja li sa dawk iż-żminijiet kienu jservu biss għall-Ewropej u beda jsejjaħ lis-saċerdoti u r-reliġjużi biex huma wkoll jidħlu f'din id-dinamika. Eżempju ta' dan kien is-saċerdot Jean Franchimont li kien iservi fl-Alġier. Franchimont kien jgħin lil dawk iż-żgħażagħ Musulmani li kienu jixtiequ jmorru l-iskola, żgħażagħ li l-għatba ta' din l-aħħar, ma kienu rifsuha qatt. Tali ħidma bdieha fiċ-ċentru tal-Alġier il-Qadima: fil-Kasbah. Ma



**Il-Kardinal Léon-Etienne Duval (1903 - 1996), kellu ġilda bilkemm biżżejjed biex tgħattilu l-qafas mgħaddam ta' persuntu, madankollu kien figura ġganteska fl-istorja tal-Knisja fl-Alġerija li l-pożizzjoni tiegħu wasslitu biex jissejjaħ bħala "*Mohammed Duval*" u saħansitra "traditur", bniedem li kif stqarr San Ġwanni Pawlu II fl-okkażjoni tal-mewt tiegħu, sejjer "jibqa' ta' dawl u ta' inkoraġġiment fi triq twila u diffiċli f'mument li fih il-komunità Nisranija fl-Alġerija qed tiffaċċja żminijiet ta' prova".**

kienx jaċċetta studenti li kienu jafu diġà l-iskola u li kienu jersqu lejh għax ikunu fallew minn xi eżami, iżda adoloxxenti żgħażagħ li qatt f'ħajjithom ma kienu marru skola! Ħafna kienu dawk is-saċerdoti li fejn qabel ma kinux involuti fi skejjel jew kliniċi tal-Knisja, bdew issa jservu ta' għalliema u infermiera u bdew jieħdu f'idejhom attivitajiet professjonali bħat-tagħlim fl-iskejjel u x-xogħol ta' infermiera jew tobba fl-isptarijiet pubbliċi Alġerini. Kien permezz t'hekk li dawn is-saċerdoti u reliġjużi setgħu jidħlu f'kuntatt mal-poplu Alġerin.

## U minn Ippona, *x'ġara*?

Mill-bidu nett tal-kolonizzazzjoni, il-Knisja kellha bħala referenza, li l-Kristjaneżmu kien darba ffjorixxa f'din l-art tal-Afrika ta' Fuq fi żmien il-qedem; kienet hi li tat ħajja ġdida lill-Knisja bil-figura ferm importanti ta' Santu Wistin. Mons. Dupuch, l-ewwel isqof tal-Alġier (1838 - 1846), ħaseb għal proġett biex jibni bażilika fuq l-għolja ta' fejn kien hemm il-fdalijiet tal-belt antika ta' Ippona. Dan il-proġett kellu jistenna sas-sena 1881 biex titqiegħed l-ewwel ġebla tiegħu u kellha tasal is-sena 1900 sakemm din il-binja ġiet kompluta. Afdata f'idejn l-Agostinjani sa mis-sena 1933, responsabbli minnha kienet il-Provinċja Agostinjana Maltija, filwaqt li kellek ħafna Nsara ta' oriġini Maltija li kienu jgħixu fir-reġjun.

Fi żmien l-Indipendenza, il-biċċa l-kbira tas-saċerdoti tar-reġjun ta' Annaba, ħadu l-inizjattiva li jkollhom xi attività professjonali qalb l-Alġerini. L-Agostinjani ssuktaw għalhekk għaddejjin bil-ministeru pastorali fil-bażilika, b'mod partikolari mal-familji ta' diversi ħaddiema ta' kumpaniji Taljani li kienu jaħdmu f'siti ta' kostruzzjoni fir-reġjun. Din l-orjentazzjoni ta' diversità ta' ħidma fi ħdan il-Knisja mhux dejjem kienet waħda armonjuża bejn il-patrijiet tal-kollina ta' Ippona u l-kleru t'"isfel" (jiġifieri dak tal-belt ta' Annaba).

## Matul is-snin ta' vjolenza terroristika

Mhuwiex il-waqt li nitkellem fuq x'wassal għal din il-vjolenza li kellha bidu fl-aħħar tas-snin tmenin tas-seklu għoxrin. Kienu diversi l-gruppi Iżlamiċi armati li għamlu pressjoni qawwija fuq l-Istat u l-populazzjoni: vjolenza li ħalliet 200,000 vittma tul perjodu ta' għaxar snin, li fosthom insibu dsatax-il reliġjuż u reliġjuża - inkluż isqof - għaxra fil-mija tal-popolazzjoni Nisranija tal-pajjiż.

Ġara li fil-bidu tas-snin disgħin, din it-theddida ħraxet tant li l-gvern Alġerin beda jitlob lill-barranin biex jitilqu, almenu għal ċertu żmien. Ħafna minnhom telqu. Il-Kardinal Duval inkoraġġixxa madankollu lis-saċerdoti djoċesani u reliġjuzi biex jibqgħu.

Fil-bidu tas-sena 1994, l-isqfijiet u s-superjuri maġġuri ta' kongregazzjonijiet reliġjużi preżenti fl-Alġerija ħasbu biex jaraw kif is-sitwazzjoni kienet sejra tiżvolġi sax-xahar ta' Ġunju tal-istess sena. Fit-8 ta' Mejju dik is-sena inqatlu l-ewwel reliġjużi: Henri Vergès, Marista, flimkien ma' Swor Paule-Hélène Saint-Raymond, tal-Aħwa Żgħar tal-Assunzjoni. F'Ġunju, l-isqfijiet flimkien mas-superjuri maġġuri ħadu din id-deċiżjoni: il-preżenza tal-Knisja tibqa', imma ma tobbliga lil ħadd biex jibqa'. Kull wieħed kien imsejjaħ biex jieħu d-deċiżjoni tiegħu skont il-kuxjenza u mas-superjur tiegħu. Xi wħud kellhom jitilqu bilfors, għaliex kienu jinsabu f'postijiet kompletament weħidhom u f'sitwazzjonijiet ta' riskji kbar. Oħrajn għażlu li jibqgħu, bejn wieħed u ieħor daqs mitejn b'kollox. Bejn is-snin 1994 u 1996, sittax minnhom sfaw assassinati.

Ġewwa Ippona, xi wħud ġew imsejħin biex ikomplu l-missjoni tagħhom f'postijiet oħrajn, waqt li oħrajn baqgħu hemm, fosthom insemmu lil P. Cini u lil P. Borg. Fil-bażilika għandek għaddejja ħidma pastorali ma' numru kbir ta' studenti Afrikani mis-Saħara t'Isfel, li jaslu fil-pajjiż biex isegwu studju mħallas lilhom mill-Istat Alġerin.

Xejn komparabbli allura f'dak li huwa kuntest ta' żmien fil-każ tal-Indipendenza u dak tas-snin disgħin. Kull darba, l-awtoritajiet

ekkleżjastiċi ħadu d-deċiżjoni li l-Knisja tibqa', filwaqt li kull saċerdot u reliġjuż kellu, fuq il-kuxjenza tiegħu, jagħżel jekk jibqax jew jitlaqx.

Illum, il-Knisja tinsab f'mixja lejn il-beatifikazzjoni ta' dawk li kellhom iħallsu b'ħajjithom kaġun tad-deċiżjoni li jibqgħu. Huma ma mitux b'"mibegħda għall-fidi tagħhom", imma bħala "martri tal-imħabba", u dan għaliex il-fidi li kellhom wasslithom biex ma jibżgħux li jibqgħu minkejja r-riskju tal-mewt, u dan għamluh biex jibqgħu ma' dawk li magħhom u għalihom kellhom il-missjoni li jwasslulhom minkejja kollox, il-ħlewwa u l-imħabba ta' Alla.

† Gabriel Piroird, Isqof Emeritu ta' Konstantina-Ippona[2]

**Noti**

1. Ray, Marie-Christine (1998), *Le cardinal Duval, un homme d'espérance en Algérie,* p. 129.
2. Imwieled Lyon u ggradwat fl-inġinerija, Mons. Piroird kien ordnat saċerdot fi ħdan l-Istitut Prado fis-27 ta' Ġunju 1964. Beda l-ħidmiet tiegħu fl-Alġerija fl-1969 fejn serva bħala kurat tal-parroċċa ta' Béjaïa fir-reġjun tal-Kabylia, waqt li fl-istess waqt kien iwettaq ħidma professjonali bħala inġinier fit-taqsima idrawlika tar-reġjun. Isqof ta' Konstantina-Ippona bejn l-1983 u l-2008, illum jinsab irtirat fqu il-kollina ta' Ippona, residenti għand is-Sorijiet iż-Żgħar tal-Fqar.